Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 40/2008**

tas-16 ta' Jannar 2008

li jistabbilixxi għall-2008 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid

(ĠU L 19, 23.1.2008, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 541/2008 tas-16 ta' Ġunju 2008	L 157	23	17.6.2008
►**M2**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 641/2008 ta' l-4 ta' Lulju 2008	L 178	17	5.7.2008
►**M3**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 697/2008 tat-23 ta' Lulju 2008	L 195	9	24.7.2008
►**M4**	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/2008 ta' l-24 ta' Lulju 2008	L 198	8	26.7.2008
►**M5**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1038/2008 tat-22 ta' Ottubru 2008	L 280	3	23.10.2008
►**M6**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1128/2008 ta' l-14 ta' Novembru 2008	L 306	3	15.11.2008
►**M7**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1163/2008 ta' l-24 ta' Novembru 2008	L 314	3	25.11.2008
►**M8**	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1222/2008 ta' l-1 ta' Diċembru 2008	L 331	1	10.12.2008

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 176, 4.7.2008, p. 25 (40/2008)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 40/2008

tas-16 ta' Jannar 2008

li jistabbilixxi għall-2008 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2004 tas-26 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi l-miżuri għall-irkupru ta' stokkijiet ta' merluzz ([3]), u b'mod partikolari l-Artikoli 6 u 8 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004 tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi l-miżuri għall-irkupru ta' l-istokk ta' marlozz tat-Tramuntana ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005 ta' l-20 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru ta' l-istokkijiet tal-merluzz tan-Nofsinhar u l-awwista Norveġiża fil-Baħar tal-Kantabrija u l-peniżola ta' l-Iberja tal-Punent ([5]), u b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 8 tiegħu,

Wara li kkunsidra Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 388/2006 tat-23 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet tal-lingwata fil-Bajja ta' Biskajja ([6]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli ta' l-istokkijiet tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent ([7]), u b'mod partikolari l-Artikoli 3 u 5 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi pjan plurijannwali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana lingwata fil-Fliegu tal-Punent ([8]), u b'mod partikolari l-Artikoli 6 u 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 jesiġi li l-Kunsill jadotta l-miżuri meħtieġa biex jiġu żgurati l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi u l-iżvolġiment sostenibbli ta' attivitajiet ta' sajd fil-kunsiderazzjoni tal-pariri xjentifiċi disponibbli

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 865/2007 (ĠU L 192, 24.7.2007, p. 1).
([2]) ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.
([3]) ĠU L 70, 9.3.2004, p. 8. Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 441/2007 (ĠU L 104, 21.4.2007, p. 28).
([4]) ĠU L 150, 30.4.2004, p. 1.
([5]) ĠU L 345, 28.12.2005, p. 5.
([6]) ĠU L 65, 7.3.2006, p 1.
([7]) ĠU L 122, 11.5.2007, p. 7.
([8]) ĠU L 157, 19.6.2007, p. 1.

▼B

u, b'mod partikolari, ir-rapport imħejji mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF).

(2) Skond l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Qabdiet Totali Permessi (TAC) għal kull tip ta' sajd jew grupp ta' tipi ta' sajd. L-opportunitajiet ta' sajd għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri u pajjiżi terzi skond il-kriterji stipulati fl-Artikolu 20 ta' dak ir-Regolament.

(3) Sabiex tiġi żgurata ġestjoni effettiva tat-TACs u l-kwoti, il-kondizzjonijiet speċifiċi li taħthom iseħħu l-operazzjonijiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti.

(4) Il-prinċipji u ċerti proċeduri għall-ġestjoni tas-sajd jeħtieġ li jiġu stabbiliti f'livell Komunitarju, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiżguraw il-ġestjoni tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom.

(5) L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 jistabbilixxi d-definizzjonijiet rilevanti dwar l-allokazzjoni ta' l-opportunitajiet ta' sajd.

(6) L-opportunitajiet ta' sajd għandhom jintużaw skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar dan is-suġġett, u b'mod partikolari mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2807/83 tat-22 ta' Settembru 1983 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar ir-reġistrazzjoni ta' informazzjoni dwar il-qabdiet ta' ħut ta' l-Istati Membri ([1]), Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86 tat-22 ta' Settembru 1986 li jiddefinixxi l-karatteristiċi tad-dgħajjes [bastimenti] tas-sajd ([2]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1381/87 ta' l-20 ta' Mejju 1987 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-immarkar u dokumentazzjoni ta' bastimenti tas-sajd ([3]); ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3880/91 tas-17 ta' Diċembru 1991 dwar is-sottomissjoni ta' statistika nominali dwar il-qabda mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal ta' l-Atlantiku ([4]); ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni ([5]) [il-politika komuni tas-sajd]; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94 tas-27 ta' Ġunju 1994 li jniżżel ċerti dispożizzjonijiet rigward permessi speċjali tas-sajd ([6]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar ([7]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1434/98 tad-29 ta' Ġunju 1998 li jispeċifika l-kondizzjonijiet li taħthom jistgħu jinħattu l-aringi għal skopijiet industrijali li mhux għall-konsum dirett mill-bniedem ([8]); ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi ħtiġiet speċifiċi ta' aċċess u kondizzjonijiet relattivi għas-sajd ta' stokkijiet tal-baħar fond ([9]); ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 ta' l-4 ta' Novembru 2003 dwar l-immaniġġjar

([1]) ĠU L 276, 10.10.1983, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1804/2005 (ĠU L 290, 4.11.2005, p. 10).
([2]) ĠU L 274, 25.9.1986, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 3259/94 (ĠU L 339, 29.12.1994, p. 11).
([3]) ĠU L 132, 21.5.1987, p. 9.
([4]) ĠU L 365, 31.12.1991, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 448/2005 (ĠU L 74, tad-19.3.2005, p. 5).
([5]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 1).
([6]) ĠU L 171, 6.7.1994, p. 7. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2943/95 (ĠU L 308, 21.12.1995).
([7]) ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2166/2005 (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 5).
([8]) ĠU L 191, 7.7.1998, p. 10. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 349, 31.12.2005, p. 1).
([9]) ĠU L 351, 28.12.2002, p. 6. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2269/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 1)

▼B

ta' l-isforz għas-sajd li jirrigwarda ċerti żoni u riżorsi tas-sajd tal-Komunità ([1]); ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2244/2003 tat-18 Diċembru 2003, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar is-sistemi ta' sorveljanza tal-vapuri bażata fuq satellita ([2]); ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2004; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 601/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi ċerti miżuri ta' kontroll applikabbli għall-attivitajiet tas-sajd fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi ħajjin ta' l-Antartiku ([3]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2115/2005 ta' l-20 ta' Diċembru 2005 li jistabilixxi pjan ta' rkupru tal-provvista tal-ħalibatt tal-Groenlandja fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni tas-Sajd ta' l-Atlantiku tal-Majjistral ([4]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005; Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 388/2006 tat-23 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet tal-lingwata fil-Bajja ta' Biskajja ([5]); Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2015/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissa għall-2007 u l-2008, l-opportunitajiet ta' sajd għall-bastimenti tas-sajd Komunitarji għal ċerti stokkijiet tal-baħar fond ([6]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran ([7]); Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2007; Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' ċerti ħażniet [stokkijiet] ta' speċijiet li jpassu ħafna ([8]); ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 tal-11 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-ħażniet [l-istokkijiet] tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana ([9]), u r-Regolament tal-Kunsill Nru 1386/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistipula miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar applikabbli fiż-Żona Regolatorja ta' l-Organizzazzjoni għall-Ġestjoni tas-Sajd fil-Majjistral ta' l-Atlantiku ([10]).

(7) Għandu jiġi ċċarat li jekk organiżmi tal-baħar li jinqabdu matul operazzjonijiet tas-sajd li għandhom l-għan esklussiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi jinbiegħu, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw ukoll għal dawn l-operazzjonijiet tas-sajd. Huwa meħtieġ, skond il-pariri tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), li tinżamm applikata sistema għall-ġestjoni tal-limiti tal-qbid ta' l-inċova fiż-żona VIII ta' l-ICES. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-limiti tal-qabid għall-istokk ta' l-inċova fiż-żona VIII ta' l-ICES fid-dawl ta' l-informazzjoni xjentifika miġbura matul l-ewwel nofs ta' l-2008 u tad-diskussjonijiet li qed isiru fil-kuntest tal-pjan multijannwali għall-inċova.

(8) Huwa meħtieġ, skond il-pariri ta' l-ICES, li tinżamm applikata u tiġi eżaminata mill-ġdid sistema temporanja għall-ġestjoni ta' l-isforzi tas-sajd għaċ-ċiċċirell fiż-żoni IIIa u IV u l-ilmijiet tal-KE taż-żona IIa.

(9) Bħala miżura tranżitorja fid-dawl tal-pariri xjentifiċi l-aktar reċenti ta' l-ICES, l-isforz tas-sajd għal ċerti speċijiet tal-baħar fond għandu jitnaqqas aktar.

([1]) ĠU L 289, 7.11.2003, p. 1.
([2]) ĠU L 333, 20.12.2003, p. 17.
([3]) ĠU L 97, 1.4.2004, p. 16. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1099/2007 (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 11).
([4]) ĠU L 340, 23.12.2005, p. 3.
([5]) ĠU L 65, 7.3.2006, p. 1.
([6]) ĠU L 384, 29.12.2006, p. 28. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 754/2007 (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 26).
([7]) ĠU L 36, 8.2.2007, p. 6.
([8]) ĠU L 123, 12.5.2007, p. 3.
([9]) ĠU L 157, 19.6.2007, p. 1.
([10]) ĠU L 318, 5.12.2007, p. 1.

▼B

(10) Skond l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 huwa d-dmir tal-Kunsill li jiddeċiedi dwar il-kondizzjonijiet assoċjati mal-limiti tal-qbid u/jew limiti ta' l-isforz tas-sajd. Il-pariri xjentifiċi jindikaw li qbid sostanzjali li jisboq it-TACs miftiehma jippreġudika s-sostenibbiltà ta' l-operazzjonijiet tas-sajd. Huwa għalhekk xieraq li jiġu introdotti kondizzjonijiet assoċjati li jissarrfu f'implimentazzjoni aħjar tal-possibbiltajiet ta' sajd miftiehma.

(11) Fil-Laqgħa Annwali tagħha fl-2007, l-Organizzazzjoni Għas-Sajd fil-Majjistral ta' l-Atlantiku (NAFO) adottat numru ta' miżuri tekniċi u ta' kontroll. Huwa meħtieġ li dawn il-miżuri jiġu implimentati.

(12) Fil-XXVI Laqgħa Annwali fl-2007, il-Konvenzjoni dwar ir-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku (CCAMLR) adottat limiti ta' qbid rilevanti għall-istokkijiet disponibbli għal sajd stabbilit minn kwalunkwe Membru tas-CCAMLR. Is-CCAMLR approvat ukoll il-parteċipazzjoni ta' bastimenti tal-Komunità f'sajd esploratorju għad-*Dissostichus* spp. fis-Subżoni FAO 88.1 u 88.2 u wkoll fid-Diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2, 58.4.3a) u 58.4.3b) u rabtet l-attivitajiet tas-sajd rilevanti ma' limiti ta' qbid u ta' qbid inċidentali, u wkoll għal ċerti miżuri tekniċi speċifiċi. Dawk il-limiti u miżuri tekniċi għandhom jiġu applikati wkoll.

(13) Għal finijiet ta' konformità ma' l-obbligi internazzjonali li l-Kummissjoni impenjat ruħha fihom bħala Parti Kontraenti għas-CCAMLR, li jinkludu l-obbligu li tapplika l-miżuri adottati mill-Kummissjoni tas-CCAMLR, it-TACs adottati minn dik il-Kummissjoni għall-istaġun 2007-2008 u l-limiti ta' l-istaġun korrispondenti għandhom jiġu applikati.

(14) Skond l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti ([1]), huwa meħtieġ li jiġu identifikati l-istokkijiet li huma suġġetti għad-diversi miżuri msemmija fih.

(15) Bi qbil mal-proċeduri previsti fil-ftehimiet jew protokolli dwar relazzjonijiet tas-sajd, il-Komunità wettqet konsultazzjonijiet dwar drittijiet tas-sajd man-Norveġja ([2]), il-Gżejjer Faroe ([3]), u Groenlandja ([4]).

(16) Il-Komunità hija parti kontraenti għal bosta organizzazzjonijiet reġjonali għas-sajd. Dawk l-organizzazzjonijiet taw il-parir li għal ċerti speċijiet jiġu stabbiliti limiti ta' qbid u/jew limitazzjonijiet ta' l-isforz tas-sajd u regoli ta' konservazzjoni oħra. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet għandhom għalhekk jiġu implimentati mill-Komunità.

(17) Id-diskussjonijiet li saru fl-2007 dwar sistema alternattiva għall-ġestjoni ta' l-isforzi abbażi ta' limiti fuq il-jiem kilowatt għall-2008 wrew li se jkun meħtieġ perijodu ta' żmien itwal għall-adattament tal-proċeduri amministrattivi nazzjonali għal-ħtiġiet ta' sistema tal-ġestjoni ta' l-isforzi bħal din, u s-sistema attwali tal-ġestjoni ta' l-isforzi se tinżamm fl-2008, bil-ħsieb li jitkomplew id-diskussjonijiet dwar sistema ta' ġestjoni bbażata fuq il-jiem kilowatt fl-2008 bil-għan li sistema bħal din tiġi implimentata fl-2009.

(18) Għall-aġġustament tal-limitazzjonijiet ta' l-isforzi tas-sajd għall-merluzz kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 423/2004 jinżammu arranġamenti alternattivi sabiex l-isforzi tas-sajd jiġu

([1]) ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.
([2]) ĠU L 226, 29.8.1980, p. 48.
([3]) ĠU L 226, 29.8.1980, p. 12.
([4]) ĠU L 172, 30.6.2007, p. 1

▼B

ġestiti b'mod konsistenti mat-TAC, kif stabbilit fl-Artikolu 8(3) ta' dak ir-Regolament.

(19) Għandhom jinżammu ċerti dispożizzjonijiet temporanji dwar l-użu ta' data VMS sabiex jipprovdu għal aktar effiċjenza u effettività fil-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-ġestjoni ta' l-isforzi.

(20) Għall-aġġustament tal-limitazzjonijiet ta' l-isforzi tas-sajd għal-lingwata kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 509/2007 arranġamenti alternattivi huma stabbiliti sabiex l-isforzi tas-sajd jiġu ġestiti b'mod konsistenti mat-TAC, kif stabbilit fl-Artikolu 5(2) ta' dak ir-Regolament.

(21) Għall-aġġustament tal-limitazzjonijiet ta' l-isforzi tas-sajd għall-barbun tat-tbajja' u għal-lingwata kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 676/2007 arranġamenti alternattivi huma stabbiliti sabiex l-isforzi tas-sajd jiġu ġestiti b'mod konsistenti mat-TAC, kif stabbilit fl-Artikolu 9(2) ta' dak ir-Regolament.

(22) Għall-istokkijiet ta' merluzz fil-Baħar tat-Tramuntana, fis-Skagerrak u l-Kanal tal-Punent, fil-Baħar Irlandiż u fil-Punent ta' l-Iskozja, u l-istokkijiet ta' marlozz u ta' awwista tan-Norveġja fiż-żoni ICES VIIIc u IXa, jeħtieġ li jiġu adattati l-livelli ta' l-isforzi permissibbli fl-iskema ta' ġestjoni.

(23) Fl-2008 għandhom jiġu implimentati ċerti miżuri supplimentari ta' kontroll u kondizzjonijiet tekniċi għas-sajd, bħala kontribut għall-konservazzjoni ta' l-istokkijiet tal-ħut.

(24) Skond il-pariri xjentifiċi ta' l-ICES, huma meħtieġa miżuri għall-ħarsien tal-ġlejjeb ta' lingwata riproduttivi fiż-żoni VI u VII ta' l-ICES, minbarra l-limitazzjonijiet fuq il-qbid sabiex tiġi assigurata l-protezzjoni tagħhom.

(25) Investigazzjonijiet xjentifiċi wrew li l-prassi ta' sajd bl-ixkitti u l-pariti fiż-żoni ta' l-ICES VIa, VIb, VIIb, VIIc, VIIj, VIIk, VIII, IX, X u XII huma theddida serja għall-ispeċijiet tal-baħar fond. Madankollu, għandhom jiġu implimentati miżuri tranżitorji li jippermettu dan is-sajd taħt ċerti kondizzjonijiet, sakemm jiġu adottati miżuri aktar permanenti.

(26) Skond ir-Reġistru Miftiehem ta' konklużjonijiet bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja tas-26 ta' Novembru 2007, miżuri tekniċi biex tiżdied is-selettività ta' l-irkaptu imkaxkar sabiex jitnaqqas ir-rimi tal-merlangu fil-Baħar tat-Tramuntana għandhom jiġu ttestjati matul l-ewwel parti ta' l-2008.

(27) Sabiex jiġi żgurat sfruttament sostenibbli ta' l-istokk ta' marlozz u l-awwista tan-Norveġja u biex jitnaqqas ir-rimi, l-użu ta' l-aħħar żviluppi fir-rigward ta' l-irkaptu selettiv għandu jiġi permess fiż-Żoni ta' l-ICES VIIIa, VIIIb u VIIId.

(28) L-użu ta' irkaptu li ma jaqbadx l-awwista Norveġiża għandu jkun permess f'ċerti żoni dedikati għall-protezzjoni ta' l-ispeċi, fejn is-sajd huwa pprojbit.

(29) Fid-dawl tal-parir minn STECF, ċertu għeluq ta' postijiet fejn tbid l-aringa mhux neċessarju biex tkun żgurata l-esplojtazzjoni sostenibbli ta' dik l-ispeċi fiż-żona ICES VIa.

(30) Il-kontroll tal-ħatt l-art u tat-trasbord ta' ħut iffriżat minn bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi f'portijiet Komunitarji, kif rakkomandat mill-Kummissjoni għas-Sajd fil-Grigal ta' l-Atlantiku (NEAFC) għandu jinżamm. F'Novembru 2007 in-NEAFC għamlet rakkomandazzjoni għas-sostituzzjoni ta' għadd ta' bastimenti fil-lista ta' bastimenti li ġew ikkonfermati bħala involuti f'sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fis-sistema ġuridika Komunitarja għandha tiġi żgurata.

▼B

(31) Bħala kontribuzzjoni għall-konservazzjoni tal-qarnit u b'mod partikolari għall-ħarsien tal-frieħ tiegħu, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit, fl-2008, qies minimu ta' qarnit mill-ilmijiet marittimi taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi u li jinsabu fir-reġjun CECAF sakemm jiġi adottat regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98.

(32) Fid-dawl tal-parir mis-STECF, is-sajd bix-xbieki tat-tkarkir bit-travu li jużaw impulsi ta' kurrent elettriku se jkun permess fl-2008 fiż-żoni ta' l-ICES IVc u IVb fin-Nofsinhar skond ċerti kondizzjonijiet.

(33) Il-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC) naqset milli tadotta limitazzjonijiet tal-qbid għat-tonn tax-xewka safra, it-tonn għajnu kbira u l-palamit fil-Laqgħa Annwali tagħha ta' l-2007, u minkejja l-fatt li l-Komunità mhijiex membru ta' l-IATTC, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri sabiex tiġi assigurata l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dik l-Organizzazzjoni.

(34) Fit-Tielet Laqgħa Annwali tagħha, il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC) adottat limitazzjonijiet ta' qbid għat-tonn tal-pinen sofor, it-tonn għajnu kbira u l-palamit, kif ukoll miżuri tekniċi f'dak li għandu x'jaqsam mat-trattament ta' qabdiet inċidentali. Il-Komunità hija membru tal-WCPFC minn Jannar 2005. Huwa għalhekk meħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġijiet tal-Komunità sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi taħt il-ġurisdizzjoni ta' dik l-Organizzazzjoni.

(35) Fil-Laqgħa Annwali tagħha fl-2006 u l-2007, il-GFCM adottat għadd ta' rakkomandazzjonijiet dwar miżuri tekniċi għal ċertu sajd fil-Baħar Mediterran. Bħala kontribut għall-konservazzjoni ta' l-istokkijiet ta' ħut huwa neċessarju li jiġu implimentati dawn il-miżuri fl-2008 sakemm jiġi adottat Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(36) Fil-Laqgħa Annwali tagħha ta' l-2007, l-Organizzazzjoni għas-Sajd fix-Xlokk ta' l-Atlantiku (SEAFO) adottat limiti tal-qbid għall-istokkijiet tal-ħut fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO u stabbiliet kondizzjonijiet marbuta mal-ftuħ mill-ġdid ta' l-attivitajiet tas-sajd fiż-żoni tas-sajd attwalment magħluqa, u ħtiġiet dettaljati marbuta ma' spezzjonijiet mill-Istat tal-port. Huwa meħtieġ li dawn il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi Komunitarja.

(37) Matul il-Laqgħat Annwali ta' l-2006 u l-2007, il-Kummissjoni tat-Tonn ta' l-Oċean Indjan (IOTC) adottat għadd ta' miżuri ta' ġestjoni u ta' kontroll. Huwa meħtieġ li dawn il-miżuri jiġu inkorporati fil-liġi Komunitarja.

(38) Matul it-Tielet Laqgħa Internazzjonali għall-ħolqien ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku li saret f'Mejju 2007, il-parteċipanti adottaw miżuri temporanji bil-għan li flimkien mas-sajd tal-qiegħ fin-Nofsinhar tal-Paċifiku, jiġi rregolat ukoll is-sajd pelaġiku. Huwa meħtieġ li dawn il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi Komunitarja.

(39) Fil-Laqgħa Annwali tagħha fl-2007, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Preservazzjoni tat-Tonn Atlantiku (ICCAT) adottat il-kwoti u l-kwoti aġġustati biex ikunu riflessi s-sotto-utilizzazzjoni u s-sopra-utilizzazzjoni tal-possibiltajiet tas-sajd tal-partijiet kontraenti ta' l-ICCAT. L-ICCAT adottat ukoll miżura teknika ta' konservazzjoni għal-pixxispad tal-Mediterran fl-2008. Huwa meħtieġ li tkun implimentata din il-miżura sabiex ikun hemm kontribut għall-konservazzjoni ta' l-istokkijiet tal-ħut.

(40) Sabiex jiġi żgurat li r-rendikont tal-qbid ta' stokkafixx minn pajjiżi terzi jkun korrett, huwa meħtieġ li jinżammu d-dispożizzjonijiet ta' kontroll fuq tali bastimenti.

▼B

(41) Sabiex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Komunità u sabiex jiġi evitat li r-riżorsi jiġu pperikolati kif ukoll kwalunkwe difficultà li tista' tirriżulta minħabba l-iskadenza tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 41/2007 tat-21 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi għall-2007 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet marbuta ma' certi ħażniet [stokkijiet] ta' ħut u gruppi ta' ħażniet [stokkijiet] ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għall-bastimenti tal-Komunità, fl-ilmijiet fejn huma meħtieġa l-limitazzjonijiet tal-qbid ([1]), huwa essenzjali li dan is-sajd jinfetaħ fl-1 ta' Jannar 2008 u li f'Jannar 2008 jinżammu fis-seħħ xi whud mir-regoli ta' dan ir-Regolament. Minħabba l-urġenza talkwistjoni, huwa essenzjali li tingħata deroga għall-perijodu ta' sitt ġimgħat imsemmi fit-Titolu I, l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar irrwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għas-sena 2008, għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, u l-kondizzjonijiet assoċjati li taħthom jistgħu jintużaw tali opportunitajiet tas-sajd.

Barra minn hekk dan ir-Regolament jiffissa ċerti limiti għall-isforzi kif ukoll kondizzjonijiet assoċjati għal Jannar 2009, u għal ċerti stokkijiet ta' l-Antartiku, jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet speċifiċi għall-perjodi stabbiliti fl-Anness IE.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Ħlief fejn hu pprovdut mod ieħor, dan ir-Regolament għandu japplika għal:

(a) bastimenti tas-sajd tal-Komunità ("bastimenti tal-Komunità"); kif ukoll

(b) bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta', u huma rreġistrati f'pajjiżi terzi ("bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi") f'ilmijiet tal-Komunità ("ilmijiet tal-KE").

2. B'deroga mill-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, ħlief għall-punti 4.2 ta' l-Anness III u n-nota 1 ta' qiegħ il-paġna fl-Anness IX, m'għandhomx japplikaw għal operazzjonijiet ta' sajd imwettqa biss għal skopijiet ta' investigazzjoni xjentifika li jsiru bil-permess u taħt l-awtorità ta' l-Istat Membru li l-bandiera tiegħu tkun qed tittajjar fuq il-bastiment u li bihom il-Kummissjoni u l-Istati Membri li fl-ilmijiet tagħhom tkun qed issir ir-riċerka jkunu ġew informati bil-quddiem. L-Istati Membri li jwettqu operazzjonijiet tas-sajd imwettqin għall-iskop ta' investigazzjonijiet xjentifiċi għandhom jinformaw lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri li fl-ibħra tagħhom ir-riċerka tkun qed titwettaq, l-ICES u l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) dwar il-qabdiet kollha minn operazzjonijiet tas-sajd bħal dawn.

([1]) ĠU L 15, 20.1.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 898/2007 (ĠU L 196, 28.7.2007, p. 22).

▼B

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, flimkien mad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "qabdiet totali permessi" (TAC) tfisser il-kwantità li tista' tinqabad u tinħatt l-art minn kull stokk kull sena;

(b) "kwota" tfisser proporzjon mit-TAC allokata lill-Komunità, lill-Istati Membri jew lil pajjiżi terzi;

(ċ) "ilmijiet internazzjonali" tfisser ilmijiet li ma jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' l-ebda Stat.

Artikolu 4

Żoni tas-sajd

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet taż-żoni li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) Żoni ICES (il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar) huma kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3880/91;

(b) "Skagerrak" tfisser iż-żona kkonfinata mill-Punent minn linja miġbuda mill-fanal ta' Hanstholm għall-fanal ta' Lindesnes u min-Nofsinhar minn linja miġbuda mill-fanal ta' Skagen għall-fanal ta' Tistlarna u minn dan il-punt għall-eqreb punt fuq il-kosta Żvediża;

(ċ) "Kattegat" tfisser iż-żona kkonfinata mit-Tramuntana minn linja miġbuda mill-fanal ta' Skagen għall-fanal ta' Tistlarna u minn dak il-punt għall-eqreb punt fuq il-kosta Żvediża u min-Nofsinhar minn linja miġbuda minn Hasenøre għal Gnibens Spids, minn Korshage għal Spodsbjerg u minn Gilbjerg Hoved għal Kullen;

(d) "Golf ta' Cadiz" tfisser iż-żona ta' l-ICES IXa Lvant tal-lonġitudni 7°23′48″W;

(e) Iż-żona tal-GFCM (il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran) hija hekk kif definita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/416/KE ([1]) tas-16 ta' Ġunju 1998 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea fil-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran;

(f) Żoni CECAF (Atlantiku Ċentrali tal-Lvant jew żona maġġuri ta' sajd FAO 34) huma kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2597/95 tat-23 ta' Ottubru 1995 dwar is-sottomissjoni ta' statistiċi nominali tas-sajd mill-Istati Membri li jistadu f'żoni li m'humiex fin-Nord ta' l-Atlantiku ([2]);

(g) "Żona tal-Konvenzjoni NEAFC" tfisser l-ilmijiet kif definiti fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni mehmuża mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/608/KEE tat-13 ta' Lulju 1981 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal [il-Grigal ta' l-Atlantiku] ([3]).

(h) "Żona Regolatorja NEAFC" tfisser l-ilmijiet taż-Żona tal-Konvenzjoni NEAFC li jinsabu barra mill-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni tal-Partijiet Kontraenti tan-NEAFC;

([1]) ĠU L 190, 4.7.1998, p. 34.
([2]) ĠU L 270, 13.11.1995, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).
([3]) ĠU L 227, 12.8.1981, p. 21.

▼B

(i) Żoni NAFO (Organizzazzjoni tas-Sajd fil-Majjistral ta' l-Atlantiku) huma kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2018/93 tat-30 ta' Ġunju 1993 dwar il-preżentazzjoni ta' l-istatistika tal-qabda u ta' l-attività mibgħuta mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral ta' l-Atlantiku ([1]);

(j) "Żona Regolatorja tan-NAFO" tfisser il-parti taż-żona tal-Konvenzjoni ta' l-Organizzazzjoni tas-Sajd fil-Majjistral ta' l-Atlantiku (NAFO) li ma taqax taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati tal-kosta;

(k) Żoni tas-SEAFO (l-Organizzazzjoni għas-Sajd fix-Xlokk ta' l-Atlantiku) huma kif definiti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (KEE) Nru 2002/738/KE tat-22 ta' Lulju 2002 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien u l-Amministrazzjoni ta' Riżorsi tas-Sajd fix-Xlokk ta' l-Oċean Atlantiku ([2]);

(l) Iż-żona ta' l-ICCAT (il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Preservazzjoni tat-Tonn Atlantiku) hija hekk kif definita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta' Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll mehmuż ma' l-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari ta' l-Istati li jifformaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Parigi fl-10 ta' Lulju 1984 ([3]);

(m) Żoni CCAMLR (Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku) huma kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 601/2004;

(n) Iż-żona tal-IATTC (il-Konvenzjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali) hija hekk kif definita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/539/KE tat-22 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni ta' l-1949 bejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika u r-Repubblika tal-Kosta Rika ([4]);

(o) Iż-żona ta' l-IOTC (il-Kummissjoni tat-Tonn ta' l-Oċean Indjan) hija hekk kif definita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 1995 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Ftehim għall-ħolqien tal-Kummissjoni dwar it-Tonn ta' l-Oċean Indjan ([5]);

(p) Iż-żona ta' l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPFO) hija ż-żona ta' l-ibħra miftuħa fin-Nofsinhar ta' l-Ekwatur, fit-Tramuntana taż-żona tal-Konvenzjoni CCAMLR, fil-Lvant taż-Żona tal-Konvenzjoni SIOFA kif definita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/496/KE Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2006 dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar ta' l-Oċean Indjan ([6]), u fil-Punent taż-żoni tal-ġuriżdizzjonijiet tas-sajd ta' l-Istati ta' l-Amerika t'Isfel;

(q) Iż-żona tal-WCPFC (Konvenzjoni tas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u fil-Paċifiku Ċentrali) hija hekk kif iddefinita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/75/KE tas-26 ta' April 2004 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent. ([7])

([1]) ĠU L 186, 28.7.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.
([2]) ĠU L 234, 31.8.2002, p. 39.
([3]) ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33.
([4]) ĠU L 224, 16.8.2006, p. 22.
([5]) ĠU L 236, 5.10.1995, p. 24.
([6]) ĠU L 196, 18.7.2006, p. 14.
([7]) ĠU L 32, 4.2.2005, p. 1.

▼B

KAPITOLU II

L-OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD U L-KONDIZZJONIJIET ASSOĊJATI GĦALL-BASTIMENTI TAL-KOMUNITÀ

Artikolu 5

Limiti ta' qbid u allokazzjonijiet

1. Il-limiti ta' qbid għall-bastimenti tal-Komunità fl-ilmijiet tal-Komunità jew f'ċerti ilmijiet mhux tal-Komunità u l-allokazzjoni ta' tali limiti ta' qbid bejn l-Istati Membri kif ukoll il-kondizzjonijiet addizzjonali skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 huma stipulati fl-Anness I.

2. Il-bastimenti tal-Komunità huma b'dan awtorizzati li jagħmlu qabdiet, fil-limiti tal-kwoti stabbiliti fl-Anness I, f'ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tas-sajd tal-Gżejjer Faroe, Groenlandja, l-Iżlanda u n-Norveġja, u ż-żona tas-sajd madwar Jan Mayen, suġġetti għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 11, 20 u 21.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-limiti tal-qabdiet għas-sajd għaċ-ċiċċirell fiż-Żoni IIIa u IV u l-ilmijiet tal-KE taż-żona ta' l-ICES IIa skond ir-regoli stipulati fil-punt 6 ta' l-Anness IID.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-limiti ta' qbid għall-*capelin* fl-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV ta' l-ICES disponibbli għall-Komunità b'ekwivalenza ta' 7,7 % tat-TAC tal-*capelin* malli t-TAC ikun ġie stabbilit.

5. Il-limiti ta' qbid għall-istokk tan-*Norway pout* fiż-żona ta' l-ICES IIIa u fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni ta' l-ICES IIa u IV, għall-istokk tal-laċċa kaħla fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni ta' l-ICES IIa u IV jistgħu jiġu riveduti mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2008 fid-dawl ta' informazzjoni xjentifika miġbura fl-ewwel nofs ta' l-2008.

6. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi l-limiti tal-qbid għall-istokk ta' l-inċova fiż-żona VIII ta' l-ICES skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 fid-dawl ta' l-informazzjoni xjentifika miġbura matul l-ewwel nofs ta' l-2008.

7. Bħala konsegwenza ta' reviżjoni ta' l-istokk għall-pout tan-Norveġja skond il-paragrafu 5, il-limiti tal-qbid għall-istokkijiet ta' whiting fiż-żona IIIa ta' l-ICES u ż-żona IV ta' l-ICES u l-ilmijiet tal-KE taż-żona IIa ta' l-ICES u għal stokkijiet ta' bakkaljaw fiż-żona IIIa ta' l-ICES u fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni IIIb, IIIc u IIId ta' l-ICES u fiż-żona IV ta' l-ICES u fl-ilmijiet tal-KE taż-żona IIa ta' l-ICES jistgħu jiġu riveduti mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 biex jittieħed kont tal-qabdiet sekondarji industrijali fis-sajd tal-pout tan-Norveġja.

Artikolu 6

Speċijiet ipprojbiti

Għandu jkun ipprojbit li bastimenti Komunitarji jistadu għal, iżommu abbord, jittrasbordaw jew iħottu l-art l-ispeċijiet li ġejjin fl-ilmijiet kollha, kemm tal-Komunità kif ukoll dawk li mhumiex.

— Gabdoll (*Cetorhinus maximus*);

— Kelb il-baħar abjad (*Carcharodon carcharias*).

▼B

Artikolu 7

Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet

1. L-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd bejn l-Istati Membri kif stabbiliti fl-Anness I għandha tkun bla preġudizzju għal:

(a) skambji magħmula f'konformità ma' l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002;

(b) allokazzjonijiet mill-ġdid magħmula f'konformità ma' l-Artikoli 21(4), 23(1) u 32(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93;

(ċ) ħatt l-art addizzjonali permess skond l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;

(d) kwantitajiet miżmuma f'konformità ma' l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;

(e) tnaqqis magħmul f'konformità ma' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.

2. Għall-fini taż-żamma tal-kwoti li jkunu se jiġu ttrasferiti għall-2009, l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika, permezz ta' deroga minn dak ir-Regolament, għall-istokkijiet kollha suġġetti għal TAC analitiku.

Artikolu 8

Limiti ta' l-isforzi tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għall-ġestjoni ta' l-istokkijiet

1. Mill-1 ta' Frar 2008 sal-31 ta' Jannar 2009, il-limiti fuq l-isforzi tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati li huma stipulati fi:

(a) l-Anness IIA għandu japplika għall-ġestjoni ta' ċerti stokkijiet fil-Kattegat, Skagerrak u ż-Żoni ta' l-ICES IV, VIa, VIIa, VIId u l-ilmijiet tal-KE taż-żona ta' l-ICES IIa;

(b) l-Anness IIb għandu japplika għall-ġestjoni tal-marlozz u l-awwist tan-Norveġja fiż-żoni ta' l-ICES VIIIc u IXa bl-eċċezzjoni tal-Golf ta' Cadiz;

(ċ) l-Anness IIC għandu japplika għall-ġestjoni ta' l-istokk tal-lingwata fiż-żona ta' l-ICES VIIe;

(d) l-Anness IID għandu japplika għall-ġestjoni ta' l-istokkijiet taċ-ċiċċirell fiż-żoni ta' l-ICES IIIa u IV u l-ilmijiet tal-KE taż-żoni ta' l-ICES IIa.

2. Għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Jannar 2008, għall-istokkijiet imsemmija fil-paragrafu 1l-isforzi tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati, stipulati fl-Annessi IIA, IIB, IIC u IID tar-Regolament (KE) Nru 41/2007 għandhom jibqgħu japplikaw.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-isforz tas-sajd għall-2008 għas-sajd għaċ-ċiċċirell fiż-żoni ta' l-ICES IIIa u IV u fl-ilmijiet tal-KE taż-żona ta' l-ICES IIa skond ir-regoli stipulati fil-punti 4 u 5 ta' l-Anness IID.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-2008 l-livelli ta' l-isforzi tas-sajd, imkejla bħala jiem kilowatt barra mill-port, minn bastimenti detenturi ta' permessi tas-sajd għall-baħar fond ma jaqbżux 75 % tal-medja ta' l-isforz tas-sajd annwali magħmul mill-bastimenti ta' l-Istati Membri fl-2003 fi vjaġġi meta nżammu l-permessi tas-sajd fil-baħar fond u/jew inqabdu speċijiet tal-baħar fond, kif elenkati fl-Annessi I u II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002. Dan il-paragrafu għandu japplika biss għal vjaġġi tas-sajd li fihom inqabdu aktar minn 100kg ta' speċijiet tal-baħar fond, minbarra l-Greater silver smelt.

▼B

Artikolu 9

Kondizzjonijiet għall-ħatt l-art tal-qabdiet u qabdiet inċidentali

1. Ħut minn stokkijiet li għalihom il-limiti ta' qbid huma stabbiliti għandhom jinżammu abbord jew jinħattu l-art biss jekk:

(a) il-qabdiet saru minn bastimenti ta' Stat Membru li għandu kwota u dik il-kwota ma ntlaħqitx; jew

(b) il-qabdiet jikkonsistu f'parti minn sehem tal-Komunità li ma jkunx ġie allokat permezz ta' kwota bejn l-Istati Membri, u dak is-sehem ma jkunx ġie eżawrit.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, il-ħut li ġej jista' jinżamm abbord u jinħatt l-art anki jekk l-Istat Membru m'għandux kwoti jew, il-kwoti jew l-ishma jkunu eżawriti:

(a) speċijiet, minbarra l-aringi u l-kavalli, li

(i) jinqabdu mħallta ma' speċijiet oħrajn bi xbieki li l-qies tal-malji tagħhom huwa inqas minn 32 mm f'konformità ma' l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 850/98, u

(ii) ma jintgħażlux la abbord u lanqas mal-ħatt l-art;

jew

(b) kavalli, meta

(i) jinqabdu mħallta mas-sawrell jew sardin (*pilchard*);

(ii) ma jaqbżux 10 % tal-piż totali ta' kavalli, sawrell u sardin abbord u;

(iii) il-qabdiet ma jintgħażlux la abbord u lanqas mal-ħatt l-art.

3. Il-ħatt l-art kollu għandu jitnaqqas mill-kwota jew, jekk sehem il-Komunità ma jkunx ġie allokat bejn l-Istati Membri permezz ta' kwoti, minn sehem il-Komunità, ħlief għall-qabdiet magħmula skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2.

4. Id-determinazzjoni tal-perċentwal tal-qabdiet inċidentali kif ukoll ir-rimi tagħhom għandhom isiru f'konformità ma' l-Artikoli 4 u 11 tar-Regolament (KE) Nru 850/98.

Artikolu 10

Ħatt l-art ta' ħut imħallat fiż-żoni ta' l-ICES IIIa, IV u VIId u l-ilmijiet tal-KE taż-żona ta' l-ICES IIa

1. L-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 1434/98 m' għandux japplika għal aringi maqbuda fiż-żoni ICES IIIa, IV u VIId u ilmijiet KE taż-żona IIa ta' l-ICES.

2. Meta għal Stat Membru il-limiti ta' qbid ta' aringi fiż-żoni ICES IIIa, IV u VIId u l-ilmijiet tal-KE taż-żona ta' l-ICES IIa jiġu eżawriti, ikun ipprojbit għall-bastimenti, li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru, u li jkunu rreġistrati fil-Komunità, u li jaħdmu fis-sajd li għalih japplikaw il-limitazzjonijiet rilevanti, li jħottu l-art qabdiet imħallta li jkun fihom l-aringi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun fis-seħħ programm ta' kampjunar adegwat li jippermetti l-monitoraġġ effiċjenti ta' ħatt l-art imħallat skond l-ispeċi maqbuda fiż-żoni ta' l-ICES IIIa, IV u VIId u l-ilmijiet tal-KE taż-żona IIa ta' l-ICES.

4. Qabdiet imħallta fiż-żoni ta' l-ICES IIIa, IV u VIId u ilmijiet tal-KE fiż-żona IIa ta' l-ICES għandhom jinħattu l-art biss f'portijiet u postijiet ta' ħatt fejn ikun fis-seħħ programm ta' teħid ta' kampjuni kif imsemmi fil-paragrafu 1.

▼B

Artikolu 11

Limiti ta' l-aċċess

L-ebda sajd minn bastimenti tal-Komunità m'għandu jsir fi Skagerrak fil-limiti ta' 12-il mil nawtiku mil-linji bażi tan-Norveġja. Madankollu, il-bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka jew l-Isvezja għandhom jitħallew jistadu sa erba' mili mil-linji bażi tan-Norveġja.

Artikolu 12

Determinazzjoni tad-daqs tal-malji u tal-ħxuna ta' l-ispag

Id-daqs tal-malji u l-ħxuna ta' l-għażel imsemmija f'dan ir-Regolament għandhom ikunu determinati skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 129/2003 ta' l-24 ta' Jannar 2003 li jippreskrivi regoli dettaljati biex jiġi stabbilit id-daqs tal-malji u l-ħxuna ta' l-ispag tax-xbiek tas-sajd ([1]), meta l-bastimenti Komunitarji tas-sajd ikunu spezzjonati minn spetturi Komunitarji, spetturi tal-Kummissjoni u spetturi nazzjonali.

Artikolu 13

Miżuri tranżitorji tekniċi u ta' kontroll

Miżuri tranżitorji tekniċi u ta' kontroll għall-bastimenti tal-Komunità għandhom ikunu kif stipulati fl-Anness III.

KAPITOLU III

LIMITI TA' QBID U KONDIZZJONIJIET ASSOĊJATI GĦAL BASTIMENTI TAS-SAJD TA' PAJJIŻI TERZI

Artikolu 14

Awtorizzazzjoni

Bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela jew in-Norveġja u bastimenti tas-sajd irreġistrati fil-Gżejjer Faroe għandhom ikunu awtorizzati li jagħmlu qabdiet fl-ilmijiet tal-Komunità, fil-limiti ta' qbid stabbiliti fl-Anness I, u suġġetti għall-kondizzjonijiet previsti fl-Artikoli 15 sa 18 u 22 sa 28.

Artikolu 15

Speċijiet ipprojbiti

Għandu jkun ipprojbit li bastimenti ta' pajjiżi terzi jistadu għal, iżommu abbord, jittrasbordaw jew iħottu l-art l-ispeċijiet li ġejjin fl-ilmijiet kollha tal-Komunità:

— Gabdoll (*Cetorhinus maximus*);

— Kelb il-baħar abjad (*Carcharodon carcharias*).

Artikolu 16

Restrizzjonijiet ġeografiċi

1. Sajd minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tan-Norveġja jew li huma rreġistrati fil-Gżejjer Faroe għandu jkun limitat għal dawk il-partijiet taż-żona ta' 200 mil nawtiku li tinsab 'il barra lejn il-baħar minn 12-il mil nawtiku mil-linji ta' bażi ta' l-Istati Membri fiż-żona IV ta' l-ICES, il-Kattegat u l-Oċean Atlantiku fit-Tramuntana

([1]) ĠU L 22, 25.1.2003, p. 5.

▼B

ta' 43°00′N, ħlief għaż-żona msemmija fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

2. Sajd fi Skagerrak minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tan-Norveġja għandu jitħalla jsir 'il barra minn erba' mili nawtiċi mil-linji ta' bażi tad-Danimarka u l-Isvezja.

3. Sajd minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela għandu jkun limitat għal dawk il-partijiet taż-żona ta' 200 mil nawtiku li tinsab 'il barra minn 12-il mil nawtiku mil-linji ta' bażi tad-Dipartiment tal-Gujana Franċiża.

Artikolu 17

Transitu mill-ilmijiet tal-Komunità

Bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi fi transitu mill-ilmijiet tal-Komunità għandhom jistivaw ix-xbieki tagħhom b'mod li ma jkunux għal-lest biex jintużaw skond il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) xbieki, piżijiet, u rkaptu simili għandhom jitneħħew mit-twavel tax-xbieki u fili u ħbula ta' l-irfigħ jew ġbid,

(b) ix-xbieki mgħobbija fuq jew 'l fuq mill-gverta għandhom ikunu marbuta fis-sod ma' parti mill-istruttura ta' fuq tal-bastiment.

Artikolu 18

Kondizzjonijiet għall-ħatt l-art tal-qabdiet u qabdiet inċidentali

Ħut minn stokkijiet li għalihom hemm stabbiliti limiti ta' qbid m'għandux jinżamm abbord jew jinħatt l-art ħlief jekk meħud minn bastimenti tas-sajd ta' pajjiż terz li għandu kwota u dik il-kwota ma tkunx eżawrita.

Artikolu 19

Miżuri tranżitorji tekniċi u ta' kontroll

Miżuri tranżitorji tekniċi u ta' kontroll għal bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu kif stabbiliti fl-Anness III.

KAPITOLU IV

ARRANĠAMENTI TA' LIĊENZJAR GĦAL BASTIMENTI TAL-KOMUNITÀ

Artikolu 20

Liċenzji u kondizzjonijiet assoċjati

1. Minkejja r-regoli ġenerali dwar liċenzji tas-sajd u permessi tas-sajd speċjali provduti fir-Regolament (KE) Nru 1627/94, is-sajd minn bastimenti tal-Komunità fl-ilmijiet ta' pajjiż terz għandu jkun suġġett għal pussess ta' liċenzja maħruġa mill-awtoritajiet ta' dak il-pajjiż terz.

2. Madankollu, il-paragrafu 1 m'għandux japplika għall-bastimenti tal-Komunità li ġejjin, huma u jistadu fl-ilmijiet Norveġiżi tal-Baħar tat-Tramuntana:

(a) bastimenti ta' tunnellaġġ ta' 200 GT jew inqas; jew

(b) bastimenti li jkunu qed jistadu għal speċijiet għall-konsum mill-bniedem, minbarra kavalli; jew

(ċ) bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Isvezja, skond il-prassi stabbilita.

3. In-numru massimu ta' liċenzji u kondizzjonijiet assoċjati oħra għandhom jiġu stabbiliti kif stipulat fil-Parti I ta' l-Anness IV. Talbiet

▼B

għal liċenzji għandhom jindikaw it-tipi ta' sajd u l-isem u l-karatteristiċi tal-bastimenti tal-Komunità li għalihom jintalab il-ħruġ tal-liċenzji u għandhom jiġu indirizzati mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tressaq dawn it-talbiet lill-awtoritajiet tal-pajjiż terz konċernat.

4. Jekk Stat Membru jittrasferixxi l-kwota tiegħu lil Stat Membru ieħor (tpartit) fiż-żoni ta' sajd stipulati fil-Parti I ta' l-Anness IV, it-trasferiment għandu jinkludi trasferiment xieraq ta' liċenzji u dan għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni Madankollu, l-għadd totali ta' liċenzji għal kull żona ta' sajd, kif stipulat fil-Parti I ta' l-Anness IV m'għandux jinqabeż.

5. Il-bastimenti tal-Komunità għandhom jikkonformaw mal-miżuri ta' konservazzjoni u kontroll u d-dispożizzjonijiet l-oħra kollha li jirregolaw iż-żona li jaħdmu fiha.

Artikolu 21

Il-Gżejjer Faroe

Il-bastimenti tal-Komunità liċenzjati biex jaħdmu f'sajd dirett għal speċi waħda fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faroe jistgħu jistadu speċifikament għal speċijiet oħra sakemm huma jinnotifikaw bil-quddiem lill-awtoritajiet tal-Gżejjer Faroe.

KAPITOLU V

ARRANĠAMENTI TA' LIĊENZJAR GĦAL BASTIMENTI TAS-SAJD TA' PAJJIŻI TERZI

Artikolu 22

Obbligu tal-pussess ta' liċenzja u permess speċjali tas-sajd

1. Minkejja l-Artikolu 28b tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, bastimenti tas-sajd ta' inqas minn 200 GT li jtajru l-bandiera tan-Norveġja għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jkollhom liċenzja u permess speċjali tas-sajd.

2. Il-liċenzja u l-permess speċjali tas-sajd għandhom jinżammu abbord. Madankollu, bastimenti tas-sajd irreġistrati fil-Gżejjer Faroe jew in-Norveġja għandhom ikunu eżentati minn dak l-obbligu.

3. Bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi awtorizzati li jistadu fil-31 ta' Diċembru 2007 jistgħu jkomplu jistadu mill-1 ta' Jannar 2008 sakemm il-lista tal-bastimenti tas-sajd li huma awtorizzati jistadu tiġi mressqa lil, u approvata mill-Kummissjoni.

Artikolu 23

Applikazzjoni għal liċenzja u permess speċjali tas-sajd

Applikazzjoni lill-Kummissjoni għal liċenzja u permess speċjali tas-sajd minn awtorità ta' pajjiż terz għandha tkun akkumpanjata mill-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-bastiment;

(b) in-numru ta' reġistrazzjoni;

(ċ) l-ittri u n-numri esterni ta' identifikazzjoni;

(d) il-port ta' reġistrazzjoni;

(e) l-isem u l-indirizz tas-sid jew is-sid tan-nolleġġ;

(f) il-piż gross f'tunnellati u t-tul totali;

(g) is-saħħa tal-magna/i;

▼B

(h) il-kodiċi u l-frekwenza tar-radju;

(i) il-metodu ta' sajd previst;

(j) iż-żona ta' sajd prevista;

(k) l-ispeċijiet li għalihom huwa previst is-sajd;

(l) il-perijodu li għalih qed tintalab liċenzja.

Artikolu 24

Numru ta' liċenzji

L-għadd ta' liċenzji u l-kondizzjonijiet l-oħra assoċjati għandhom jiġu stabbiliti kif stipulat fil-Parti II ta' l-Anness IV.

Artikolu 25

Thassir u rtirar

1. Liċenzji u permessi tas-sajd jistgħu jitħassru bil-ħsieb li jinħarġu liċenzji u permessi speċjali tas-sajd ġodda. Tali tħassir għandu jibda jgħodd mill-jum ta' qabel id-data tal-ħruġ tal-liċenzji u l-permessi speċjali tas-sajd il-ġodda mill-Kummissjoni. Il-liċenzji u l-permessi tas-sajd il-ġodda jibdew jgħoddu mid-data tal-ħruġ tagħhom.

2. Liċenzji u permessi speċjali tas-sajd għandhom jiġu rtirati kompletament jew parzjalment qabel id-data ta' l-iskadenza tagħhom jekk il-kwota ta' l-istokk partikolari kif stipulat fl-Anness I tkun ġiet eżawrita.

3. Liċenzji u permessi tas-sajd speċjali għandhom jiġu rtirati fil-każ ta' kull nuqqas fil-konformità ma' l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 26

Nuqqas ta' konformità mar-regoli rilevanti

1. Għal perijodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar, m'għandhom jinħarġu l-ebda liċenzja jew permess speċjali tas-sajd għal bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi li ma jkunux ħarsu l-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni għandha tressaq għand l-awtoritajiet tal-pajjiż terz konċernat l-ismijiet u l-karatteristiċi tal-bastimenti tas-sajd ta' pajjiż terz li ma jkunx se jiġi awtorizzat jistad fiż-żona ta' sajd tal-Komunità fix-xahar jew xhur suċċessivi minħabba ksur tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 27

Obbligi tad-detentur ta' liċenzja

1. Bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi għandhom jikkonformaw mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' kontroll u mad-dispożizzjonijiet l-oħra li jirregolaw is-sajd minn bastimenti tal-Komunità fiż-żona li jaħdmu fiha, b'mod partikolari r-Regolamenti (KEE) Nru 1381/87, (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 1434/98, u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005 għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound [1].

2. Il-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom iżommu ġurnal ta' abbord u fih iniżżlu l-informazzjoni msemmija fil-Parti I ta' l-Anness V.

[1] ĠU L 349, 31.12.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 809/2007 (ĠU L 182, 12.7.2007, p. 1).

▼B

3. Bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi, minbarra bastimenti li jtajru l-bandiera Norveġiża li jistadu fiż-żona IIIa ta' l-ICES, għandhom jittrażmettu l-informazzjoni msemmija fl-Anness VI lill-Kummissjoni, f'konformità mar-regoli stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 28

Dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrigwardaw id-Dipartiment tal-Gujana Franċiża

1. L-għoti ta' liċenzji għal sajd fl-ilmijiet tad-Dipartiment tal-Gujana Franċiża għandu jkun suġġett għal impenn minn sid il-bastiment tas-sajd ikkonċernat ta' pajjiż terz li jippermetti t-tlugħ abbord ta' osservatur fuq talba tal-Kummissjoni.

2. Bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi li jistadu fl-ilmijiet tad-Dipartiment tal-Gujana Franċiża għandhom iżommu ġurnal ta' abbord li jaqbel mal-mudell muri fil-Parti II ta' l-Anness V. Id-data dwar il-qabdiet għandha tintbagħat lill-Kummissjoni meta tintalab, permezz ta' l-awtoritajiet Franċiżi.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-BASTIMENTI TAL-KOMUNITÀ LI JISTADU FIL-BAĦAR MEDITERRAN

Artikolu 29

Stabbiliment ta' staġun magħluq għas-sajd tal-lampuki permezz ta' rkaptu biex jinġema' l-ħut (FAD)

1. Sabiex jitħares il-lampuki (*Coryphaena hippurus*), b'mod partikolari l-ħut żgħir, is-sajd għal-lampuki permezz ta' rkaptu biex jinġema' l-ħut (FADs) għandu jkun ipprojbit mill-1 ta' Jannar sa l-14 ta' Awissu 2008, fis-subżoni ġeografiċi kollha taż-żona tal-Ftehim GFCM, kif determinat mir-Riżoluzzjoni GFCM/31/2007/2 kif stabbilit fl-Anness XIV.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, jekk Stat Membru jista' juri li minħabba f'kondizzjonijiet ħżiena tat-temp, il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu ma setgħux jutilizzaw il-jiem normali tas-sajd tagħhom dak l-Istat Membru jista' jgħaddi jiem mitlufa mill-bastimenti tiegħu fis-Sajd FAD sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara. Stati Membri li jkunu jixtiequ jibbenefikaw minn din il-possibilità għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni, qabel l-1 ta' Jannar 2009, applikazzjoni għall-għadd ta' jiem addizzjonali li fihom bastiment ikun se jiġi awtorizzat jistad għal-lampuki bl-użu ta' tagħmir biex jinġema' l-ħut matul il-perijodu ta' projbizzjoni mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Jannar 2009. Tali applikazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) rapport bid-dettalji tal-waqfien mill-attivitajiet tas-sajd rilevanti, inkluża informazzjoni meterjoloġika xierqa bħala evidenza;

(b) l-isem tal-bastiment;

(ċ) in-numru ta' reġistrazzjoni;

(d) ittri u numri esterni ta' identifikazzjoni kif definit fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004 tat-30 ta' Diċembru 2003 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità ([1]).

Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-informazzjoni li tikseb mill-Istati Membri lis-Segretarjat Eżekuttiv tal-GFCM.

([1]) ĠU L 5, 9.1.2004, p. 25. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1799/2006 (ĠU L 341, 7.12.2006, p. 26).

▼B

3. L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport lill-Kummissjoni, qabel l-1 ta' Novembru 2008, dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 2, għas-sena 2007.

4. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni sal-15 ta' Jannar 2009 t-total ta' ħatt l-art u ta' trasbordi ta' lampuki mwettqin waqt l-2008 mill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom fis-subżoni ġeoġrafiċi kollha taż-żona ta' Ftehim GFCM kif determinat fir-Riżoluzzjoni GFCM/31/2007/2 kif stabbilit fl-Anness XIV.

Il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-informazzjoni akkwistata mill-Istati Membri lis-Segretarjat Eżekuttiv tal-GFCM.

Artikolu 30

Stabbiliment ta' żoni ristretti għas-sajd sabiex jitħarsu l-ħabitats sensittivi tal-baħar fond.

1. Is-sajd bil-ħammiela rmunkati u bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ għandu jkun ipprojbit fiż-żoni kkonfinati minn linji li jgħaqqdu l-koordinati li ġejjin:

▼M4

(a) Iż-żona ta' restrizzjoni għas-sajd fil-baħar fond imsejħa "Lophelia reef 'il barra minn Capo Santa Maria di Leuca"

— 39° 27,72′ N, 18° 10,74′ E

— 39° 27,80′ N, 18° 26,68′ E

— 39° 11,16′ N, 18° 32,58′ E

— 39° 11,16′ N, 18° 04,28′ E

▼B

(b) Żona tal-baħar fond ristretta għas-sajd "The Nile delta area cold hydrocarbon seeps"

— 31° 30.00′ N, 33° 10.00′ E

— 31° 30.00′ N, 34° 00.00′ E

— 32° 00.00′ N, 34° 00.00′ E

— 32° 00.00′ N, 33° 10.00′ E

(ċ) Żona tal-baħar fond ristretta għas-sajd "The Eratosthemes Seamount"

— 33° 00.00′ N, 32° 00.00′ E

— 33° 00.00′ N, 33° 00.00′ E

— 34° 00.00′ N, 33° 00.00′ E

— 34° 00.00′ N, 32° 00.00′ E

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji għall-ħarsien tal-ħabitats sensittivi tal-baħar fond fiż-żoni msemmija fil-paragrafu 1 u b'mod partikolari għandhom jiżguraw il-ħarsien ta' dawn iż-żoni mill-impatti ta' kwalunkwe attività oħra ta' sajd li thedded il-konservazzjoni tal-karatteristiċi partikolari ta' dawn il-ħabitats speċifiċi.

Artikolu 31

Daqs minimu tal-malji tax-xbieki tat-tkarkir kalati x'ċertu sajd lokali u demersali staġjonali

1. B'deroga mill-Artikoli 8(1)(h) u 9(3) punt (2) tar-Regolament (KE) Nur 1967/2006, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jawtorizzaw lill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom biex jużaw malji tal-manka li jkunu iżgħar minn 40mm djamant sabiex joperaw f'ċertu

▼B

sajd lokali u demersali staġjonali li jisfrutta stokkijiet ta' ħut mhux komuni ma' pajjiżi terzi.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss għal attivitajiet tas-sajd li diġà huma formalment awtorizzati mill-Istati Membi skond il-liġi nazzjonali fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007 u m'għandhom jinvolvu l-ebda żidiet fl-isforz tas-sajd fir-rigward tas-sena 2006.

3. L-Istati Membri, sal-15 ta' Jannar 2008 għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, u permezz tal-kanali normali għall-ipproċessar tad-data, il-lista tal-bastimenti awtorizzati skond il-paragrafu 1. Il-lista ta' bastimenti awtorizzati għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru tal-bastiment fir-reġistru tal-flotta tal-Komunità (CFR), u l-marki esterni kif definiti fl-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004;

(b) is-sajd awtorizzat li jsir minn kull wieħed mill-bastimenti definiti f'termini ta' stokk(ijiet) fil-mira, iż-żona tas-sajd kif determinata fir-Riżoluzzjoni GFCM/31/2007/2 kif stabbilit fl-Anness XIV u l-karatterisitiċi tekniċi tad-daqs tal-malja ta' l-irkaptu tas-sajd kalat;

(ċ) il-perijodu tas-sajd awtorizzat.

4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-informazzjoni li tikseb mill-Istati Membri lis-Segretarjat Eżekuttiv tal-GFCM.

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-BASTIMENTI KOMUNITARJI LI JISTADU FIŻ-ŻONA REGOLATORJA TAN-NAFO

Artikolu 32

Rapportar tal-qabdiet

1. Il-kaptan ta' bastiment awtorizzat biex jistad għall-ħalibatt tal-Groenlandja skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2115/2005 għandu jibgħat, b'mezzi elettroniċi, lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-bandiera tiegħu, rapport tal-qabda fejn jiddikjara l-kwantitajiet ta' Ħalibatt tal-Groenlandja li jkun qabad bil-bastiment tiegħu, ukoll jekk ma jkun qabad xejn.

2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għadu jintbagħat għall-ewwel darba sa mhux aktar tard mill-10 jum wara d-data tad-dħul tal-bastiment fiż-Żona Regolatorja tan-NAFO jew wara l-bidu tal-vjaġġ tas-sajd. Ir-rapport għandu jiġi trażmess fuq il-bażi ta' perjodi ta' ħamest ijiem. Meta l-qabdiet ta' ħalibatt tal-Groenlandja innotifikati skond il-paragrafu 1 jitqiesu li jkunu eżawrew 75 % tal-kwota allokata lill-Istati Membri, il-kaptan għandu jittrażmetti r-rapporti msemmija fuq il-bażi ta' perjodi ta' tlett ijiem.

3. Kull Stat Membru għandu jibgħat ir-rapporti tal-qabdiet lill-Kummissjoni malli jirċevihom. Il-Kummissjoni għandha tibgħat mill-ewwel l-informazzjoni lis-Segretarjat tan-NAFO.

Artikolu 33

Miżuri addizjonali ta' kontroll

1. Bastimenti awtorizzati jistadu għall-ħalibatt tal-Groenlandja skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2115/2005 jistgħu jidħlu biss fiż-Żona Regolatorja tan-NAFO bies jistadu għall-ħalibatt tal-Groenlandja jekk ikollhom inqas minn 50 tunnellata ta' kwalunkwe qabda abbord jew jekk l-aċċess ikun permess skond il-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.

2. Meta bastiment awtorizzat biex jistad għall-ħalibatt tal-Groenlandja skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2115/2005 ikollu

▼B

qabdiet minn barra ż-żona Regolatorja tan-NAFO ta' 50 tunnellata jew aktar abbord, għandu jikkomunika lis-Segretarjat tan-NAFO bil-posta elettronika jew feks sa mhux aktar tard minn 72 siegħa qabdel id-dħul (ENT) fiż-żona Regolatorja tan-NAFO, l-ammont tal-qabda miżmum abbord, il-pożizzjoni (latitudni/lonġitudni) fejn il-kaptan tal-bastiment jipprevedi li l-bastiment ikun se jibda jistad, u l-ħin stmat tal-wasla f'dik il-pożizzjoni.

3. Jekk bastiment ta' spezzjoni, wara n-notifika msemmija fil-paragrafu 2, jindika li jkun biħsiebu jagħmel spezzjoni, dan għandu jikkomunika l-koordinati ta' punt ta' kontroll fejn tkun tista' ssir spezzjoni tal-bastiment tas-sajd. Il-punt ta' kontroll m'għandux ikun aktar minn 60 mil nawtiku mill-pożizzjoni li fih l-kaptan tal-bastiment jipprevedi li l-bastiment ikun se jibda jistad.

4. Jekk bastiment tas-sajd awtorizzat li jistad għall-ħalibatt tal-Groenlandja skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2115/2005 ma jirċievi l-ebda komunikazzjoni mis-Segretarjat tan-NAFO jew minn bastiment ta' spezzjoni, sal-ħin li fih jidħol fiż-żona Regolatorja tan-NAFO, li bastiment ta' spezzjoni jkun biħsiebu jagħmel spezzjoni skond il-paragrafu 3, il-bastiment tas-sajd jista' jipproċedi bis-sajd. Il-bastiment tas-sajd jista' wkoll jibda l-attivitajiet tas-sajd mingħajr spezzjoni minn qabel jekk il-bastiment ta' spezzjoni ma jkunx beda l-ispezzjoni fi żmien tliet sigħat wara l-wasla tal-bastiment tas-sajd fil-punt ta' kontroll.

Artikolu 34

Żona tal-protezzjoni tal-korall

Fid-Diviżjoni 3O tan-NAFO, iż-żona definita fl-Anness VII għandha tkun magħluqa għall-attivitajiet ta' sajd kollha li jinvolvu rkaptu li jidħol f'kuntatt mal-qiegħ.

KAPITOLU VIII

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-ĦATT L-ART JEW IT-TRASBORD TA' ĦUT IFFRIŻAT MAQBUD MINN BASTIMENT TAS-SAJD TAŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI NEAFC

Artikolu 35

Kontroll mill-Istat tal-port

Mingħajr preġudizzju għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1093/94 tas-6 ta' Mejju 1994 li jipprovdi il-kondizzjonijiet li taħthom bastimenti tas-sajd ta' pajjiż terz jistgħu jniżżlu direttament u jpoġġu fis-suq il-qbid tagħhom fil-portijiet tal-Komunità [1] il-proċeduri stipulati f'dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għall-ħatt l-art jew it-trasbord fil-portijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' ħut iffriżat maqbud minn bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi fiż-żona tal-Konvenzjoni NEAFC.

Artikolu 36

Portijiet magħżula

Ħatt l-art u trasbord f'ilmijiet Komunitarji huwa permess biss f'portijiet magħżula.

L-Istati Membri għandhom jagħżlu post li jintuża għall-ħatt l-art jew post qrib ix-xatt (portijiet magħżula) fejn il-ħatt l-art jew ħidmiet ta' trasbord ta' ħut, imsemmija fl-Artikolu 35, ikunu permessi. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bi kwalunkwe tibdil susse-

[1] ĠU L 121, 12.5.1994, p. 3.

▼B

gwenti li jsir fil-lista ta' portijiet magħżula fl-2007, għallinqas ħmistax-il jum qabel ma jidħol fis-seħħ it-tibdil.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista tal-portijiet magħżula u tibdil li jsirilha fis-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u tqegħidha fuq is-sit ta' l-internet tagħha.

Artikolu 37

Avviż minn qabel dwar id-dħul fil-port

1. B'deroga mill-Artikolu 28e(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2807/93, il-kaptani ta' bastimenti kollha tas-sajd, jew ir-rappreżentanti tagħhom, li għandhom abbord ħut imsemmi fl-Artikolu 35 ta' dan ir-Regolament, u li biħsiebhom jidħlu f'port biex iħottu jew jittrasbordaw għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-port li jixtiequ jużaw għallinqas tlett ijiem tax-xogħol qabel il-ħin stmat tal-wasla.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun akkumpanjata mill-formola msemmija fil-Parti I ta' l-Anness VIII, bil-Parti A mimlija hekk:

(a) Il-Formola PSC 1 għandha tintuża meta l-bastiment tas-sajd ikun qed iħott il-qabda tiegħu stess;

(b) Il-Formola PSC 2 għandha tintuża meta bastiment tas-sajd ikun involut f'operazzjonijiet ta' trasbord. F'każijiet bħal dawn formola separata għandha tintuża għal kull bastiment donatur.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-port għandu jibgħat kopja tal-formola kif imsemmi fil-paragrafu 2 minnufih lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd, u lill-Istat(i) tal-bandiera tal-bastimenti donaturi meta l-bastiment tas-sajd kien involut f'operazzjonijiet ta' trasbord.

Artikolu 38

Awtorizzazzjoni għall-ħatt l-art u t-trasbord

1. Ħatt l-art jew trasbord jista' jiġi awtorizzat biss mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-port jekk l-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd li jkun biħsiebu jħott l-art jew jittrasborda, jew fejn il-bastiment kien involut f'operazzjonijiet ta' trasbord barra mill-port, l-Istat tal-bandiera jew l-Istati tal-bastimenti donaturi jkunu kkonfermaw billi bagħtu lura kopja tal-formola trażmessa skond l-Artikolu 37(3) bil-Parti B mimlija kif suppost, li:

(a) il-bastimenti tas-sajd li ddikjaraw li qabdu l-ħut kellhom biżżejjed kwota għall-ispeċijiet iddikjarati;

(b) il-kwantitajiet ta' ħut abbord ġew irrappurtati u tqiesu kif suppost għall-kalkolu ta' kwalunkwe limitazzjoni tal-qbid jew ta' l-isforz li jista' jkun applikabbli;

(ċ) il-bastimenti tas-sajd li ddikjaraw li qabdu l-ħut kellhom l-awtorizzazzjoni li jistadu fiż-żoni ddikjarati;

(d) Il-preżenza tal-bastiment fiż-żona tal-qabda ddikjarata ġiet ivverifikata skond id-data VMS.

L-operazzjonijiet ta' ħatt l-art jew trasbord jistgħu jibdew biss wara li tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-Port.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet koompetenti ta' l-Istat tal-port jistgħu jawtorizzaw l-ħatt l-art kollu jew parti minnu fl-assenza tal-konferma msemmija fil-paragrafu 1 iżda f'każi bħal dawn iżommu l-ħut ikkonċernat maħżun taħt il-kontroll ta' l-awtoritajiet kompetenti. Il-ħut jista' jiġi biss rilaxxat għall-bejgħ, għall-għoti jew għat-trasport ladarba

▼B

tkun waslet il-konferma msemmija fil-paragrafu 1. Jekk il-konferma ma tasalx fi żmien 14-il jum wara l-ħatt l-art, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat tal-port jistgħu jikkonfiskaw u jiddisponu mill-ħut skond ir-regoli nazzjonali.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-Port għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien id-deċiżjoni tagħhom jekk jawtorizzawx il-ħatt l-art jew it-trasbord billi jittrażmettu kopja tal-formola prevista fil-Parti I ta' l-Anness VIII bil-Parti C mimlija kif jixraq lill-Kummissjoni u lis-Segretarju tan-NEAFC meta l-ħut maħtut l-art jew ittrasbordat ikun inqabad fiż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NEAFC.

Artikolu 39

Spezzjonijiet

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom iwettqu spezzjonijiet ta' għallinqas 15 % tal-ħatt l-art jew tat-trasbord minn bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi, imsemmija fl-Artikolu 35, fil-portijiet tagħhom kull sena.

2. L-ispezzjonijiet għandhom jinvolvu l-monitoraġġ ta' l-iskariku kollu jew it-trasbord u għandhom jinkludu kontroverifiki bejn il-kwantitajiet irreġistrati skond l-ispeċi fin-notifika preċedenti tal-ħatt l-art u l-kwantitajiet li jinħattu l-art jew li jiġu ttrasbordati, skond l-ispeċi.

3. L-ispetturi għandhom jagħmlu l-isforzi kollha possibbli sabiex jevitaw illi jdewmu bastiment iżżejjed u jiżguraw li l-bastiment ibati l-minimu ta' indħil u inkonvenjent u li tiġi evitata d-degradazzjoni tal-kwalità tal-ħut.

Artikolu 40

Rapporti ta' l-ispezzjoni

1. Kull spezzjoni għandha tiġi ddokumentata billi jimtela rapport ta' l-ispezzjoni kif stipulat fil-Parti II ta' l-Anness VIII.

2. Kopja ta' kull rapport ta' spezzjoni għandha tintbagħat mingħajr dewmien lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment, u lill-Istat(i) tal-bandiera tal-bastimenti donaturi fejn il-bastiment kien involut f'operazzjonijiet ta' trasbord u lis-Segretarju tan-NEAFC meta l-ħut li jinħatt l-art jew li jiġi ttrasbordat ikun inqabad fiż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NEAFC.

3. L-oriġinal jew kopja ċertifikata ta' kull rapport ta' spezzjoni għandu jintbagħat fuq talba lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment spezzjonat.

KAPITOLU IX

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAL BASTIMENTI KOMUNITARJI LI JISTADU FIŻ-ŻONA CCAMLR

TAQSIMA 1

Restrizzjonijiet u Ħtiġiet ta' informazzjoni dwar il-bastimenti

Artikolu 41

Projbizzjonijiet u limitazzjonijiet tal-qbid

1. Sajd dirett għall-ispeċijiet msemmija fl-Anness IX għandu jkun ipprojbit fiż-żoni u matul il-perjodi stipulati f'dak l-Anness.

▼B

2. Għal sajd ġdid u esploratorju, il-limiti tal-qbid u tal-qbid inċidentali stabbiliti fl-Anness X għandhom japplikaw fis-Subżoni msemmija f'dak l-Anness.

TAQSIMA 2

Sajd esploratorju

Artikolu 42

Regoli ta' kondotta għal sajd esploratorju

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 601/2004 l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti Komunitarji tas-sajd kollha huma mgħammrin bi:

(a) tagħmir adatt għall-komunikazzjoni (inkluż radju MF/HF ta' l-ġarr ta' l-inqas ta' Emergency Position Indicating Radio Beacon ta' 406 MHz (EPIRB) u operaturi mħarrġin abbord u fejn possibbli jkunu mgħammrin b'tagħmir GMDSS;

(b) ilbies suffiċjenti għal dawk kollha abbord għas-sopravivenza f'każ ta' immersjoni;

(ċ) arranġamenti adatti biex ikunu mmaniġġati emerġenzi mediċi li jistgħu jinqalgħu waqt il-vjaġġ;

(d) riżervi ta' ikel, ilma frisk, fjuwil u partijiet esktra għal tagħmir kritiku biex ikun hemm proviżjoni għal dewmien u waqfien mhux previsti;

(e) Pjan ta' Emerġenza għal Tniġġis minn Żejt Abbord il-Bastiment (SOPEP) approvat li jinkludi arranġamenti ta' mitigazzjoni għal tniġġis marin (inkluża assigurazzjoni) fil-każ ta' ħruġ mhux intenzjonat ta' fjuwil jew skart.

Artikolu 43

Parteċipazzjoni f'sajd esploratorju

1. Bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta', u li hu rreġistrat fi Spanja li ġie nnotifikati lis-CCAMLR f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 u 7a tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 ([1]) jista' jipparteċipa f'sajd esploratorju bil-konzijiet għad-*Dissostichus spp*. fis-Subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO u wkoll fid-Diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2, 58.4.3b) barra minn Żoni ta' ġurisdizzjoni nazzjonali u 58.4.3b) barra minn Żoni ta' ġurisdizzjoni nazzjonali.

2. Mhux aktar minn bastiment tas-sajd wieħed għandu jistad fid-Diviżjonijiet 58.4.3a) u 58.4.3b) fl-istess ħin.

3. Fir-rigward tas-Subżoni 88.1 u 88.2 u wkoll tad-Diviżjonijiet 58.4.1 u 58.4.2, il-limiti tal-qbid u l-qbid inċidentali għal kull Subżona u Diviżjoni, u d-distribuzzjoni tagħhom f'Unitajiet ta' Riċerka fuq Skala Żgħira (SSRUs) fi ħdan kull waħda minnhom għandhom isiru kif stipulat fl-Anness X. Għandu jieqaf is-sajd f'kull SSRU meta l-qabda rrappurtata tilħaq il-limitu tal-qbid speċifikat u l-SSRU għandha tingħalaq għas-sajd għall-bqija ta' l-istaġun.

4. Is-sajd għandu jseħħ fuq medda ġeografika u batimetrika kbira kemm jista' jkun sabiex jinkiseb it-tagħrif meħtieġ għad-determinazzjoni tal-potenzjal tas-sajd u sabiex jiġi evitat is-sajd u l-qbid ikkonċentrat wisq. Madankollu, is-sajd fid-Diviżjonijiet 58.4.1 u 58.4.2 għandu jkun ipprojbit f'fond inqas minn 550 m.

([1]) ĠU L 97, 1.4.2004, p. 16. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1099/2007 (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 11).

▼B

Artikolu 44

Sistemi ta' rappurtar

Bastimenti tas-sajd li jipparteċipaw fis-sajd esploratorju msemmi fl-Artikolu 43 għandhom ikunu suġġetti għas-sistemi ta' rappurtar ta' qbid u sforz li ġejjin:

(a) is-Sistema ta' Rappurtar tal-Qbid u l-Isforz kull Ħamest Ijiem stabbilita fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004, bl-eċċezzjoni li l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni r-rapporti tal-qbid u l-isforz mhux aktar tard minn jumejn tax-xogħol wara tmiem kull perijodu ta' rappurtar, biex jiġu trażmessi immedjatament lis-CCAMLR. Fis-Subżoni 88.1 u 88.2 u wkoll fid-Diviżjonijiet 58.4.1 u 58.4.2, ir-rappurtar għandu jsir mill-Unitajiet ta' Riċerka fuq Skala Żgħira;

(b) is-Sistema ta' Rappurtar tal-Qbid u l-Isforz fuq skala dettaljata ta' Kull Xahar stipulata fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004;

(ċ) l-għadd u l-piż totali ta' *Dissostichus eleginoides* u *Dissostichus mawsoni* mormija, inklużi dawk bil-kondizzjoni ġelatinuża ("jelly-meat"), għandhom jiġu rapportati.

Artikolu 45

Definizzjoni ta' refgħat

1. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, refgħa għandha tinkludi l-kalar ta' konz wieħed jew aktar f'post wieħed. Il-pożizzjoni ġeografika preċiża ta' refgħa għandha tiġi ddeterminata mill-punt taċ-ċentru tal-konz jew konzijiet imħaddma għall-finijiet tar-rappurtar tal-qbid u l-isforz.

2. Sabiex titqies bħala refgħa ta' riċerka:

(a) kull refgħa ta' riċerka għandha tkun imbiegħda mhux anqas minn ħames mili nawtiċi minn kull refgħa ta' riċerka oħra, u d-distanza titkejjel miċ-ċentru ġeografiku ta' kull refgħa ta' riċerka;

(b) kull refgħa għandha tinkorpora għall-inqas 3 500 sunnara u mhux aktar minn 10 000 sunnara; dan jista' jinkludi għadd ta' konzijiet separati mqiegħda fl-istess post;

(ċ) kull refgħa b'konz għandha jkollha perijodu fil-baħar ta' mhux anqas minn 6 sigħat, imkejla mill-bidu tat-tlestija tal-proċess tat-tqegħid sal-bidu ta' l-irfigħ fuq il-bastiment.

Artikolu 46

Pjani ta' riċerka

Il-bastimenti tas-sajd li jipparteċipaw fis-sajd esploratorju msemmi fl-Artikolu 43 għandhom iwettqu Pjani ta' Riċerka, f'kull waħda u fl-SSRUs kollha li fihom is-Subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO u wkoll id-Diviżjonijiet 58.4.1 u 58.4.2 huma maqsuma. Il-Pjan ta' Riċerka għandu jitwettaq bil-mod li ġej:

(a) ma' l-ewwel dħul f'SSRU, l-ewwel 10 refgħat, imsejħa "l-ewwel serje", għandhom jissejħu "refgħat ta' riċerka" u għandhom jissodisfaw il-kriterji msemmija fl-Artikolu 45(2);

(b) l-10 refgħat suċċessivi, jew 10 tunnellati ta' qbid, liema livell ta' skatt minnhom jintlaħaq l-ewwel, għandhom jiġu magħżula "it-tieni serje". Ir-refgħat tat-tieni serje jista', fid-diskrezzjoni tal-kaptan, isir sajd għalihom bħala parti minn sajd esploratorju normali. Madankollu, sakemm jissodisfaw il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 45(2), dawn ir-refgħat jistgħu jiġu magħżula wkoll bħala refgħat ta' riċerka;

(ċ) malli jitlestew l-ewwel u t-tieni serje ta' refgħat, jekk il-kaptan jixtieq ikompli jistad fl-SSRU, il-bastiment għandu jidħol għal

▼B

"tielet serje" u b'hekk jasal għal total ta' 20 refgħa ta' riċerka magħmula b'kollox fit-tliet sensiliet. It-tielet serje ta' refgħat għandha titlesta matul l-istess żjara ta' l-ewwel u t-tieni serje f'SSRU;

(d) malli jitlestew 20 refgħa ta' riċerka bit-tielet serje, il-bastiment jista' jkompli jistad fl-SSRU;

(e) fl-SSRUs A, B, C, E u G fis-Subżoni 88.1 u 88.2 fejn qiegħ il-baħar li fih jista' jsir sajd huwa inqas minn 15 000 km^2, il-punti (b), (c) u (d) m'għandhomx japplikaw u kif jitlestew 10 refgħat ta' riċerka l-bastiment jista' jkompli jistad fl-SSRU.

Artikolu 47

Pjani għall-ġbir ta' data

1. Il-bastimenti tas-sajd li jipparteċipaw fis-sajd esploratorju msemmi fl-Artikolu 43 għandhom iwettqu l-pjani ta' ġbir ta' data, f'kull waħda u fl-SSRUs kollha li fihom is-Subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO u wkoll id-Diviżjonijiet 58.4.1 u 58.4.2 huma maqsuma. Il-Pjan ta' Ġbir ta' Data għandu jinkludi d-data li ġejja:

(a) il-pożizzjoni u l-fond tal-baħar f'kull tarf ta' kull konz f'refgħa;

(b) il-ħinijiet meta tkalaw, tad-dewmien fl-ilma u ta' l-irfigħ;

(ċ) l-għadd u l-ispeċi tal-ħut li jeħles fil-wiċċ;

(d) in-numru ta' snanar kalati;

(e) it-tip ta' lixka;

(f) is-suċċess tal-lixkar (%);

(g) it-tip ta' sunnara; kif ukoll

(h) il-kondizzjonijiet tal-baħar u s-sħab u l-fażi tal-qamar fil-ħin tal-kalar tal-konzijiet.

2. Id-data kollha msemmija taħt il-paragrafu 1 għandha tinġabar għal kull refgħa ta' riċerka; b'mod partikolari, il-ħut kollu f'refgħa ta' riċerka sa 100 ħuta għandhom jitkejlu u għall-inqas 30 ħuta meħuda b'kampjun għal studji bijoloġiċi. Fejn jinqabdu aktar minn 100 ħuta, metodu ta' subkampjunar alleotorju għandu jiġi applikat.

Artikolu 48

Programm ta' tikkettjar

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7b tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 kull bastiment tal-konz għandu jittikketta u jirrilaxxa d-*Dissostichus* spp. kontinwament waqt is-sajd, b'rata speċifikata fil-miżura ta' konservazzjoni għal dak is-sajd skond il-Protokoll għall-Ittikkettjar tas-CCAMLR.

Artikolu 49

Osservaturi xjentifiċi

1. Kull bastiment tas-sajd li jipparteċipa fis-sajd esploratorju msemmi fl-Artikolu 43 għandu jkollu minn ta' l-inqas żewġ osservaturi xjentifiċi, li wieħed minnhom għandu jkun osservatur maħtur skond l-Iskema ta' Osservazzjoni Xjentifika Internazzjonali, li jkunu abbord matul l-attivitajiet ta' sajd kollha fil-perijodu ta' sajd.

2. Kull Stat Membru, soġġett għal u skond il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli tiegħu, fosthom regoli dwar l-ammissibbiltà ta' evidenza fil-qrati domestiċi, għandu jqis u jaġixxi fuq rapporti minn Spetturi ta' Membri CCAMLR li jinnominaw taħt din l-iskema fuq l-istess bażi bħar-rapporti mill-Ispetturi tagħha stess u kemm l-Istat Membru kif

▼B

ukoll il-Membru li jinnomina kkonċernat għandhom jikkooperaw sabiex jiffaċilitaw proċedimenti ġudizzjarji jew proċedimenti oħra li jirriżultaw minn kwalunkwe rapport bħal dan.

Artikolu 50

Notifika ta' intenzjoni ta' parteċipazzjoni fis-sajd għall-krill

1. Bħala deroga mill-Artikolu 5a tar-Regolament Nru 601/2004, l-Istati Membri li għandhom l-intenzjoni li jistadu għall-krill fiż-Żona tal-Konvenzjoni kif definit fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament għandhom jinnotifikaw lis-Segretarjat tas-CCAMLR u lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom mhux inqas minn erba' xhur bil-quddiem tal-laqgħa annwali tal-Kummissjoni tas-CCAMLR, immedjatament qabel l-istaġun li fih biħsiebhom jistadu, bl-użu tal-format stabbilit fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament sabiex jiżguraw reviżjoni adatta mill-Kummissjoni tas-CCAMLR qabel il-bastimenti jibdew is-sajd.

2. In-notifika, imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 għal kull bastiment li għandu jiġi awtorizzat mill-Istat Membru biex jipparteċipa fis-sajd għall-krill.

3. L-Istati Membri li għandhom l-intenzjoni li jistadu għall-krill fiż-Żona tal-Konvenzjoni għandhom jinnotifikaw biss bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom fiż-żmien tan-notifika.

4. Bħala deroga mill-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jawtorizzaw parteċipazzjoni f'sajd għall-krill minn bastiment barra minn dak notifikat fis-CCAMLR skond il-paragrafi 1 sa 3, jekk il-bastiment notifikat huwa mwaqqaf milli jipparteċipa minħabba raġunijiet operattivi leġittimi jew ta' *force majeure*. F'dawk iċ-ċirkostanzi l-Istati Membri kkonċernati għandhom immedjatament jinformaw lis-Segretarjat tas-CCAMLR u lill-Kummissjoni, billi jipprovdu:

(i) id-dettalji sħaħ tal-bastiment(i) intenzjonati għal sostituzzjoni msemmijin fil-paragrafu 2;

(ii) rendikont komprensiv tar-raġunijiet li jiġġustifikaw is-sostituzzjoni u kwalunkwe evidenza jew referenzi rilevanti ta' appoġġ;

5. B'deroga mill-paragrafi 3 u 4, l-Istati Membri m'għandhomx jawtorizzaw bastiment fuq kull waħda mil-Listi ta' Bastimenti tas-CCAMLR IUU biex jipparrteċiaw f'sajd għall-krill.

Artikolu 51

Limitazzjonijiet prekawzjonarji għall-qbid dwar sajd għall-krill għal ċerti subżoni

1. Il-qabda totali kkombinata ta' krill fis-Subżoni Statistiċi 48.1, 48.2, 48.3 u 48.4 għandhom ikunu limitati għal 3,47 miljun tunnellata fi kwalunkwe staġun tas-sajd. Il-qabda totali ta' krill fid-Diviżjoni Statistika 58.4.2 għandha tkun illimitata għal 2,645 miljun tunnellata fi kwalunkwe staġun tas-sajd.

2. Sakemm ma tkunx definita allokazzjoni ta' dan il-limitu ta' qabda totali bejn l-unitajiet tal-ġestjoni iżgħar, ibbażata fuq il-parir mill-Kumitat Xjentifiku, il-qabda totali kkombinata fis-Subżoni Statistiċi 48.1, 48.2, 48.3 u 48.4 għandha tkun limitata aktar għal 620 000 tunnellata fi kwalunkwe staġun tas-sajd. Il-qabda totali fid-Diviżjoni 58.4.2 għandha tkun illimitata għal 260 000 tunnellata fil-Punent ta' 55 grad E u 192 000 tunnellata fil-Lvant ta' 55 grad E fi kwalunkwe staġun tas-sajd.

3. Staġun tas-sajd jibda fl-1 ta' Diċembru u jispiċċa fit-30 ta' Novembru tas-sena ta' wara.

4. Kull bastiment li jipparteċipa fis-sajd għall-krill fid-Diviżjoni 58.4.2 għandu jkollu mill-inqas osservatur xjentifiku wieħed skond l-

▼B

Iskema CCAMLR ta' l-Osservazzjoni Xjentifika Internazzjonali jew osservatur xjentifiku domestiku li jissodisfa t-talbiet ta' dik l-iskema, u fejn possibbli osservatur xjentifiku ieħor abbord matul l-attivitajiet kollha tas-sajd fil-perijodu tas-sajd.

Artikolu 52

Sistema ta' Rapportar tad-Data għal sajd għall-krill

1. Il-qabdiet tal-krill għandhom ikunu rapportati skond l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) 601/2004.

2. Meta l-qabda totali rapportata fi kwalunkwe staġun tas-sajd hija akbar jew daqs it-80 % tal-livell ta' skatt ta' 620 000 tunnelata fis-Subżoni 48.1, 48.2, 48.3 u 48.4 ta' 260 000 tunnellata il-Punent ta' 55°E u 192 000 tunnellata il-Lvant ta' 55°E fis-subżona 58.4.2, il-qabdiet għandhom ikunu rapportati skond l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004.

3. Fl-istaġun tas-sajd li jsegwi dak li fih il-qabda totali kienet akbar minn jew ugwali għal 80 % tal-livell ta' skatt stabbilit fil-paragrafu 2, il-qabdiet għandhom jiġu rapportati skond l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) 601/2004 meta l-qabda totali hija akbar minn jew ugwali għal 50 % ta' dak il-livell ta' skatt.

4. Fit-tmiem ta' kull staġun tas-sajd l-Istati membri għandhom jakkwistaw mingħand kull wieħed mill-bastimenti tagħhom d-data għal kull qabda meħtieġa biex titkompla l-formola tal-qbid u ta' l-isforz preċiżi tas-CCAMLR. Huwa għandu jittrasmetti dik id-data, fil-formola C1 tas-CCAMLR għas-sajd bit-tkarkir, lis-Segretarju Eżekuttiv tas-CCAMLR u lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-1 ta' April tas-sena ta' wara.

Artikolu 53

Ċerti limiti dwar is-sajd esploratorju għad-*Dissostichus* spp.

1. Il-qabda totali għad-*Dissostichus* spp. fil-BANZARE Bank

(Diviżjoni Statistika 58.4.3b) 'l barra miż-żoni li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni nazzjonali fl-istaġun tas-sajd 2007/08 m'għandhiex taqbeż:

(i) limitu ta' qbid prekawzjonarju ta' 150 tunnellata applikat kif ġej:

SSRU A – 150 tunnellata

SSRU B – 0 tunnellati;

(ii) limitu ta' qbid addizzjonali ta' 50 tunnellata għall-istħarriġ ta' riċerka xjentifika fis-SSRUs A u B fl-2007/08.

2. Il-qabda totali fis-SSRU A, imsemmija fil-paragrafu 1(i), m'għandhiex tittieħed waqt il-perijodu mis-16 ta' Marzu 2008 sa l-aħħar ta' l-istħarriġ ta' riċerka xjentifika jew fl-1 ta' Ġunju 2008, skond liema jiġi l-ewwel.

Artikolu 54

Projbizzjoni fuq il-kalar ta' l-għeżul fil-baħar fond

1. Għall-fini ta' dan l-Artikolu id-definizzjoni li ġejja għandha tapplika:

Xbieki tal-garġi huma ħitan singoli, doppji jew trippli ta' xibka, vertikali, qrib il-wiċċ, f'nofs l-ilma jew fil-qiegħ, li fihom il-ħut jitħabbel jew jitgħaqqad. Ix-xbieki tal-garġi għandhom sufruni fuq il-linja ta' fuq (headrope) u, b'mod ġenerali, piżijiet fuq il-linja tal-qiegħ (footrope). Xbieki tal-garġi jikkonsistu minn xibka singola, jew, anqas komunament, doppja jew trippla (magħrufa bħala xbieki tat-tħabbil) imqiegħda fuq l-istess ħbula strutturali. Bosta tipi ta' xbieki jistgħu jiġu kkombniati f'irkaptu wieħed (per eżempju, xibka tat-tħabbil ikkombinata ma' xibka

▼B

tal-garġi). Dawn l-ixbieki jistgħu jintużaw waħedhom jew, kif inhu aktar komuni, f'numri kbar f'linja ("flottot" ta' xbieki). L-irkaptu jista' jiġi ffissat, ankrat mal-qiegħ (magħruf bħala "bottom-set net") jew jitħalla jinġarr, liberament jew konness mal-bastiment (magħruf bħala "driftnet").

2. L-użu ta' l-għeżula fiż-Żona tal-Konvenzjoni, għal għanijiet oħra minbarra r-riċerka xjentifika, huwa pprojbit sakemm Il-Kumitat Xjentifiku ma jkunx investiga u rrapporta l-impatti potenzjali ta' dan l-irkaptu u l-Kummissjoni ma tkunx qablet abbażi tal-parir mill-Kumitat Xjentifiku li tali metodu jista' jintuża fiż-Żona tal-Konvenzjoni.

3. Proposta għall-użu ta' għeżula għar-riċerka xjentifika f'ilmijiet aktar fondi minn 100 metru għandhom jiġu nnotifikat minn qabel lill-Kumitat Xjentifiku u approvati mill-Kummissjoni qabel ma tkun tista' tibda riċerka bħal din.

4. Kwalunkwe bastimenti li jrid jagħmel transitu fiż-Żona tal-Konvenzjoni u jġorr l-għeżula abbord għandu javża bil-quddiem bl-intenzjoni tiegħu, u jinkludi d-dati previsti tal-mogħdija miż-Żona tal-Konvenzjoni lis-Segretarjat. Kwalunkwe bastiment fil-pussess ta' għeżula fiż-Żona tal-Konvenzjoni li ma jkunx ta notifika bħal din bil-quddiem, ikun qed jikser dawn id-dispożizzjonijiet.

Artikolu 55

Minimizzazzjoni tal-mortalità inċidentali tat-tajr tal-baħar

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 601/2004 l-bastimenti li jużaw il-metodu Spanjol tas-sajd bil-konz għandhom jitilqu l-piżijiet qabel ma tinbena tensjoni fix-xlief.

2. Għall-fini tas-sajd bil-konz msemmi fil-paragrafu 1, jistgħu jintużaw il-piżijiet li ġejjin:

(a) piżijiet tradizzjonali magħmulin minn blat jew konkrit ta' l-inqas ta' 8.5 kg fil-massa li għandhom jintużaw spazjati f'intervalli ta' mhux aktar minn 40 m;

(b) piżijiet tradizzjonali magħmulin minn blat jew konkrit ta' l-inqas ta' 6 kg fil-massa li għandhom jintużaw spazjati f'intervalli ta' mhux aktar minn 20 m, jew

(ċ) piżijiet ta' azzar solidu, mhux magħmulin minn ħoloq tal-ktajjen, ta' l-inqas ta' 5 kg fil-massa li għandhom jintużaw spazjati f'intervalli ta' mhux aktar minn 40 m.

Artikolu 56

Għeluq tas-sajd kollu

1. Wara n-notifika mis-Segretarjat tas-CCAMLR ta' l-għeluq ta' sajda, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti kollha li jtajru l-bandiera tagħhom u li jistadu f'dik iż-żona, żona ta' tmexxija, subżona, diviżjoni, unità għar-riċerka fuq skala żgħira jew unità ta' tmexxija oħra, soġġetti għall-avviż ta' l-għeluq, għandhom ineħħu l-irakptu tas-sajd kollu tagħhom mill-ilma sad-data u l-ħin ta' l-għeluq notifikati.

2. Wara li tkun riċevuta din in-notifika mill-bastiment, l-ebda konzijiet oħrajn ma jistgħu jintelqu fi żmien 24 siegħa tad-data u l-ħin notifikati. Jekk din in-notifika tkun riċevuta inqas minn 24 siegħa qabel id-data u l-ħin ta' l-għeluq, l-ebda konzijiet oħrajn ma jistgħu jintelqu wara r-riċevuta ta' dik in-notifika.

▼B

3. Fil-każ ta' l-għeluq tas-sajd il-bastimenti kollha għandhom jitilqu miż-żona tas-sajd ladarba l-irkaptu kollu tas-sajd ikun tneħħa mill-ilma.

4. Fil-każ li bastiment ma jistax ineħħi l-irkaptu tas-sajd kollu tiegħu mill-ilma sad-data u l-ħin ta' l-għeluq innotifikati għal raġunijiet marbutin ma':

(i) is-sigurtà tal-bastiment u l-ekwipaġġ;

(ii) il-limitazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw minn kondizzjonijiet tat-temp avversi;

(iii) baħar miksi bis-silġ; jew

(iv) il-ħtieġa li jkun protett l-ambjent marin ta' l-Antartiku,

il-bastiment għandu jinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat bis-sitwazzjoni. L-Istati Membri għandhom immedjatament jinnotifikaw lis-Segretarjat tas-CCAMLR u lill-Kummissjoni. Il-bastiment għandu madankollu jagħmel l-isforzi kollha raġjonevoli biex ineħħi l-irkaptu tas-sajd kollu mill-ilma kemm jista' jkun malajr.

5. Jekk japplika l-paragrafu 4, l-Istati Membri għandhom iwettqu investigazzjoni dwar l-azzjonijiet tal-bastiment u, skond il-proċeduri domestiċi tagħhom, jirrapportaw is-Segretarjat tas-CCAMLR u lill-Kummissjoni bis-sejbiet tagħhom, inklużi l-kwistjonijiet rilevanti kollha, mhux aktar tard mil-laqgħa tas-CCAMLR li jkun imiss. Ir-rapport finali għandu jivvaluta jekk il-bastiment għamilx l-isforzi kollha raġjonevoli biex ineħħu l-irkaptu tas-sajd tiegħu mill-ilma:

(i) sad-data u l-ħin ta' l-għeluq notifikati; u

(ii) kemm jista' jkun malajr wara n-notifika msemmija fil-paragrafu 4.

6. Fil-każ li bastiment ma jitlaqx miż-żona magħluqa hekk kif l-irkaptu kollu tas-sajd ikun tneħħa mil-ilma, l-Istat Membru tal-Bandiera jew il-bastiment għandu jinforma lis-Segretarjat tas-CCAMLR u lill-Kummissjoni.

KAPITOLU X

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-BASTIMENTI KOMUNITARJI LI JISTADU FIŻ-ŻONA TAS-SEAFO

TAQSIMA 1

Awtorizzazzjoni ta' bastimenti

Artikolu 57

Awtorizzazzjoni ta' bastimenti

1. L-Istati Membri għandhom iressqu elettronikament, fejn ikun possibbli, lill-Kummissjoni sa l-1 ta' Ġunju 2008, il-lista tal-bastimenti tagħhom li huma awtorizzati joperaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO permezz tal-ħruġ ta' permess tas-sajd.

2. Is-sidien tal-bastimenti li huma inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ta' nazzjonalità jew għandhom entità legali fil-Komunità.

3. Il-bastimenti tas-sajd jistgħu ikunu awtorizzati joperaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni SEAFO biss jekk jistgħu jissodisfaw fir-rigward ta' dawk il-bastimenti, il-ħtiġiet u r-responsabbiltajiet taħt il-Konvenzjoni SEAFO u l-miżuri tagħha tal-konservazzjoni u l-ġestjoni.

▼B

4. L-ebda permess tas-sajd m'għandu jinħareġ lil bastimenti li jkollhom imgħoddi ta' attivitajiet ta' sajd IUU, sakemm is-sidien il-ġodda ma jipprovdux biżżejjed evidenza li s-sidien u l-operaturi preċedenti m'għadx għandhom ebda interess ġuridiku, benefiċjarju jew finanzjarju f' dawk il-bastimenti, u ma jeżerċitaw l-ebda kontroll fuqhom, jew li, jekk wieħed iqis il-fatti rilevanti kollha, il-bastimenti tagħhom mhumiex involuti fi jew assoċjati ma' sajd IUU.

5. Il-lista msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkopri din l-informazzjoni:

(a) l-isem tal-bastiment, in-numru tar-reġistrazzjoni, ismijiet li seta' kellu qabel (jekk magħruf), u l-port fejn hu rreġistrat;

(b) bandiera ta' qabel (jekk applikabbli);

(ċ) il-Kodiċi Internazzjonali tar-Radju (jekk għandu);

(d) l-isem u l-indirizz tas-sid jew is-sidien;

(e) it-tip ta' bastiment;

(f) it-tul;

(g) l-isem u l-indirizz ta' l-operatur (manager), jew operaturi (maniġers) (fejn applikabbli);

(h) it-tunnellaġġ gross reġistrat; kif ukoll

(i) il-qawwa tal-magna jew magni prinċipali.

6. L-Istati Membri għandhom minnufih jinnotifikaw lill-Kummissjoni, wara l-istabbiliment tal-lista inizjali tal-bastimenti awtorizzati, dwar kwalunkwe żieda magħha, tħassir minnha u/jew kwalunkwe modifika li tista' ssirilha fi kwalunkwe waqt li jsir tibdil bħal dan.

Artikolu 58

Obbligi għal bastimenti awtorizzati

1. Il-bastimenti għandhom jikkonformaw mal-miżuri kollha rilevanti tas-SEAFO dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni.

2. Bastimenti awtorizzati għandhom iżommu abbord ċertifikati validi tar-reġistrazzjoni tal-bastiment u awtorizzazzjoni valida għas-sajd u/jew għat-trasbord.

Artikolu 59

Bastimenti mhux awtorizzati

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprojbixxu s-sajd għal speċijiet koperti, iż-żamma abbord, it-trasbord u l-ħatt l-art tagħhom mill-Konvenzjoni tas-SEAFO minn bastimenti li ma jkunux imdaħħla fir-reġistru tas-SEAFO ta' bastimenti awtorizzati.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe informazzjoni fattwali li turi li teżisti bażi raġonevoli biex wieħed jissuspetta li bastimenti li ma jkunux fuq ir-reġistru tas-SEAFO ta' bastimenti awtorizzati jkunu involuti f'sajd għal speċijiet koperti mill-Konvenzjoni tas-SEAFO fiż-żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO u/jew trasbord tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li s-sidien tal-bastimenti inklużi fir-reġistru tas-SEAFO ta' bastimenti awtorizzati, ma jkunux involuti fi jew assoċjati ma' attivitajiet ta' sajd imwettqa minn bastimenti li ma jkunux iddaħħlu fir-reġistru ta' bastimenti awtorizzati fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO.

▼B

TAQSIMA 2

Trasbordi

Artikolu 60

Projbizzjoni tat-trasbord fuq il-baħar

Kull Stat Membru għandu jipprojbixxi t-trasbord fuq il-baħar minn bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO, għal speċijiet koperti mill-Konvenzjoni tas-SEAFO.

Artikolu 61

Trasbordi fil-port

1. Bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jaqbdu speċijiet koperti mill-Konvenzjoni tas-SEAFO fiż-Żona tal-Konvenzjoni għandhom biss jittrasbordaw fil-port ta' Parti Kontraenti tas-SEAFO jekk għandhom awtorizzazzjoni minn qabel mill-Parti Kontraenti li fil-port tagħha tkun se sseħħ l-operazzjoni. Bastimenti tas-sajd Komunitarji għandhom jitħallew jittrasbordaw biss jekk ikollhom din l-awtorizzazzjoni minn qabel għat-trasbord mill-Istat Membru tal-bandiera u l-Istat tal-Port.

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-bastimenti tas-sajd awtorizzati tiegħu jiksbu awtorizzazzjoni minn qabel sabiex jieħdu sehem f'operazzjonijiet ta' trasbord ġewwa l-port. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li kull trasbord ikun konsistenti ma' l-ammont tal-qbid irrappurtat ta' kull bastiment u għandhom jesiġu r-rappurtar ta' kull trasbord.

3. Sid il-bastiment tas-sajd Komunitarju li jittrasborda lejn bastiment ieħor, minn issa 'l quddiem "il-bastiment riċevitur", kwalunkwe kwantità ta' qabdiet ta' speċijiet koperti mill-Konvenzjoni tas-SEAFO li nqabdu fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO għandu fil-ħin tat-trasbord jinforma lill-Istat tal-Bandiera tal-bastiment riċevitur dwar l-ispeċijiet u l-kwantitajiet involuti, bid-data tat-trasbord u fejn jinsabu l-qabdiet u għandu jippreżenta lill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu, dikjarazzjoni tas-SEAFO dwar it-trasbord, skond il-format stipulat fil-Parti I ta' l-Anness XII.

4. Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd Komunitarju għandu jinnotifika, għallinqas 24 siegħa bil-quddiem, l-informazzjoni li ġejja lill-Parti Kontraenti tas-SEAFO li fil-port tagħha jkun ser iseħħ it-trasbord.

— l-ismijiet tal-bastimenti tas-sajd li ser jittrasbordaw (iħottu),

— l-ismijiet tal-bastimenti riċevituri,

— it-tunnellaġ skond l-ispeċijiet li għandhom jiġu ttrasbordati,

— il-jum u l-port-tat-trasbord.

5. Mhux aktar tard minn 24 siegħa qabel il-bidu, u t-tmiem tat-trasbord meta dan isir f'port ta' Parti Kontraenti tas-SEAFO, il-kaptan tal-bastiment riċevitur li jtajjar bandiera tal-Komunità għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat tal-port il-kwantitajiet tal-qabdiet ta' l-ispeċijiet koperti mill-Konvenzjoni tas-SEAFO li jinsabu abbord il-bastiment tiegħu u jittrażmetti d-dikjarazzjoni tas-SEAFO dwar it-trasbord lil dawn l-awtoritajiet kompetenti fi żmien 24 siegħa.

6. Il-kaptan tal-bastiment Komunitarju riċevitur għandu, 48 siegħa qabel ma jħott l-art, iressaq dikjarazzjoni tas-SEAFO dwar it-trasbord lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat tal-port li fih ikun se jsir il-ħatt l-art.

7. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri xierqa sabiex jivverifika l-eżattezza ta' l-informazzjoni li tasallu u għandu jikkoopera ma' l-Istat tal-bandiera sabiex jiżgura li l-ħatt l-art ikun konsistenti ma' l-ammonti tal-qabdiet rappurtati ta' kull bastiment.

▼B

8. Kull Stat Membru li għandu bastimenti awtorizzati li jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO għal speċijiet koperti mill-Konvenzjoni tas-SEAFO, għandu jinnotifika sa l-1 ta' Ġunju 2008 id-dettalji tat-trasbordi li jkunu saru mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu lill-Kummissjoni.

TAQSIMA 3

Miżuri ta' konservazzjoni għall-ġestjoni tal-habitats vulnerabbli u l-ekosistemi tal-bahar fond

Artikolu 62

Żoni magħluqa

L-attivitajiet kollha tas-sajd, għal speċijiet koperti mill-Konvenzjoni tas-SEAFO, mill-bastimenti tas-sajd Komunitarji għandhom ikunu pprojbiti fiż-żoni ddefiniti hawn taħt:

(a) Is-Subdiviżjoni A1

(i) Dampier Seamount

10°00′S 02°00′W	10°00′S 00°00′E
12°00′S 02°00′W	12°00′S 00°00′E

(ii) Malahit Guyot Seamount

11°00′S 02°00′W	11°00′S 02°00′W
13°00′S 02°00′W	13°00′S 04°00′W

(b) Sub-diviżjoni B1

Molloy Seamount

27°00′S 08°00′E	27°00′S 10°00′E
29°00′S 08°00′E	29°00′S 10°00′E

(ċ) Diviżjoni C

(i) Schmidt-Ott Seamount & Erica Seamount

37°00′S 13°00E	37°00′S 17°00′E
40°00′S 13°00E	40°00′S 17°00′E

(ii) Africana Seamount

37°00′S 28°00E	37°00′S 30°00E
38°00′S 28°00E	38°00′S 30°00E

(iii) Panzarini Seamount

39°00′S 11°00′E	39°00′S 13°00′E
41°00′S 11°00′E	41°00′S 13°00′E

(d) Sub-diviżjoni C1

(i) Vema Seamount

31°00′S 08°00′E	31°00′S 09°00′E
32°00′S 08°00′E	32°00′S 09°00′E

(ii) Wust Seamount

33°00′S 06°00′E	33°00′S 08°00′E
34°00′S 06°00′E	34°00′S 08°00′E

▼B

(e) Diviżjoni D

(i) Discovery, Junoy, Shannon Seamounts

41°00′S 06°00′W	41°00′S 03°00′E
44°00′S 06°00′W	44°00′S 03°00′E

(ii) Schwabenland & Herdman Seamounts

44°00′S 01°00′W	44°00′S 03°00′E
47°00′S 01°00′W	47°00′S 02°00′E

Artikolu 63

Ftuħ mill-ġdid tas-sajd f'żona magħluqa

1. L-ebda sajd ma għandu jerġa' jiftaħ f'żona magħluqa għas-sajd imsemmija fl-Artikolu 62 sakemm l-Istat tal-bandiera jkun identifika u rreġistra ekosistemi vulnerabbli tal-baħar, inklużi għoljiet fil-baħar, żbokki idrotermiċi u koralli ta' l-ilma kiesaħ fiż-żona u jkun wettaq valutazzjoni dwar l-impatt ta' kwalunkwe tkomplija tas-sajd fuq ekosistemi vulnerabbli tal-baħar bħal dawn.

2. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jibgħat ir-riżultati ta' l-identifikazzjoni, tar-reġistrazzjoni u tal-valutazzjoni ta' l-impatt li jitwettqu skond il-paragrafu 1 lill-Kummissjoni biex din tibgħathom lil-Laqgħa Annwali tal-Kumitat Xjentifiku tas-SEAFO.

3. L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw Pjani għas-Sajd ta' Riċerka lill-Kummissjoni sabiex din tevalwa l-impatt tas-sajd fuq is-sostenibbiltà tar-riżorsi tas-sajd u fuq il-ħabitats vulnerabbli tal-baħar.

TAQSIMA 4

Miżuri dwar it-tnaqqis ta' qabdiet inċidentali ta' tjur tal-baħar

Artikolu 64

Informazzjoni dwar interazzjonijiet mat-tjur tal-baħar

L-Istati Membri għandhom jiġbru u jipprovdu l-informazzjoni kollha disponibbli lill-Kummissjoni sa l-1 ta' Ġunju 2008, dwar interazzjonijiet ma' tjur tal-baħar, inklużi qabdiet aċċidentali mill-bastimenti tas-sajd tagħhom, f'sajd għal speċijiet koperti mill-Konvenzjoni tas-SEAFO.

Artikolu 65

Miżuri ta' mitigazzjoni

1. Il-bastimenti Komunitarji kollha li jistadu fin-Nofsinhar tal-parallela ta' latitudni ta' 30 grad fin-Nofsinhar għandhom iġorru u jużaw naffara (*tori poles*):

(a) In-naffariet għandhom ikunu skond il-linji ta' gwida għad-disinn u l-użu maqbul għall-arbli tori, kif stipulat fil-Parti II ta' l-Anness XII;

(b) In-naffariet għandhom jintefgħu qabel ma jiġu kalati l-konzijiet, f'kull ħin fin- Nofsinhar tal-parallela ta' latitudni 30 grad fin-Nofsinhar;

(ċ) Fejn ikun prattiku, il-bastimenti huma mħeġġa jużaw it-tieni arblu tori u naffara f'ħinijiet ta' abbundanza jew attività kbira ta' tjur;

(d) In-naffariet ta' riżerva għandhom jinġarru mill-bastimenti kollha u għandhom ikunu lesti għall-użu immedjat.

▼B

2. Il-konzijiet għandhom jiġu kalati biss bil-lejl (jiġifieri matul is-sigħat ta' dlam bejn il-ħinijiet ta' l-għabex nawtiku ([1]). Waqt is-sajd bil-konzijiet matul il-lejl, għandu jintuża biss id-dawl minimu tal-bastiment li jkun meħtieġ għas-sikurezza.

3. Ir-rimi ta' ġewwieni huwa pprojbit waqt li jkun qed jiġi kalat l-irkaptu. Ir-rimi ta' ġewwieni matul l-irfigħ ta' l-irkaptu għandu jiġi evitat. Kwalunkwe rimi bħal dan għandu jseħħ, kulfejn possibbli, fuq in-naħa l-oħra tal-bastiment li ma tkunx qed tintuża għall-irfigħ ta' l-irkaptu. Għal bastimenti jew sajd fejn ma teżistix il-ħtieġa li jinżamm il-ġewwieni abbord il-bastiment, għandha tkun implimentata sistema sabiex jitneħħew is-snanar mill-ġewwieni u l-irjus tal-ħut qabel ma jintremew. Ix-xbieki għandhom jitnaddfu qabel ma jiġu kalati sabiex jitneħħew oġġetti li jistgħu jattiraw it-tjur tal-baħar.

4. Bastimenti tas-sajd Komunitarji għandhom jadottaw proċeduri ta' kalar u rfigħ li jiminimizzaw il-ħin li x-xibka tgħum fil-wiċċ u l-malji jkunu laxki. Il-manutenzjoni tax-xbieki, sa fejn ikun possibbli, m'għandhiex issir meta x-xibka tkun fl-ilma.

5. Bastimenti tas-sajd tal-Komunità għandhom ikunu mħeġġa jiżviluppaw konfigurazzjonijiet ta' rkaptu li jimminimizzaw il-possibilità li t-tjur jiltaqgħu ma' dik il-parti tax-xibka li għaliha jkunu l-aktar vulnerabbli. Dan jista' jinkludi ż-żieda taċ-ċomb jew it-tnaqqis ta' kemm iżżomm f'wiċċ l-ilma x-xibka sabiex b'hekk tinżel fil-qiegħ aktar malajr, jew inkella ż-żieda ta' naffara kkulurita jew apparat ieħor f'postijiet partikolari tax-xibka fejn id-daqs tal-malji joħloq periklu partikolari għall-għasafar.

6. Bastimenti tas-sajd tal-Komunità li huma attrezzati b'tali mod li m'għandhom faċilitajiet ta' pproċessar abbord jew li m'għandhomx biżżejjed kapaċità li jżommu l-ġewwieni abbord, jew il-kapaċità li jarmu l-ġewwieni fuq in-naħa l-oħra tal-bastiment minn dik li jkun qed jintrefa' l-irkaptu, m'għandhomx ikunu awtorizzati jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni.

7. Għandu jsir kull sforz sabiex jiġi żgurat li tjur maqbuda ħajjin matul operazzjonijiet ta' sajd jinħelsu ħajjin u li kull fejn ikun possibbli s-snanar jitneħħew mingħajr ma tiġi mhedda l-ħajja tat-tajra kkonċernata.

TAQSIMA 5

Kontroll

Artikolu 66

Dispożizzjonijiet Speċjali għall-Patagonian Toothfish (*Dissostichus eleginoides*)

1. Il-kaptan ta' bastiment awtorizzat biex jistad għall-*Patagonian Toothfish* fiż-żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO skond l-Artikolu 57 għandu jibgħat, b'mezzi elettroniċi, lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-bandiera tiegħu, u lis-Segretarjat tas-SEAFO, rapport tal-qabda fejn jiddikjara l-kwantitajiet ta' *Patagonian Toothfish* li jkun qabad bil-bastiment tiegħu, ukoll jekk ma jkun qabad xejn. Dan ir-rapport għandu jintbagħat kull ħamest ijiem tal-vjaġġ tas-sajd. Kull Stat Membru għandu jittrażmetti din l-informazzjoni lill-Kummissjoni minnufih.

2. Stati Membri b'bastimenti awtorizzati biex jistadu għall-*Patagonian Toothfish* fiż-żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO għandhom

([1]) Il-ħinijiet eżatti ta' l-għabex nawtiku jidhru fit-tabelli ta' l-Almanakk Nawtiku għal-latitudni rilevanti, ħin lokali u data. Il-ħinijiet kollha, jekk hux għal operazzjonijiet ta' bastimenti jew għal rappurtar ta' osservazzjoni, għandhom ikunu referenzjati mal-GMT.

▼B

jipprovdu data dettaljata dwar il-qabdiet u l-isforzi lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat tas-SEAFO, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2008.

Artikolu 67

Dispożizzjonijiet Speċjali għall-Granċ l-Aħmar tal-Fond (Chaceon spp)

Għal kombinazzjoni speċifika ta' żoni ġeografiċi, kategoriji ta' rkapti tas-sajd u kondizzjonijiet speċjali, l-ammonti totali ta' jiem kilowatt għandhom ikunu t-totali ta' l-siforzi individwali kollha tas-sajd allokati lill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membri kkonċernat u li jikkwalifikaw għal dik il-kombinazzjoni speċifika. Sforzi tas-sajd individwali

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59

▼B

bħal dawn għandhom jiġu kkalkulati f'jiem kilowatt permezz tal-moltiplikazzjoni tal-qawwa tal-magni ta' kull bastiment bl-għadd ta' jiem fuq il-baħar li kieku jibbenefika minnhom, skond it-Tabella I, li kieku d-dispożizzjonijiet ta' dan il-punt ma jiġux applikati

8.6. L-allokazzjoni mill-ġdid tal-jiem ta' sajd imsemmija fil-punt 8.4 għandha ssir bil-ħsieb ta' użu aktar effiċjenti ta' l-opportunitajiet tas-sajd jew sabiex jiġu stimolati prattiki ta' sajd li jwasslu għal tnaqqis fir-rimi u li jnaqqsu l-mortalità mis-sajd kemm ta' ħut żgħir kif ukoll ta' ħut adulti. Dawn il-prattiki jistgħu ikunu fil-forma ta' pjanijiet ta' sajd imfassla f'kollaborazzjoni ma' l-industrija tas-sajd inkluż, kif xieraq:

(a) mira speċifika biex jitnaqqas ir-rimi tal-merluzz għal inqas minn 10 % tal-qabda tal-merluzz;

(b) għeluq fi żmien partikolari għall-ħut żgħir u li jirriproduċi;

(ċ) miżuri biex jiġi evitat il-merluzz;

(d) l-ippruvar ta' inġenji ġodda selettivi;

(e) monitoraġġ xieraq minn osservaturi u

(f) arranġamenti għal segwitu u rapportar.

8.7. Stat Membru li jixtieq jibbenefika mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt 8.4 għandu jressaq talba lill-Kummissjoni b'rapporti fil-format elettroniku li jkun fiha, għal kull kombinazzjoni ta' żoni ġeografiċi, gruppi ta' rkaptu tas-sajd u kondizzjonijiet speċjali kif stabbilit fit-Tabella I, u d-dettalji tal-kalkoli abbażi ta':

(a) lista ta' bastimenti awtorizzati jistadu, billi jkun indikat in-Numru fir-Reġistru tal-Flotta Komunitarja (CFR) u l-qawwa tal-magni tagħhom;

(b) ir-riżultati rreġistrati matul l-2002 għal bastimenti bħal dawn, li jirriflettu l-kompożizzjoni tal-qabdiet iddefiniti fil-kondizzjoni speċjali 8.2(c), (d), (e), (f) jew (k), jekk dawn il-bastimenti huma kkwalifikati għal kwalunkwe kondizzjonijiet speċjali bħal dawn u jekk m'humiex involuti fi pjani ta' osservazzjoni kif previst fil-punt 8.3;

(ċ) l-għadd ta' jiem fuq il-baħar li matulhom kull bastiment kien ikun awtorizzat jistad skond it-tabella I u l-għadd ta' jiem fuq il-baħar li kull bastiment jibbenefika minnhom bl-applikazzjoni tal-punt 8.4.

Abbażi ta' dik id-deskrizzjoni, il-Kummissjoni tista' tawtorizza lil dak l-Istat Membru biex jibbenefika mid-dispożizzjonijiet definiti fil-punt 8.

8.8. Matul il-perijodu ta' ġestjoni 2008, l-għadd massimu ta' jiem fuq il-baħar li fihom bastiment jista' jkun awtorizzat mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fi kwalunkwe kombinazzjoni ta' żoni ġeografiċi ddefiniti fil-punt 2.1, ma jistax jaqbeż l-ogħla għadd ta' jiem allokati għal xi waħda miż-żoni li jikkostitwuha.

8.9. Jum preżenti f'żona ġeografika ddefinita fil-punt 2.1 ta' dan l-Anness għandha wkoll tinqata' mill-għadd totali ta' jiem ta' preżenti fiż-żona ddefinita fil-punt 1 ta' l-Anness IIC għal bastiment li jaħdem bl-istess irkaptu kif iddefinit fil-punt 4.1 ta' l-Anness IIA u fil-punt 3 ta' l-Anness IIC.

8.10. Fejn bastiment jaqsam bejn żewġ żoni ġeografiċi, jew aktar, definiti fil-punt 2 ta' dan l-Anness fi vjaġġ tas-sajd, il-jum għandu jitnaqqas mill-jiem fiż-żona li fiha jkun qatta' l-biċċa l-kbira tal-ħin matul dak il-jum.

9. **Perijodi ta' ġestjoni**

9.1. Stat Membru jista' jaqsam il-jiem f'żona fit-Tabella I, f'perijodi ta' ġestjoni ta' tul ta' xahar kalendarju jew aktar.

9.2. L-għadd ta' jiem li fihom bastiment jista' jkun preżenti fi kwalunkwe żona ġeografika ddefinita fil-punt 2.1, tul perijodu ta' ġestjoni, għandu jkun stabbilit kif jidhirlu xieraq l-Istat Membru kkonċernat.

9.3. Fi kwalunkwe perijodu partikolari ta' ġestjoni, bastiment li jkun uża għadd ta' jiem ta' preżenza fiż-żona li għaliha huwa eliġibbli, għandu jibqa' fil-port jew barra minn kwalunkwe żona ġeografika msemmija fil-punt 2.1 għall-bqija tal-perijodu ta' ġestjoni sakemm ma jkunx qed juża rkaptu kif deskritt fil-punt 18.

▼B

10. **Allokazzjoni ta' jiem addizzjonali għall-waqfien permanenti mill-attività tas-sajd**

10.1. Għadd ta' jiem addizzjonali li fihom bastiment jista' jkun awtorizzat mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu biex ikun preżenti f'waħda miż-żoni ġeografiċi ddefiniti filpunt 2.1 filwaqt li jkollu abbord kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' rkaptu tas-sajd imsemmija fil-punt 4.1 jista' jkun allokat lil Stati Membri mill-Kummissjoni abbażi tal-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd li saru mill-1 ta' Jannar 2002 jew skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999 ([1]) inkella li jirriżultaw minn ċirkostanzi oħrajn motivati kif jixraq mill-Istati Membri.

L-isforz magħmul fl-2001, imkejjel f'jiem kilowatt, tal-bastimenti rtirati li jużaw l-irkaptu rilevanti fiż-żona ġeografika rilevanti għandu jinqasam bl-isforz magħmul mill-bastimenti kollha li użaw dak l-irkaptu fl-2001.

L-għadd ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar imbagħad għandu jiġi kkalkulat permezz tal-moltiplazzjoni tal-proporzjon miksuba b'dan il-mod bl-għadd ta' jiem li kieku kienu jiġu allokati skond it-Tabella I, Kwalunkwe parti minn jum li tirriżulta minn dan il-kalkolu għandha tiġi aġġustata għall-eqreb jum sħiħ

Dan il-punt m'għandux japplika fejn bastiment ġie mibdul skond il-punt 5.1 jew meta l-irtirar diġà intuża fi snin preċedenti biex jinkisbu jiem addizzjonali fuq il-baħar.

10.2. Stati Membri li jixtiequ jibbenefikaw mill-allokazzjonijiet stabbiliti filpunt 10.1 għandhom iressqu talba lill-Kummissjoni b'rapporti fil-format elettroniku li jkun fiha, għal kull kombinazzjoni ta' żoni ġeografiċi, gruppi ta' rkaptu tas-sajd u kondizzjonijiet speċjali kif stabbilit fit-Tabella I, u d-dettalji tal-kalkoli abbażi ta':

(a) lista ta' bastimenti irtirati, b'indikazzjoni tan-Numru fir-Reġistru tal-Flotta Komunitarja (CFR) u l-qawwa tal-magni tagħhom;

(b) l-isforzi tas-sajd eżerċitati minn bastimenti bħal dawn fl-2001, ikkalkolati bħala jiem fuq il-baħar b'kombinazzjoni ta' fatturi bħaż-żona ġeografika, gruppi ta' rkaptu tas-sajd, u jekk meħtieġ kondizzjonijiet speċjali.

10.3. Abbażi ta' tali talba l-Kummissjoni tista' temenda l-għadd ta' jiem iddefinit fil-punt 8.1 għal dak l-Istat Membru skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

10.4. Matul il-perijodu ta' ġestjoni 2008, Stat Membru jista' jalloka mill-ġdid dak l-għadd addizzjonali ta' jiem fuq il-baħar lill-bastimenti kollha li jibqgħu fil-flotta u li huma kkwalifikati għall-kombinazzjoni rilevanti ta' żoni ġeografiċi, gruppi ta' rkaptu tas-sajd u kondizzjonijiet speċjali jew għal parti minnhom permezz ta' l-applikazzjoni, mutatis mutandis, tad-dispożizzjonijiet stipulati fil-punti 8.4 u 8.5.

10.5. Kull għadd ta' jiem li jirriżulta minn waqfien permanenti ta' attività li qabel kien allokat mill-Kummissjoni jibqa' allokat fl-2008.

11. **Emenda tan-numru ta' jiem fuq il-baħar fil-każ ta' inkonsistenzi fl-opportunitajiet ta' sajd għall-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fiż-żona ġeografika 2.1(b)**

11.1. In-numru ta' jiem fuq il-baħar li fihom bastiment jista' jkun awtorizzat mill-Istat Membru tal-bandiera biex ikun preżenti fiż-żona ġeografika stabbilita fil-punt 2.1(b) jistad għall-barbun tat-tbajja' u l-lingwata bi kwalunkwe kombinazzjoni tal-kategoriji ta' rkaptu tas-sajd u kondizzjonijet speċjali li ġejjin, jista' jiġi emendat mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament Nru 2371/2002, meta tali emenda hija neċessarja għall-Istat Membru biex ikun jista' jaqbad il-kwota tiegħu:

4.1(a)(iv)/ebda;

4.1(b)(i)/ebda;

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jippreskrivi r-regoli u l-arranġamenti dettaljati rigward l-għajnuna Komunitarja strutturali fis-settur tas-sajd (ĠU L 337, 30.12.1999, p. 10) Regolament kif imħassar bir-Regolament (KE) Nru 1189/2006 (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

▼B

4.1(b)(iii)/ebda;

4.1(b)(iv)/ebda;

►C1 4.1(d)/8.3(g) ◄.

11.2. Stati Membri li jixtiequ jibbenefikaw minn emenda kif stabbilita fil-punt 10bis.1 għandhom jissottomettu talba lill-Kummissjoni li tinkludi rapporti f'forma elettronika li jkun fihom is-sitwazzjoni fil-31 ta' Lulju 2008 tal-konsum tal-kwota tagħhom tal-barbun tat-tbajja' u l-lingwata u l-isforz ta' sajd użat mill-bastimenti li jtajjru l-bandiera tagħhom.

12. **Allokazzjoni ta' jiem addizzjonali biex tkopri aħjar l-osservazzjoni**

12.1. Tlett ijiem addizzjonali li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona meta jkollu abbord xi kategorija ta' rkaptu tas-sajd imsemmija fil-punt 4.1, jistgħu jkunu allokati bejn l-1 ta' Frar 2008 u l-31 ta' Jannar 2009 lill-Istati Membri mill-Kummissjoni abbażi tal-programm imtejjeb li jkopri l-osservazzjoni bi sħab bejn ix-xjentisti u l-industrija tas-sajd.

Tali programm għandu jiffoka partikolarment fuq il-livelli ta' l-iskartar u fuq l-għamla tal-qabda u jmur lil hinn mil-ħtiġiet dwar il-ġbir tad-data kif stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1543/2000 ([1]), ir-Regolament (KE) Nru 1639/2001 ([2]) u r-Regolament (KE) Nru 1581/2004 ([3]), għal-livelli minimi u estiżi tal-programm.

L-osservaturi għandhom ikunu indipendenti mis-sid tal-bastiment u m'għandhomx ikunu membri ta' l-ewkipaġġ tal-bastiment tas-sajd.

12.2. Stati Membri li jixtiequ jgawdu mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 11.1 għandhom jagħtu lill-Kummissjoni deskrizzjoni tal-programm imtejjeb li jkopri l-osservazzjoni.

12.3. Abbażi ta' din id-deskrizzjoni, u wara li tikkonsulta ma' l-STECF, il-Kummissjoni tista' temenda l-għadd ta' jiem definiti fil-punt 8.1 għal dak l-Istat Membru u għall-bastimenti, iż-żona u l-irkaptu ikkonċernat fil-programm imtejjeb ta' l-osservazzjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

12.4. Jekk programm bħal dan, imressaq minn Stat Membru, ikun ġie approvat mill-Kummissjoni fl-imgħoddi, u l-Istat Membru jixtieq ikompli l-applikazzjoni tiegħu mingħajr tibdil, l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummisjoni bit-tkomplija tal-programm ta' osservazzjoni mtejba erba' ġimgħat qabel il-bidu tal-perijodu li għalih japplika l-programm.

12.5. Sitt ijiem addizzjonali li fihom bastiment jista' jkun preżenti fi ħdan iż-żona msemmija f'punt 2.1(ċ) waqt li abbord ikollu rkaptu msemmi fil-punt 4.1(a)(iv) u 4.1(a)(v) jistgħu jkunu allokati bejn l-1 ta' Frar 2008 u l-31 ta' Jannar 2009 lill-Istati Membri mill-Kummissjoni abbażi ta' Proġett Pilota għat-Tisħiħ tad-Data.

12.6. Tnax-il ġurnata addizzjonali li fihom bastiment jista' jkun preżenti fi ħdan iż-żona msemmija fil-punt 2.1(c) waqt li abbord ikollu rkaptu msemmi fil-punt 4.1 ħlief għall-irkaptu msemmi fil-paragrafi 4.1(a)(iv) u 4.1(a)(v) jistgħu jkunu allokati bejn l-1 ta' Frar 2008 u l-31 ta' Jannar 2009 lill-Istati Membri mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' Proġett Pilota dwar Data Mtejba.

12.7. L-Istati Membri li jixtiequ jibbenefikaw mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punti 11.5 u 11.6 għandhom jippreżentaw deskrizzjoni tal-Proġett Pilota ta' Data Mtejba tagħhom lill-Kummissjoni, li għandha tmur lil hinn mil-ħtiġiet eżistenti taħt il-leġislazzjoni Komunitarja.Abbażi ta' dik id-deskrizzjoni, il-Kummissjoni tista' tapprova l-proposta ta' Stat Membru biex għal Proġett Pilota ta' Data Mtejba skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

12.8. Jekk programm bħal dan, imressaq minn Stat Membru, ikun ġie approvat mill-Kummissjoni fl-imgħoddi, u l-Istat Membru jixtieq ikompli l-applikazzjoni tiegħu mingħajr tibdil, l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummisjoni bit-tkomplija tal-programm ta' osservazzjoni mtejba erba' ġimgħat qabel il-bidu tal-perijodu li għalih japplika l-programm.

12.9. Matul il-perijodu ta' ġestjoni ta' l-2008, il-Kummissjoni tista' tawtorizza lil Stat Membru wara li tikkonsulta mal-STECF, f'konformità mal-proċe-

([1]) ĠU L 176, 15.7.2000,p.1
([2]) ĠU L 222,17.8.2001,p.53
([3]) ĠU L 289, 10.9.2004, p. 6

▼B

dura stabbilita fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, biex jalloka sa tnax-il jum addizzjonali fuq il-baħar lill-bastimenti li jtajjru l-bandiera tiegħu u li huma preżenti fi kwalunkwe żona ġeografika definita fil-punt 2 meta jkollhom abbord kwalunkwe kategorija ta' rkaptu tas-sajd imsemmi fil-punt 4.1, biss jekk il-proprjetarji ta' dawn il-bastimenti jaderixxu għal pjan għat-tnaqqis tar-rimi.

Il-pjan għandu jiffoka b'mod partikolari fuq il-livelli ta' rimi ta' merluzz jew speċijiet oħra bi problemi simili ta' rimi bħall-barbun tat-tbajja u l-lingwata, li għalihom jiġi adottat pjan ta' ġestjoni jew pjan ta' irkupru, u għandhom jinkludu:

(a) miżuri mfassla biex jiġi mħeġġeġ l-evitar ta' ħut żgħir u li jbid tal-ħut ta' l-ispeċijiet ikkonċernati;

(b) l-ippruvar u l-implimentazzjoni ta' miżuri tekniċi biex tittejjeb is-selettività għal dawk l-ispeċijiet;

(ċ) rati akbar ta' osservazzjoni tal-flotta kkonċernata;

(d) arranġamenti għat-trasferiment regolari ta' data lill-Kummissjoni u għall-monitoraġġ annwali tar-riżultati li jinkisbu permezz tal-pjan

12.10. L-Istati Membri li jixtiequ jibbenefikaw mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 12.9 għandhom jissottomettu deskrizzjoni tal-pjan ta' tnaqqis tar-rimi tagħhom lill-Kummissjoni u l-lista tal-bastimenti li jtajjru l-bandiera tagħhom li ser ikunu involuti fil-pjan.

12.11. Matul il-perijodu ta' ġestjoni ta' l-2008, fejn is-sidien ta' dawn il-bastimenti jipparteċipaw fil-programm ta' evitar ta' merluzz stabbilit fil-punt 11.13, wara awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni Stat Membru jista' jalloka:

(a) 12-il jum oħra fuq il-baħar lill-bastimenti li jtajjru l-bandiera tiegħu u preżenti fiż-żona ġeografika definita fil-punt 2.1(b) meta jkollhom abbord kwalunkwe kategorija ta' rkaptu tas-sajd imsemmi fil-punt 4.1; jew

(b) 10 jiem oħra fuq il-baħar lill-bastimenti li jtajjru l-bandiera tiegħu u preżenti fiż-żona ġeografika definita fil-punt 2.1(d) meta jkollhom abbord kwalunkwe kategorija ta' rkaptu tas-sajd imsemmi fil-punt 4.1

Bastimenti li jipparteċipaw fil-programm ta' evitar ta' merluzz għandhom jilħqu mira speċifika biex jitnaqqas ir-rimi tal-merluzz għal inqas minn 10 % tal-qabda tal-merluzz. Programm ta' evitar ta' merluzz għandu jkun soġġett għall-osservazzjoni fuq rata ta' mill-inqas 10 %.

12.12. L-allokazzjonijiet tal-jiem fil-baħar imsemmija fil-punt 11.11 jistgħu jiġu allokati bħala żieda għall-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 11.9.

12.13. L-Istati Membri li jixtiequ jibbenefikaw mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 11.11 għandhom jissottomettu deskrizzjoni tal-programm ta' evitar ta' merluzz tagħhom lill-Kummissjoni u l-lista tal-bastimenti li jtajjru l-bandiera tagħhom li ser ikunu involuti fil-programm. In-numru ta' bastimenti li jipparteċipaw fil-programm ta' evitar ta' merluzz għandhom ikunu tali li l-kapaċità kumulata tagħhom espressa f'kW ma taqbiżx l-10 % tal-kapaċità kumulata f'kW tal-bastimenti kollha li jappartjenu għall-istess kategorija ta' rkaptu.

12.14. Abbażi tad-deskrizzjoni u l-lista msemmija fil-punt 11.13, u wara konsultazzjoni mal-STECF, il-Kummissjoni tista' f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 tawtorizza lill-Istati Membri biex japplikaw id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt 11.11.

13. **Kondizzjonijiet speċjali għall-allokazzjoni tal-jiem**

13.1. Il-permess speċjali tas-sajd imsemmi fl-Artikolu 5.1 għal kwalunwke bastiment li jibbenifika minn kwalunkwe kondizzjonijiet speċjali elenkati fil-punt 8.2 għandu jidentifika tali kondizzjonijiet.

13.2. Jekk għadd ta' jiem jiġi allokat lil bastiment li joriġina mill-konformità ma' kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet speċjali mniżżla fil-punti 8.2. (b), (c), (d), (e), (f), (k) jew (i), il-qabdiet magħmula minn dak il-bastiment u miżmuma abbord m'għandhomx ikunu aktar mill-perċentwal ta' dawk l-ispeċijiet skond kif imsemmija f'dawn il-punti. Il-bastiment m'għandux jittrasborda ħut lejn bastiment ieħor. Meta xi waħda minn

▼B

dawn il-kondizzjonijiet ma titħarisx minn bastiment, dak il-bastiment għandu b'effett immedjat jitlef l-allokazzjoni ta' jiem marbuta mal-kondizzjonijiet speċjali mogħtija.

14.

Tabella I

Numru massimu ta' jiem fl-2008 li fihom bastiment jista' jkun preżenti f'żona skond it-tagħmir tas-sajd

			Żoni kif iddefiniti fil-punt:					
Irkaptu Punt 4.1	Kondizzjoni speċjali Punt 8	Denomination [1]	2.1.a Kattegat	2.1.b (i) – Skaggerak; ►C1 (ii) – Parti miż-żona IIIa ta' l-ICES mhux koperta minn Skagerrak u Kattegat; iż-żona ICES IV u l-ilmijiet tal-KE taż-żona IIa ta' l-ICES ◄ (iii)-V11d			2.1.c VIIa	2.1.d VIa
				li ġejjin:	(ii)	(iii)		
a.i		Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥ 16 u < 32 mm	228	228 [2]			228	228
.a.ii		Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥ 70 u < 90 mm	n.r.	n.r.	184	199	184	204
.a.iii		Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥ 90 u < 100 mm	71	86	188		227	227
.a.iv		Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥ 100 u < 120 mm	103	86			86	69
a.v		Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'qies ta' malji ta' ≥ 120 mm	103	86			114	70
.a.iii	8.3(a)	Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'qies il-malji ta' 90 u < 100 mm b'tieqa ta' malji ta' 120 mm kwadru	126	126	227		227	227
.a.iv	8.3(a)	Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'qies il-malji ta' ≥ 120 mm b'tieqa ta' malji ta' 120 mm kwadru	137	137	103		114	91
a.v	8.3(a)	Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'qies il-malji ta' ≥ 120 mm b'tieqa ta' malji ta' 120 mm kwadru	137	137	103		114	91
a.v.	8.3(j)	Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'qies il-malji ta' ≥ 120 mm b'tieqa ta' malji ta' 140 mm kwadru	149	149	115		126	103
4.a.ii	8.3(b)	Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'qies il-malji ta' ≥ 70 u < 90 mm konformi mal-kondizzjonijiet stipulati fl-Appendiċi 2 għall-Anness III	Unl.	Bla limitu			Unl.	Unl.

▼B

			Żoni kif iddefiniti fil-punt:					
Irkaptu Punt 4.1	Kondizzjoni speċjali Punt 8	Denomination [1]	2.1.a Kattegat	2.1.b (i) – Skaggerak; ►C1 (ii) – Parti miż-żona IIIa ta' l-ICES mhux koperta minn Skagerrak u Kattegat; iż-żona ICES IV u l-ilmijiet tal-KE taż-żona IIa ta' l-ICES ◄ (iii)-V11d			2.1.c VIIa	2.1.d VIa
				li ġejjin:	(ii)	(iii)		
.a.ii	8.3(c)	Ir-riżultati miksuba bi xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'qies il-malji ta' ≥ 70 u < 90 mm għandhom jirrappreżentaw anqas minn 5 % ta' merluzz	n.r.	n.r.	215	227	204	227
.a.iii	8.3(l)	Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ta' ≥ 90 u < 100 mm konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 3	132	132	238		238	238
a.iv	8.3(c)	Ir-riżultati miksuba bi xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'qies il-malji ta' ≥ 100 u < 120 mm għandhom jirrappreżentaw anqas minn 5 % ta' merluzz	148	148			148	148
a.v	8.3(c)	Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥120 mm, ir-rekords tal-passat għandhom jirrappreżentaw inqas minn 5 % ta' merluzz	160	160			160	160
a.iv	8.3(k)	Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥ 100 u < 120 mm, ir-rekords tal-passat għandhom jirrappreżentaw inqas minn 5 % ta' merluzz u aktar minn 60 % ta' barbun tat-tbajja'	n.r.	n.r.			166	n.r.
a.v	8.3(k)	Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥ 120 mm, ir-rekords tal-passat għandhom jirrappreżentaw inqas minn 5 % ta' merluzz u aktar minn 60 % ta' barbun tat-tbajja'	n.r.	n.r.			178	n.r.
a.v	8.3(h)	Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'qies il-malji ta' ≥ 120 mm mħaddma fi ħdan sistema ta' waqfien awtomatiku tal-liċenzi tas-sajd	115	115			126	103
a.ii	8.3(d)	Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'qies il-malji ta' ≥ 70 u < 90 mm, bir-rekords ikunu jirrappreżentaw inqas minn 5 % merluzz, lingwata u barbun tat-tbajja'	280	280			280	252

▼B

			Żoni kif iddefiniti fil-punt:					
Irkaptu Punt 4.1	Kondiz-zjoni speċjali Punt 8	Denomination (1)	2.1.a Kattegat	2.1.b (i) – Skaggerak; ►C1 (ii) – Parti miż-żona IIIa ta' l-ICES mhux koperta minn Skagerrak u Kattegat; iż-żona ICES IV u l-ilmijiet tal-KE taż-żona IIa ta' l-ICES ◄ (iii)-V11d			2.1.c VIIa	2.1.d VIa
				li ġejjin:	(ii)	(iii)		
.a.iii	8.3(d)	Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'qies il-malji ta' ≥ 90 u < 100 mm, bir-rekords ikunu jirrappreżentaw inqas minn 5 % merluzz, lingwata u barbun tat-tbajja'	Unl.	Unl.	280		280	280
a.iv	8.3(d)	Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'qies il-malji ta' ≥ 100 u < 120 mm, bir-rekords ikunu jirrappreżentaw inqas minn 5 % merluzz, lingwata u barbun tat-tbajja'	Unl.	Bla limitu			276	276
a.v	8.3(d)	Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'qies il-malji > 120 mm, bir-rekords ikunu jirrappreżentaw inqas minn 5 % merluzz, lingwata u barbun tat-tbajja'	Unl.	Bla limitu			Unl.	279
a.v	8.3(h) 8.3(j)	Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ta' ≥ 120 mm b'tieqa b'malji kwadri ta' 140 mm li joperaw taħt sistema ta' sospensjoni awtomatika tal-liċenzji tas-sajd	n.r.	n.r.	127		138	115
b.i		Beam trawls b'qies ta' malji ta' 80 ≤ u < 90 mm	n.r.	119 (2)		Unl.	132	143 (2)
b.ii		Xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' qies ≥ 90 u < 100 mm	n.r.	143 (2)		Unl.	143	143 (2)
b.iii		Xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' qies ≥ 100 u < 120 mm	n.r.	129		Unl.	143	143
b.iv		Xbieki tat-tkarkir bit-travu b'qies il-malji ta' ≥ 120 mm	n.r.	129		Unl.	143	143
.b.iii	8.3(c)	Xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' qies ≥ 100 u < 120 mm, ir-rekords tal-passat għandhom jirrappre-żentaw inqas minn 5 % ta' merluzz	n.r.	155		Unl.	155	155
b.iii	8.3(i)	Xbieki tat-tkarkir bit-travu b'qies il-malji < 120mm għall-basimenti li użaw dan it-tip ta' xbieki fl-2003, l-2004 jew l-2005	n.r.	155		Unl.	155	155

▼B

			Żoni kif iddefiniti fil-punt:					
Irkaptu Punt 4.1	Kondiz-zjoni speċjali Punt 8	Denomination (1)	2.1.a Kattegat	2.1.b (i) – Skaggerak; ►C1 (ii) – Parti miż-żona IIIa ta' l-ICES mhux koperta minn Skagerrak u Kattegat; iż-żona ICES IV u l-ilmijiet tal-KE taż-żona IIa ta' l-ICES ◄ (iii)-V11d			2.1.c VIIa	2.1.d VIa
				li ġejjin:	(ii)	(iii)		
b.iv	8.3(c)	Xbieki tat-tkarkir bit-travu b'qies il-malji ≥ 120 mm, bir-rekords ikunu jirrappreżentaw inqas minn 5 % merluzz	n.r.	155		Unl.	155	155
b.iv	8.3(i)	Xbieki tat-tkarkir bit-travu b'qies il-malji ≥ 120 mm għall-basimenti li użaw l-armar fl-2003, l-2004 jew l-2005	n.r.	155		Unl.	155	155
b.iv	8.3(e)	Xbieki tat-tkarkir bit-travu b'qies il-malji ≥ 120 mm, bir-rekords ikunu jirrappreżentaw inqas minn 5 % merluzz u mhux aktar minn 60 % barbun tat-tbajja'	n.r.	155		Unl.	155	155
c.i		Għeżula u għeżula tat-tħabbil bil-qisien tal-malji < 110 mm	140	140			140	140
c.ii		Għeżula u għeżula tat-tħabbil bil-qisien tal-malji ≥ 110 mm u < 220 mm	140	126			140	140
c.iii		Għeżula u għeżula tat-tħabbil bil-qisien tal-malji ≥ 220 mm	140	117			115	140
c.iv		Għeżula u għeżula tat-tħabbil bil-qisien tal-malji < 220 mm	140	140			140	140
d		Pariti	140	140			140	140
.c.iii	8.3(f)	Għeżula u għeżula tat-tħabbil b'qies il-malji ta' ≥ 220 mm, bir-rekords ikunu jirrappre-żentaw inqas minn 5 % merluzz u aktar minn 5 % barbun imperjali u lumpsucker	162	140	162	140	140	140
(d)	8.3(g)	Il-bastiment m'għandux ikun barra mill-port għal aktar minn 24 siegħa.	140	140	185 (3)		140	140
(e)		Konzijiet	173	173			173	173

(1) Id-denominazzjonijiet fil-punti 4.1 u 8.2 biss jintużaw.
(2) L-applikazzjoni tat-Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 850/98 fejn jeżistu restrizzjonijiet.
(3) Għal stati Membri li l-kwota tagħhom hija inqas minn 5 % tas-sehem tal-Komunità tat-TACs kemm tal-barbun tat-tbajja' u l-lingwata, in-numru ta' jiem fuq il-baħar għandu jkun ta' 205.

m.r. tfisser "mhux rilevanti"

▼B

SKAMBJU TA' L-ALLOKAZZJONIJIET TA' L-ISFORZ TAS-SAJD

15. **Trasferiment ta' jiem bejn bastimenti tas-Sajd li jtajru l-Bandiera ta' Stat Membru**

15.1. Stat Membru jista' jippermetti li kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tiegħu, jittrasferixxi jiem preżenti f'żona ġeografika msemmija fil-punt 2.1 awtorizzati lilu bastiment ieħor li jtajjar l-istess bandiera, sakemm ir-riżultat tal-jiem li bastiment jirċievi u l-qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts (jiem kilowatts) huma daqs jew inqas mir-riżultat tal-jiem trasferiti mill-bastiment donatur u l-qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts. Il-qawwa tal-magna tal-bastimenti f'kilowatts għandha tiġi rreġistrata għal kull bastiment fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità.

15.2. L-għadd totali ta' jiem preżenti f'żona skond il-punt 14.1. immultiplikat bil-qawwa tal-magna tal-bastiment donatur f'kilowatts m'għandiex tkun aktar mill-medja tal-jiem annwali tal-bastiment donatur skond ir-rekords tiegħu, eskluż trasferimenti li rċieva minn bastimenti oħra, f'dik iż-żona kif ivverifikata mill-ġurnal ta' abbord tal-Komunità għas-snin 2001, 2002, 2003, 2004 u 2005, immultiplikata bil-qawwa tal-magna ta' dak il-bastiment f'kilowatts. Meta bastiment donatur juża d-definizzjoni taż-żona tal-Punent ta' l-Iskozja kif iddefinit fil-punt 2.2 il-kalkolu tar-rekord ta' l-istorja tiegħu jkun ibbażat fuq id-definizzjoni ta' din iż-żona.

Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-bastiment li jirċievi jitqies li juża l-jiem allokati tiegħu qabel kwalunkwe jiem oħra trasferiti lilu. Il-jiem trasferiti użati mill-bastiment li rċevihom jitqiesu fir-rekords tal-bastiment donatur.

15.3. It-trasferiment ta' jiem kif deskritt fil-punt 14.1. għandu jiġi permess biss bejn il-bastimenti li jaħdmu fl-istess kategorija tat-trasferiment kif imfisser fil-punt 4.2 u matul l-istess perijodu ta' ġestjoni. Stat Membru jista' jippermetti trasferiment ta' jiem meta bastiment donatur liċenzat ikun waqqaf l-attività tiegħu mingħajr għajnuna pubblika.

15.4. It-trasferiment tal-jiem hu permess biss għal bastimenti li jgawdu minn allokazzjoni ta' jiem ta' sajd mingħajr il-kondizzjonijiet speċjali stipulati fil-punt 8.2

Permezz ta' deroga minn dan il-punt, bastimenti li jibbenifikaw mill-allokazzjoni ta' jiem tas-sajd skond il-kondizzjoni speċjali msemmija fil-punt 8.2.(h), jistgħu jittrasferixxi jiem, fejn din il-kondizzjoni ma tkunx marbuta ma' xi kondizzjoni speċjali oħra kif stipulat fil-punt 8.2.

15.5. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni dwar it-trasferimenti li jkunu saru. Bl-għan li l-informazzjoni ssir disponibbli għall-Kummissjoni, jista' jiġi adottat format dettaljat ta' spreadsheet, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

16. **Trasferiment ta' jiem bejn bastimenti tas-sajd li jtajru bandiera ta' Stati Membri differenti**

L-Istati Membri jistgħu jippermettu t-trasferiment ta' jiem ta' preżenza f'żona għall-istess perijodu ta' ġestjoni u fl-istess żona bejn kwalunkwe bastimenti tas-sajd li jtajru l-bnadar tagħhom sakemm josservaw l-istess dispożizzjonijiet kif stabbiliti fil-punti 5.2, 5.4, 7 u 14. Fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jawtorizzaw tali trasferimenti, qabel ma jsiru dawn it-trasferimenti, huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dettalji tat-trasferiment, inkluż l-għadd ta' jiem trasferiti, l-isforz tas-sajd, u fejn applikabbli, il-kwoti marbuta magħhom.

L-UŻU TA' L-IRKAPTU TAS-SAJD

17. **Notifika ta' l-irkaptu tas-sajd**

Qabel l-ewwel jum ta' kull perijodu ta' ġestjoni l-kaptan ta' bastiment jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jinnotifika lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru tal-bandiera dwar liema tip jew tipi ta' rkaptu biħsiebu juża matul il-perijodu ta' ġestjoni li jkun imiss. Qabel tali notifika tiġi pprovduta, il-bastiment m'għandu jkun intitolat li jistad fiż-żoni ġeografiċi definiti fil-punt 2.1 b'ebda rkaptu tas-sajd imsemmi fil-punt 4.1.

▼B

18. **L-użu ta' aktar minn kategorija waħda ta' rkaptu tas-sajd**

18.1. Matul l-istess perijodu ta' ġestjoni, bastiment jista' juża tipi ta' rkaptu ta' aktar minn kategorija waħda ta' l-irkaptu tas-sajd definiti fil-punt 4.1.

18.2. Kull meta l-kaptan ta' bastiment jew ir-rappreżentant tiegħu jinnotifika l-użu ta' aktar minn tip wieħed ta' rkaptu, il-bastiment jista', fi kwalunkwe mument, juża wieħed mill-irkapti, bill-kondizzjoni li l-għadd totali ta' jiem imqatta' f'sajd bi kwalunkwe rkaptu mill-bidu tas-sena jkun:

(a) mhux aktar mill-għadd totali ta' jiem disponibbli matul is-sena li jirrappreżentaw il-medja aritmetika tal-jiem korrispondenti għal kull irkaptu skond it-Tabella I, aġġustat għall-eqreb jum sħiħ, u (b)

(b) mhux aktar mill-għadd ta' jiem li jiġu allokati skond it-Tabella I jekk dak l-irkaptu jintuża waħdu.

18.3. Jekk tip ta' rkaptu wieħed notifikat m'għandux limitu fl-għadd tal-jiem, l-għadd totali tal-jiem disponibbli tul is-sena għal dan l-irkaptu partikolari għandu jibqa' bla limitu.

18.4. Kull meta Stat Membru jagħżel li jaqsam il-jiem f'perjodi ta' ġestjoni skond il-punt 9, il-kondizzjonijiet fil-punti 17.2, 17.3 u 17.4 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull perijodu ta' ġestjoni.

18.5. L-alternattiva li jintużaw żewġ tipi ta' rkaptu għandha tkun possibbli biss jekk l-arranġamenti ta' monitoraġġ addizzjonali li ġejjin jintlaħqu:

(a) matul vjaġġ partikolari l-bastiment tas-sajd jista' jġorr abbord jew juża kategorija waħda biss ta' rkaptu tas-sajd imsemmija fil-punt 4.1, ħlief kif previst fil-punt 19.2;

(b) qabel kull vjaġġ il-kaptan ta' bastiment jew ir-rappreżentant tiegħu għandu javża bil-quddiem lill-awtoritajiet kompetenti bit-tip ta' rkaptu tas-sajd li jkun se jinġarr abbord jew li se jintuża sakemm it-tip ta' rkaptu tas-sajd ma jkunx għadu l-istess wieħed li kien ġie nnotifikat għall-vjaġġ preċedenti.

18.6. Spezzjonijiet u monitoraġġ fuq il-baħar u fil-port mill-awtoritajiet kompetenti għandhom jitwettqu sabiex tiġi vverifikata l-konformità ma' dawn iż-żewġ ħtiġiet. Kull bastiment li jinqabad jikser dawn il-ħtiġiet għandu b'effett immedjat ma jitħalliex jibqa' juża aktar minn kategorija waħda ta' rkaptu tas-sajd.

19. **Użu kkombinat ta' rkaptu tas-sajd regolat u mhux regolat**

Bastiment li jixtieq li juża kombinazzjoni ta' wieħed jew aktar ta' tipi ta' rkaptu tas-sajd imsemmija fil-punt 4.1 (rkaptu regolat) ma' kull irkaptu tas-sajd ieħor imsemmi fil-punt 4.1 (rkaptu mhux regolat) m'għandux ikun ristrett fl-użu ta' rkaptu mhux regolat. Bastimenti bħal dawn għandhom jinnotifikaw minn qabel meta l-irkaptu irregolat ikun ser jintuża. Meta tali notifika ma tkunx saret l-ebda rkaptu msemmi fil-punt 4.1 ma jista' jinġarr abbord. Bastimenti bħal dawn għandhom ikunu awtorizzati u mgħammra biex jistadu bil-mod alternattiv b'irkaptu mhux regolat.

20. **Projbizzjoni tal-ġarr abbord ta' aktar minn tip wieħed ta' rkaptu tas-sajd regolat**

20.1 Bastiment li jkun preżenti fi kwalunkwe żona ġeografika definita fil-punt 2 u li jġorr abbord rkaptu tas-sajd li jappartjeni għal waħda mill-kategoriji ta' l-irkaptu tas-sajd imsemmi fil-punt 4.1 ma jistax fl-istess waqt iġorr abbord xi rkaptu minn waħda mill-kategoriji l-oħra ta' rkaptu tas-sajd imsemmija fil-punt 4.1.

20.2 B'deroga mill-punt 19.1, bastiment jista' jġorr abbord u juża waqt vjaġġ f'żona ġeografika msemmija fil-punt 2.1 irkapti tas-sajd minn kategoriji differenti ta' rkaptu tas-sajd. F'dak il-każ, l-għadd ta' jiem fuq il-baħar mill-bastiment waqt dak il-vjaġġ għandhom jingħaddu bħas-sajd bl-irkaptu u kondizzjoni speċjali li għaliha japplika l-inqas numru ta' jiem it-Tabella I

▼B

ATTIVITAJIET MHUX RELATATI MAS-SAJD U TRANSITU

21. **Attivitajiet mhux relatati mas-sajd**

F'kull perijodu ta' ġestjoni bastiment jista' jwettaq attivitajiet li m'humiex relatati mas-sajd, mingħajr ma dak il-ħin jinqata' mill-jiem allokati lilu taħt il-punt 8, sakemm dak il-bastiment l-ewwel jinnotifika lill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu bl-intenzjoni li jagħmel hekk, in-natura ta' l-attivitajiet u li qed iċedi l-liċenzja tiegħu tas-sajd għal dan il-perijodu. Tali bastimenti m'għandhom iġorru l-ebda rkaptu tas-sajd jew ħut abbord matul dak il-perijodu.

22. **Tranżitu**

Bastiment huwa permess li jaqsam iż-żona sakemm ma jkollux permess tas-sajd biex jopera fiż-żona jew sakemm ikun l-ewwel għarraf lill-awto-ritajiet tiegħu bl-intenzjoni tiegħu li jagħmel dan. Waqt li dak il-basti-ment ikun jinsab fiż-żona kull irkaptu tas-sajd abbord irid ikun marbut u stivat skond il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

MONITORAĠĠ, SPEZZJONI U MONITORAĠĠ

23. **Messaġġi dwar sforzi tas-sajd**

B'deroga mill-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 423/2004, il-basti-menti mgħammra b'sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti skond l-Arti-kolu 5 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 2244/2003 għandhom jiġu eskluż i mil-ħtiġiet ta' notifikar stipulati fl-Artikolu 19(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2847/93.

OBBLIGI DWAR SISTEMI TAL-MONITORAĠĠ TAL-BASTIMENTI

24. **Reġistrazzjoni ta' data rilevanti**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data li ġejja li jirċievu f'kon-formità ma' l-Artikoli 8, 10(1) u 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 2244/2003 tiġi rreġistrata f'forma li tinqara mill-kompjuter:

(a) dħul ġewwa, u ħruġ mill-port;

(b) kull dħul ġewwa, u ħruġ minn żoni marittimi li għalihom japplikaw regoli speċifiċi dwar l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi.

25. **Kontrolli ta' verifika**

L-Istati Membri għandhom jivverifikaw is-sottomissjoni tal-ġurnali ta' abbord u l-informazzjoni rilevanti mniżżla fil-ġurnal ta' abbord billi jużaw data tal-VMS. Tali verifiki għandhom ikunu rreġistrati u disponibbli għall-Kummissjoni meta jintalab.

OBBLIGI TAR-RAPPORTAĠĠ

26. **Ġbir tad-data rilevanti**

L-Istati Membri, abbażi ta' l-informazzjoni użata għall-ġestjoni tal-jiem tas-sajd barra mill-port u ta' preżenza fiż-żoni kif stipulat f'dan l-Anness, għandhom jiġbru għal kull trimestru l-informazzjoni dwar l-isforz totali tas-sajd magħmul fiż-żoni ddefiniti fil-punt 2.1 għal irkaptu rmunkat, irkaptu statiku u konzijiet tal-qiegħ u l-isforz magħmul minn bastimenti li jużaw tipi differenti ta' rkaptu fiż-żoni rilevanti għal dan l-Anness.

27. **Komunikazzjoni tad-data rilevanti**

27.1. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jagħmlu dispo-nibbli għall-Kummissjoni spreadsheet bid-data msemmija fil-punt 26 fil-format speċifikat fit-Tabelli II u III billi jibagħtuha fl-indirizz tal-posta elettronika xieraq, li għandu jiġi kkomunikat lill-Istati Membri mill-Kummissjoni.

27.2. Format ġdid ta' spreadsheet għal ġbir tad-data msemmija fil-punt 25 disponibbli għall-Kummissjoni, jista' jiġi adottat skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

▼B

Tabella II

Format tar-rappurtar

Pajjiż	CFR	Immarkar estern	Tul tal-perijodu ta' ġestjoni	Żona għas-sajd	Irkaptu notifikat				Kondizzjoni speċjali applikabbli għall-irkaptu notifikat				Jiem eliġibbli skond l-użu ta' l-irkaptu notifikat				Jiem imqatta' bl-irkaptu notifikat				Trasferiment ta' jiem
					Nº1	Nº2	Nº3	...	Nº1	Nº2	Nº3	...	Nº1	Nº2	Nº3	...	Nº1	Nº2	Nº3	...	
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(6)	(6)	(6)	(7)	(7)	(7)	(7)	(8)	(8)	(8)	(8)	(9)	(9)	(9)	(9)	(10)

Table III

Data format

Isem il-kaxxa (field)	Numru massimu ta' karattri/numri	Allinjament (*) L(eft)/R(ight)	Definizzjoni u Kummenti
(1) Pajjiż	3	n/r	Stat Membru (Kodiċi Alfa-3 ISO) li fih il-bastiment huwa rreġistrat għas-sajd skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002. Fil-każ tal-bastiment donatur, dejjem huwa l-pajjiż li qed jirrapporta.
(2) CFR	12	n/r	(Numru ta' Reġistrazzjoni tal-Flotta tal-Komunità). Numru uniku ta' identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd. Stat Membru (Kodiċi Alfa-3 ISO) u serje ta' identifikazzjoni (9 karattri). Meta serje għandha inqas minn 9 karattri, żerijiet addizzjonali għandhom jiddaħħlu fin-naħa tax-xellug.
(3) Immarkar estern	14	L	Skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1381/87.
(4) Tul tal-perijodu ta' ġestjoni	2	L	Tul tal-perijodu ta' ġestjoni mkejjel f'xhur.
(5) Żona għas-sajd	1	L	Indika jekk il-bastiment kienx qiegħed jistad fiż-żona a, b, c jew d tal-punt 2.1 ta' l-Anness IIA.
(6) Irkaptu notifikat	5	L	L-indikazzjoni tal-kategorija ta' l-irkaptu notifikata skond il-punt 4.1 ta' l-Anness IIA (eż. a.i, a.ii., a.iii, a.iv, a.v, b. i, b.ii, b.iii, b.iv, c.i, c.ii, c.iii, d jew e).
(7) Kondizzjoni speċjali applikabbli għall-irkaptu notifikat	2	L	Indikazzjoni ta' liema, jekk hemm, mill-kondizzjonijiiet speċjali a-l imsemmija fil-punt 8.2 ta' l-Anness IIA hija applikabbli
(8) Jiem eliġibbli skond l-użu ta' l-irkaptu notifikat	3	L	L-għadd ta' jiem li għalihom il-bastiment huwa eliġibbli taħt dan l-Anness IIA għall-għażla ta' rkaptu u t-tul tal-perijodu ta' ġestjoni nnotifikat.
(9) Jiem imqatta' bl-irkaptu notifikat	3	L	L-għadd ta' jiem il-bastiment attwalment qatta' preżenti fiż-żona, juża l-irkaptu notifikat tul il-perijodu ta' ġestjoni notifikat skond l-Anness IIA

▼B

Isem il-kaxxa (field)	Numru massimu ta' karattri/numri	Allinjament (*) L(eft)/R(ight)	Definizzjoni u Kummenti
(10) Trasferiment ta' jiem	4	L	Għal jiem trasferiti indika "– għadd ta' jiem trasferiti" u għal jiem irċevuti indika "+ għadd ta' jiem trasferiti"

(*) informazzjon rilevanti għat-trasmissjoni tad-data bil-format ta' tul fiss.

▼B

Appendiċi 1 għall-Anness IIA

Kopja tal-permessi speċjali msemmija fil-punt 12.1 ta' dan l-Anness għandhom jinżammu abbord il-bastiment tas-sajd.

1. Meta jkollu permess tas-sajd speċjali l-bastiment għandu jżomm abbord u juża biss xibka rmunkata b'tieqa tal-ħruġ kif speċifikat fil-punt 3 ta' dan l-appendiċi. L-irkaptu għandu jkun approvat mill-ispetturi nazzjonali qabel il-bidu tas-sajd.

2. Tieqa tal-ħarba

2.1. It-tieqa għandha ssir fil-parti li ma tidjieqx b'minimu ta' 80 malja miftuħa fiċ-ċirkonferenza. It-tieqa għandha tkun fil-biċċa ta' fuq tax-xibka. M'għandux ikun hemm aktar minn żewġ malji tad-djamant miftuħa bejn ir-ringiela ta' wara tal-malji fin-naħa tat-tieqa u l-ħaxja tal-ġenb. It-tieqa għandha tasal sa mhux aktar minn sitt metri mil-lett. Ir-rata tas-sensil għandha tkun ta' żewġ malji djamant għal kull malja kwadra meta d-daqs ta' malja tal-manka huwa daqs jew aktar minn 120mm, ħames malji djamant għal żewġ malja kwadri meta d-daqs ta' malja tal-manka huwa daqs jew aktar minn 100 mm u inqas minn 120 mm u tliet malji djamant għal malja kwadra meta d-daqs ta' malja tal-manka huwa daqs jew aktar minn 90 mm u inqas minn 100 mm.

2.2. It-tieqa għandha tkun minn ta' lanqas tliet metri mit-tul. Il-malji għandu jkollhom fetħa minima ta' 120 mm. Il-malji għandhom ikunu kwadri i.e. l-erba' naħat tax-xibka tat-tieqa jkunu vireg maqtugħa. Ix-xibka għandha tiġi mmuntata b'mod li l-vireg ikunu paralleli u perpendikolari għat-tul tal-manka.

2.3. Ix-xibka ta' malji kwadri għandha tkun ta' l-ħjut singoli bla għoqod. It-tieqa għandha tiddaħħal b'tali mod li l-malji jibqgħu miftuħa għal kollox il-ħin kollu waqt is-sajd. It-tieqa m'għandha tkun imblukkata bl-ebda mod b'oġġetti miżjuda sew minn ġewwa u sew minn barra.

▼B

Appendiċi 2 għall-Anness IIA

Kopja tal-permessi speċjali msemmi fil-punt 12.1 għandha tinżamm abbord il-bastiment tas-sajd.

1. Meta jkollu permess tas-sajd speċjali l-bastiment għandu jżomm abbord u juża biss xibka rmunkata b'tieqa tal-ħruġ kif speċifikat fil-punt 3 ta' dan l-appendiċi. L-irkaptu għandu jkun approvat mill-ispetturi nazzjonali qabel il-bidu tas-sajd.

2. Tieqa tal-ħarba

2.1. It-tieqa għandha ssir fil-parti li ma tidjieqx b'minimu ta' 80 malja miftuħa fiċ-ċirkonferenza. It-tieqa għandha tkun fil-biċċa ta' fuq tax-xibka. M'għandux ikun hemm aktar minn żewġ malji tad-djamant miftuħa bejn ir-ringiela ta' wara tal-malji fin-naħa tat-tieqa u l-ħaxja tal-ġenb. It-tieqa għandha tasal sa mhux aktar minn 6 metri mil-lett. Ir-rata tas-sensil għandha tkun ta' ħames malji djamant għal kull żewġ malji kwadri.

2.2. It-tieqa għandha tkun minn ta' lanqas tliet metri mit-tul. Il-malji għandu jkollhom fetħa minima ta' 140 mm. Il-malji għandhom ikunu kwadri, jiġifieri l-erba' naħat tax-xibka tat-tieqa jkunu vireg maqtugħa. Ix-xibka għandha tkun immuntata b'tali mod li l-vireg huma paralleli u perpendikulari għat-tul tal-manka.

2.3. Ix-xibka tal-panel tal-malja kwadra għandu jkun mingħajr għoqod b'rabta singola. It-tieqa għandha tiddaħħal b'tali mod li l-malji jibqgħu miftuħa għal kollox il-ħin kollu waqt is-sajd. It-tieqa m'għandha tkun imblukkata bl-ebda mod b'oġġetti miżjuda sew minn ġewwa u sew minn barra.

▼B

Appendiċi 3 għall-Anness IIA

1. Kopja tal-permessi speċjali msemmija fil-punt 12.1 ta' dan l-Anness għandhom jinżammu abbord il-bastiment tas-sajd.

2. Meta jkollu l-permess tas-sajd speċjali l-bastiment għandu jżomm biss abbord u juża xibka ta' l-irmonk b'tieqa tal-ħarba kif speċifikat fil-punt 3 ta' dan l-appendiċi mdaħħal f'manka b'malji ta' 95 mm jew aktar u b'minimu ta' 80 malja miftuħa u massimu ta' 100 malja fiċ-ċirkonferenza. L-irkaptu għandu jkun approvat mill-ispetturi nazzjonali qabel il-bidu tas-sajd.

3. Tieqa tal-ħarba

3.1 It-tieqa għandha tiddaħħal fil-panel ta' fuq. M'għandux ikun hemm aktar minn żewġ malji tad-djamant miftuħa bejn ir-ringiela ta' wara tal-malji finnaħa tat-tieqa u l-ħaxja tal-ġenb. It-tieqa għandha tasal sa mhux aktar minn 4 metri mil-lett. Ir-rata ta' tagħqid għandha tkun tliet malji djamant għal malja kwadra waħda.

3.2 It-tieqa għandha tkun mill-inqas ħames metri fit-tul. Il-malji għandu jkollhom fetħa minima ta' 120 mm. Il-malji għandhom ikunu kwadri, jiġifieri l-erba' naħat tax-xibka tat-tieqa jkunu vireg maqtugħa. Ix-xibka għandha tkun immuntata b'tali mod li l-vireg huma paralleli u perpendikulari għat-tul tal-manka.

3.3 Ix-xibka tal-panel tal-malja kwadra għandu jkun mingħajr għoqod b'rabta singola. It-tieqa għandha tiddaħħal b'tali mod li l-malji jibqgħu miftuħa għal kollox il-ħin kollu waqt is-sajd. It-tieqa m'għandha tkun imblukkata bl-ebda mod b'oġġetti miżjuda sew minn ġewwa u sew minn barra.

▼B

ANNESS IIB

L-ISFORZI TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI FIL-KUNTEST TA' L-IRKUPRU TA' ĊERTI STOKKIJIET TA' MARLOZZ TAN-NOFSINHAR U AWWISTA TAN-NORVEĠJA FIŻ-ŻONI VIIIc U IXa, ĦLIEF IL-GOLF TA' CADIZ

1. **Kamp ta' applikazzjoni**

Il-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness għandhom japplikaw għal bastimenti tal-Komunità ta' tul totali ta' 10 metri jew aktar, li jġorru abbord irkaptu rmunkat u rkaptu statiku ddefiniti fil-punt 3 u li jkunu preżenti fiż-żoni VIIIc u IXa, ħlief il-Golf ta' Cadiz. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, referenza għas-sena 2008 tfisser il-perijodu mill-1 ta' Frar 2008 sal-31 ta' Jannar 2009.

2. **Definizzjoni ta' jum preżenti fiż-żona**

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, jum ta' preżenza f'żona għandu jfisser kwalunkwe perijodu kontinwu ta' 24 siegħa (jew parti minnu) li matulu l-bastiment ikun preżenti fiż-żona ġeografika definita fil-punt 1 u barra mill-port. Il-ħin li minnu jitkejjel il-perijodu kontinwu huwa kif jidhirlu xieraq l-Istat Membru li l-bastiment kkonċernat ikun qed itajjar il-bandiera tiegħu.

3. **Irkaptu tas-sajd**

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, il-kategoriji ta' rkaptu tas-sajd susseguenti għandhom japplikaw:

— Xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u rkaptu simili b'qies tal-malji tax-xibka daqs jew akbar minn 32 mm.

IMPLIMENTAZZJONI TAL-LIMITI TA' L-ISFORZ TAS-SAJD

4. **Bastimenti kkonċernati b'limiti ta' sforz tas-sajd**

4.1. Il-bastimenti kollha li jużaw tipi ta' rkaptu identifikati fil-punt 3 u jistadu fiż-żoni definiti fil-punt 1 għandu jkollhom permess tas-sajd speċjali maħruġ f'konformità ma' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1627/94.

4.2. Stat Membru m'għandux jippermetti fiż-żona, sajd b'irkaptu ta' kategorija ta' rkaptu tas-sajd definita fil-punt 3 minn kwalunkwe bastimenti tiegħu, li m'għandhomx rekords ta' tali attività ta' sajd għas-snin 2002, 2003, 2004, 2005, 2006 jew 2007 f'dik iż-żona, eskluż ir-rekords dwar l-attivitajiet tas-sajd b'riżultat tat-trasferimenti tal-jiem bejn il-bastimenti tas-sajd, sakemm ma jiżgurax li kapaċità ekwivalenti, imkejla f'kilowatts, ma titħalliex għas-sajd fiż-żona regolata.

4.3. Bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru li ma jkollu ebda kwota fiż-żona definita fil-punt 1, m'għandux jitħalla jistad f'dik iż-żona b'irkaptu tal-kategorija ta' l-irkaptu tas-sajd definita fil-punt 3, sakemm il-bastiment jingħata kwota wara trasferiment kif permess skond l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, ►C1 u jiġi allokat jiem fuq il-baħar skond il-punti 12 jew 13 ta' dan l-Anness ◄.

5. **Limiti għall-attività**

Kull Stat Membru għandu jiżgura li, waqt li jkunu jġorru abbord kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' l-irkaptu tas-sajd imsemmi fil-punt 3, il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu u li huma rreġistrati fil-Komunità għandhom ikunu preżenti fiż-żona għal mhux aktar mill-għadd ta' jiem stabbilit fil-punt 7.

6. **Eċċezzjonijiet**

Stat Membru m'għandux jaqta' mill-jiem allokati lil kwalunkwe bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu skond dan l-Anness sew jiem li fihom il-bastiment kien preżenti fiż-żona imma ma setax jistad minħabba li kien qed jassisti bastiment ieħor f'emerġenza kif ukoll kwalunkwe jiem preżenti fiż-żona li fihom setax jistad minħabba li kien qed jittrasporta persuna mweġġa' li kienet teħtieġ għajnuna medika b'emerġenza. L-Istat Membru għandu jipprovdi ġustifikazzjoni lill-Kummissjoni fi żmien

▼B

xahar dwar kull deċiżjoni meħuda fuq din il-bażi flimkien ma' evidenza dwar l-emerġenza mill-awtoritajiet kompetenti.

GĦADD TA' JIEM TA' PREŻENZA FIŻ-ŻONA ALLOKATA LILL-BASTIMENTI TAS-SAJD

7. **Numru massimu ta' jiem**

7.1 Matul il-perijodu ta' ġestjoni 2008, l-għadd massimu ta' jiem fuq il-baħar li għalihom Stat Membru jista' jawtorizza bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fiż-żona, filwaqt li jkun ġarr abbord kwalunkwe kategorija ta' rkaptu tas-sajd imsemmija fil-punt 3, qed jintwera fit-Tabella I.

7.2. Bil-għan li jiġi stabbilit l-għadd massimu ta' jiem fuq il-baħar li għalihom bastiment tas-sajd jista' jkun awtorizzat mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fiż-żona, il-kondizzjonijiet speċjali li ġejjin għandhom japplikaw matul il-perijodu ta' ġestjoni 2008 skond it-Tabella I:

(a) Il-ħatt l-art totali ta' marlozz fis-snin 2001, 2002 u 2003 mwettaq mill-bastiment, jew mill-bastiment jew bastimenti li jużaw irkaptu simili u jikkwalifikaw għall-kondizzjonijiet specjali, mutatis mutandis, li tpartat skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja, għandu jirrappreżenta anqas minn 5 tunnellati skond il-ħatt l-art f'piż ħaj irreġistrat fil-ġurnal ta' abbord tal-Komunità, u;

(b) Il-ħatt l-art totali ta' awwist tan-Norveġja fis-snin 2001, 2002 u 2003 mwettaq mill-bastiment, jew mill-bastiment jew bastimenti li jużaw irkaptu simili u jikkwalifikaw għall-kondizzjonijiet specjali, mutatis mutandis, li tpartat skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja, għandu jirrappreżenta anqas minn 2,5 tunnellati skond il-ħatt l-art f'piż ħaj irreġistrat fil-ġurnal ta' abbord tal-Komunità.

7.3. Matul il-perijodu ta' ġestjoni 2008, Stat Membru jista' jmexxi l-allokazzjonijiet ta' l-isforzi tas-sajd tiegħu skond is-sistema tal-jiem kilowatt. B'dik is-sistema jista' jawtorizza kwalunkwe bastiment ikkonċernat għal kwalunkwe kategorija ta' rkaptu tas-sajd u kondizzjonijiet speċjali elenkati fit-Tabella I biex ikun preżenti fiż-żona għal għadd massimu ta' jiem li huwa differenti minn dak stipulat fit-Tabella, bil-kondizzjoni li l-ammonti totali ta' jiem kilowatt jikkorrispondu għal kombinazzjoni bħal din jiġu rispettati.

Dan l-ammont totali ta' jiem kilowatt għandu jkun it-total ta' l-isforzi individwali kollha tas-sajd allokati lill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membri kkonċernat u li jikkwalifikaw għall-kategorija speċifika ta' rkaptu tas-sajd imsemmi fil-punt 3 u kondizzjonijiet speċjali. Sforzi tas-sajd individwali bħal dawn għandhom jiġu kkalkulati f'jiem kilowatt permezz tal-multiplikazzjoni tal-qawwa tal-magni ta' kull bastiment bl-għadd ta' jiem fuq il-baħar li kieku jibbenefika minnhom, skond it-Tabella I, li kieku d-dispożizzjonijiet ta' dan il-punt ma jiġux applikati

7.4. Stat Membru li jixtieq jibbenefika mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt 7.3 għandu jressaq talba lill-Kummissjoni b'rapporti fil-format elettroniku li jkun fiha, għall-grupp ta' rkaptu tas-sajd u kondizzjonijiet speċjali kif stabbilit fit-Tabella I, id-dettalji tal-kalkoli abbażi ta':

— lista ta' bastimenti awtorizzati jistadu, billi jkun indikat in-Numru fir-Reġistru tal-Flotta Komunitarja (CFR) u l-qawwa tal-magni tagħhom;

— riżultati mgħoddija ta' l-2001, 2002 u 2003 għal bastimenti bħal dawn li jirriflettu l-kompożizzjoni tal-qabdiet iddefinita fil-kondizzjoni speċjali 7.2(a) jew (b), jekk dawn il-bastimenti jkunu kkwalifikati għal kondizzjoni speċjali bħal din;

— l-għadd ta' jiem fuq il-baħar li matulhom kull bastiment inizjalment kien awtorizzat jistad skond it-Tabella I u l-għadd ta' jiem fuq il-baħar li kull bastiment jibbenefika minnhom bl-applikazzjoni tal-punt 7.3.

Abbażi ta' dik id-deskrizzjoni, il-Kummissjoni tista' tawtorizza li Stat Membru jibbenefika mid-dispożizzjonijiet definiti fil-punt 7.3.

▼B

8. **Perijodi ta' ġestjoni**

8.1. Stat Membru jista' jaqsam il-jiem preżenti fiż-żona mogħtija fit-Tabella I, f'perjodi ta' ġestjoni ta' tul ta' xahar kalendarju jew aktar.

8.2. L-għadd ta' jiem li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona tul perijodu ta' ġestjoni, għandu jkun iffissat kif jidhirlu xieraq l-Istat Membru kkonċernat.

8.3. F'kull perijodu ta' ġestjoni bastiment jista' jwettaq attivitajiet li m'humiex relatati mas-sajd, mingħajr ma dak il-ħin jinqata' mill-jiem allokati lilu taħt il-punt 7, sakemm dak il-bastiment l-ewwel jinnotifika lill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu bl-intenzjoni li jagħmel hekk, in-natura ta' l-attivitajiet u li qed iċedi l-liċenzja tiegħu tas-sajd għal dan il-perijodu. Tali bastimenti m'għandhom iġorru l-ebda rkaptu tas-sajd jew ħut abbord matul dak il-perijodu.

9. **Allokazzjoni ta' jiem addizzjonali għall-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd**

9.1. Għadd ta' jiem addizzjonali li fihom bastiment jista' jiġi awtorizzat mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fiż-żona filwaqt li jkollu abbord kwalunkwe irkaptu tas-sajd li jappartjeni għall-kategorija ta' rkaptu tas-sajd imsemmija fil-punt 3 jista' jkun allokat lil Stati Membri mill-Kummissjoni abbażi tal-waqfiet permanenti mill-attivitajiet tas-sajd li seħħew mill-1 ta' Jannar 2004 jew skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999 inkella li jirriżultaw minn ċirkostanzi oħrajn motivati kif jixraq mill-Istati Membri. Kwalunkwe bastiment li jista' juri li ġie rtirat b'mod definit miż-żona jista' wkoll ikun ikkunsidrat. L-isforz magħmul fl-2003, imkejjel f'jiem kilowatt, tal-bastimenti rtirati li jużaw l-irkaptu rilevanti għandu jiġi maqsum bejn l-isforz magħmul mill-bastimenti kollha li użaw dak l-irkaptu matul l-2003.

L-għadd ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar imbagħad għandu jiġi kkalkulat permezz tal-moltiplazzjoni tal-proporzjon miksuba b'dan il-mod bl-għadd ta' jiem li kieku kienu jiġu allokati skond it-Tabella I, Kwalunkwe parti minn jum li tirriżulta minn dan il-kalkolu għandha tiġi aġġustata għall-eqreb jum sħiħ

Dan il-punt m'għandux japplika fejn bastiment ġie mibdul skond il-punt 4.1 jew meta l-irtirar diġà intuża fi snin preċedenti biex jinkisbu jiem addizzjonali fuq il-baħar.

9.2. Stati Membri li jixtiequ jibbenefikaw mill-allokazzjonijiet stabbiliti fil-punt 9.1 għandhom iressqu talba lill-Kummissjoni b'rapporti fil-format elettroniku li jkun fiha, għall-grupp ta' rkaptu tas-sajd u kondizzjonijiet speċjali kif stabbilit fit-Tabella I, u d-dettalji tal-kalkoli abbażi ta':

— lista ta' bastimenti irtirati, b'indikazzjoni tan-Numru fir-Reġistru tal-Flotta Komunitarja (CFR) u l-qawwa tal-magni tagħhom;

— L-isforzi tas-sajd eżerċitati minn bastimenti bħal dawn fl-2003 ikkalkolati bħala jiem fuq il-baħar skond il-gruppi ta' rkaptu tas-sajd, u jekk meħtieġ kondizzjonijiet speċjali;

9.3. Abbażi ta' tali talba l-Kummissjoni tista' temenda l-għadd ta' jiem iddefinit fil-punt 7.1 għal dak l-Istat Membru skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

9.4 Matul il-perijodu ta' ġestjoni 2008, Stat Membru jista' jalloka mill-ġdid dak l-għadd addizzjonali ta' jiem fuq il-baħar lill-bastimenti kollha li jibqgħu fil-flotta u li huma kkwalifikati għall-grupp ta' rkaptu tas-sajd u kondizzjonijiet speċjali jew għal parti minnhom permezz ta' l-applikazzjoni, mutatis mutandis, tad-dispożizzjonijiet stipulati fil-punti 7.3 u 7.4.

9.5. Kull għadd addizzjonali ta' jiem li jirriżulta minn waqfien permanenti ta' attività li qabel kien allokat mill-Kummissjoni abbażi ta' definizzjonijiet preċedenti ta' gruppi ta' tagħmir għandhom ikunu valutati mill-ġdid abbażi tal-gruppi ta' rkaptu ta' sajd li jinsabu fil-punt 3. Kwalunkwe jiem addizzjonali miksuba b'dan il-mod għandhom jibqgħu allokati fl-2008.

10. **Allokazzjoni ta' jiem addizzjonali biex tkopri aħjar l-osservazzjoni**

10.1. Tlett ijiem addizzjonali li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona meta jkollu abbord xi kategorija ta' rkaptu tas-sajd imsemmija fil-punt 3, jistgħu jkunu allokati bejn l-1 ta' Frar 2008 u l-31 ta' Jannar 2009 lill-

▼B

Istati Membri mill-Kummissjoni abbażi tal-programm imtejjeb li jkopri l-osservazzjoni bi sħab bejn ix-xjentisti u l-industrija tas-sajd. Tali programm għandu jiffoka partikolarment fuq il-livelli ta' l-iskartar u fuq l-għamla tal-qabda u jmur lil hinn mil-ħtiġiet dwar il-ġbir tad-data kif stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1543/2000, ir-Regolament (KE) Nru 1639/2001 u r-Regolament (KE) Nru 1581/2004, għal-livelli minimi u estiżi tal-programm.

L-osservaturi għandhom ikunu indipendenti mis-sid tal-bastiment u m'għandhomx ikunu membri ta' l-ewkipaġġ tal-bastiment tas-sajd.

10.2. Stati Membri li jixtiequ jgawdu mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 10.1 għandhom jagħtu lill-Kummissjoni deskrizzjoni tal-programm imtejjeb li jkopri l-osservazzjoni.

10.3. Abbażi ta' din id-deskrizzjoni, u wara li tikkonsulta ma' l-STECF, il-Kummissjoni tista' temenda l-għadd ta' jiem definiti fil-punt 7.1 għal dak l-Istat Membru u għall-bastimenti, iż-żona u l-irkaptu ikkonċernat fil-programm imtejjeb ta' l-osservazzjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

10.4 Jekk programm bħal dan, imressaq minn Stat Membru, ikun ġie approvat mill-Kummissjoni fl-imgħoddi, u l-Istat Membru jixtieq ikompli l-applikazzjoni tiegħu mingħajr tibdil, l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummisjoni bit-tkomplija tal-programm ta' osservazzjoni mtejba erba' ġimgħat qabel il-bidu tal-perijodu li għalih japplika l-programm.

11. **Kondizzjonijiet speċjali għall-allokazzjoni tal-jiem**

11.1. Jekk bastiment ikun irċieva għadd limitat ta' jiem addizzjonali b'riżultat tal-konformità mal-kondizzjonijiet speċjali fil-punti 7.2(a) u 7.2(b), il-ħatt l-art tal-bastiment fl-2008 m'għandux jaqbeż 5 tunnellati ta' piż ħaj ta' marlozz u 2,5 tunnellati ta' piż ħaj ta' awwist tan-Norveġja.

11.2. Il-bastiment m'għandux jittrasborda ħut fuq il-baħar lejn bastiment ieħor.

11.3. Meta xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet ma titħarisx minn bastiment, dak il-bastiment għandu b'effett immedjat jitlef l-allokazzjoni ta' jiem marbuta mal-kondizzjonijiet speċjali mogħtija.

Tabella I

L-għadd massimu ta' jiem li bastiment jista' jkun preżenti f'żona skond l-irkaptu tas-sajd

Irkaptu punt 3	Kondizzjonijiet speċjali punt 7	Denominazzjoni Denominazzjoni Il-kategoriji ta' l-irkaptu kif definiti fil-punt 3 u l-kondizzjonijiet speċjali kif definiti fil-punt 7 biss huma użati.	Numru massimu ta' jiem
3		Xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ ta' daqs tal-malja ta' ≥32 mm, xbieki tal-garġi ta' daqs tal-malja ta' ≥60 mm u konzijiet tal-qiegħ	194
3	7.2(a) and 7.2(b)	Xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ ta' daqs tal-malja ta' ≥32 mm, xbieki tal-garġi ta' daqs tal-malja ta' ≥60 mm u konzijiet tal-qiegħ	Bla limitu

SKAMBJU TA' L-ALLOKAZZJONIJIET TA' L-ISFORZ TAS-SAJD

12. **Trasferiment ta' jiem bejn bastimenti tas-Sajd li jtajru l-Bandiera ta' Stat Membru**

12.1. Stat Membru jista' jippermetti kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar l-bandiera tiegħu biex jittrasferixxi jiem preżenti fiż-żona awtorizzati lilu, lil bastiment ieħor li jtajjar l-istess bandiera fiż-żona, sakemm ir-riżultat tal-jiem li bastimenti jirċievi mmultiplikata bil-qawwa tal-magna tiegħu

▼B

f'kilowatts (jiem kilowatts) huwa daqs jew inqas mir-riżultat tal-jiem trasferiti mill-bastiment donatur u l-qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts. Il-qawwa tal-magna tal-bastimenti f'kilowatts għandha tiġi rreġistrata għal kull bastiment fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità.

12.2. L-għadd totali ta' jiem preżenti fiż-żona trasferit skond il-punt 12.1. immultiplikat bil-qawwa tal-magna tal-bastiment donatur f'kilowatts m'għandux ikun aktar mill-medja tal-jiem annwali tal-bastiment donatur skond ir-rekords tiegħu fiż-żona kif ivverifikat mill-ġurnal ta' abbord tal-Komunità għas-snin 2001, 2002, 2003, 2004 u 2005, immultiplikat bil-qawwa tal-magna ta' dak il-bastiment f'kilowatts.

12.3. It-trasferiment ta' jiem kif deskritt fil-punt 12.1 għandu jitħalla biss bejn bastimenti li jaħdmu bi kwalunkwe rkaptu li jappartjeni lill-kategorija ta' rkaptu tas-sajd u matul l-istess perijodu ta' ġestjoni.

12.4. It-trasferiment tal-jiem hu permess biss għal bastimenti li jgawdu minn allokazzjoni ta' jiem ta' sajd mingħajr kondizzjoni speċjali, kif stipulat fil-punt 7.2.

12.5. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni dwar it-trasferimenti li jkunu saru. Jistgħu jiġu adottati formati ta' spreadsheets għall-ġbir u t-trażmissjoni ta' l-informazzjoni imsemmija fil-punt preżenti, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

13. **Trasferiment ta' jiem bejn bastimenti tas-sajd li jtajru bandiera ta' Stati Membri differenti**

L-Istati Membri jistgħu jippermettu t-trasferiment ta' jiem ta' preżenza fiż-żona għall-istess perijodu ta' ġestjoni u fiż-żona bejn kwalunkwe bastimenti tas-sajd li jtajru l-bnadar tagħhom sakemm ►C1 japplikaw l-istess dispożizzjonijiet kif stabbiliti fil-punti 4.2, 4.3, 6 u 12. ◄ Fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jawtorizzaw tali trasferimenti, qabel ma jsiru dawn it-trasferimenti, huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dettalji tat-trasferiment, inkluż l-għadd ta' jiem, l-isforz tas-sajd, u fejn applikabbli, il-kwoti tas-sajd marbuta magħhom.

L-UŻU TA' L-IRKAPTU TAS-SAJD

14. **Notifika ta' l-irkaptu tas-sajd**

Qabel l-ewwel jum ta' kull perijodu ta' ġestjoni l-kaptan ta' bastiment jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jinnotifika lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru tal-bandiera dwar liema tip jew tipi ta' rkaptu biħsiebu juża matul il-perijodu ta' ġestjoni li jkun imiss. Qabel tali notifika tiġi pprovduta, il-bastiment m'għandux ikun intitolat li jistad fiż-żona ddefinita fil-punt 1 bi kwalunkwe rkaptu li jappartjeni lill-kategorija ta' rkaptu tas-sajd imsemmija fil-punt 3.

15. **Użu kkombinat ta' rkaptu tas-sajd regolat u mhux regolat**

Bastiment li jixtieq li jikkombina l-użu ta' rkaptu tas-sajd li jappartjeni lill-kategorija ta' rkaptu tas-sajd imsemmija fil-punt 3 (irkaptu regolat) ma' kwalunkwe kategorija ta' rkaptu tas-sajd ieħor imsemmi fil-punt 3 (irkaptu mhux regolat) m'għandux ikun ristrett fl-użu ta' rkaptu mhux regolat. Bastimenti bħal dawn għandhom jinnotifikaw minn qabel meta l-irkaptu irregolat ikun ser jintuża. Meta tali notifika ma tkunx saret l-ebda rkaptu li jappartjeni lill-kategorija ta' rkaptu tas-sajd imsemmija fil-punt 3 ma jista' jinġarr abbord. Bastimenti bħal dawn għandhom ikunu awtorizzati u mgħammra biex jistadu bil-mod alternattiv bl-irkaptu mhux regolat.

TRANSITU

16. **Tranżitu**

Bastiment huwa permess li jaqsam iż-żona sakemm ma jkollux permess tas-sajd biex jopera fiż-żona jew sakemm ikun l-ewwel għarraf lill-awtoritajiet tiegħu bl-intenzjoni tiegħu li jagħmel dan. Waqt li dak il-bastiment ikun jinsab fiż-żona kull irkaptu tas-sajd abbord irid ikun marbut u stivat skond il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

▼B

MONITORAĠĠ, SPEZZJONI U MONITORAĠĠ

17. **Messaġġi dwar sforzi tas-sajd**

L-Artikoli 19b, 19c, 19d, 19e u 19k tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 għandhom japplikaw għall-bastimenti li jġorru abbord rkaptu li jappartjeni lill-kategorija ta' rkaptu tas-sajd definita fil-punt 3 ta' dan l-Anness u joperaw fiż-żona definita fil-punt 1 ta' dan l-Anness. Bastimenti mgħammra b'sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti skond l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 2244/2003 għandhom ikunu eskluži minn dawn il-ħtiġiet ta' avviżar stipulati fl-Artikolu 19(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2847/93.

18. **Reġistrazzjoni ta' data rilevanti**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data sussegwenti li jirċievu skond l-Artikoli 8, 10(1) u 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 2244/2003 tiġi rreġistrata f'forma li tinqara mill-kompjuter:

(a) dħul ġewwa, u ħruġ mill-port;

(b) kull dħul ġewwa, u ħruġ minn żoni marittimi li għalihom japplikaw regoli speċifiċi dwar l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi.

19. **Kontrolli ta' verifika**

L-Istati Membri għandhom jivverifikaw is-sottomissjoni tal-ġurnali ta' abbord u l-informazzjoni rilevanti mniżżla fil-ġurnal ta' abbord billi jużaw data tal-VMS. Tali verifiki għandhom ikunu rreġistrati u disponibbli għall-Kummissjoni meta jintalab.

OBBLIGI TAR-RAPPORTAĠĠ

20. **Ġbir tad-data rilevanti**

L-Istati Membri, abbażi ta' l-informazzjoni użata għall-ġestjoni tal-jiem tas-sajd preżenti fiż-żona kif stipulat f'dan l-Anness, għandhom jiġbru għal kull trimestru l-informazzjoni dwar l-isforz tas-sajd totali magħmul fiż-żona għal irkaptu rmunkat u rkaptu statiku, u l-isforz magħmul minn bastimenti li jużaw tipi differenti ta' rkaptu fiż-żona rilevanti għal dan l-Anness.

21. **Komunikazzjoni tad-data rilevanti**

21.1. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-Kummissjoni spreadsheet bid-data msemmija fil-punt 20 fil-format speċifikat fit-Tabelli II u III billi jibagħtuha fl-indirizz talposta elettronika xieraq, li għandu jiġi kkomunikat lill-Istati Membri mill-Kummissjoni.

21.2. Format ġdid ta' spreadsheet għal ġbir tad-data msemmija fil-punt 20 disponibbli għall-Kummissjoni, jista' jiġi adottat skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

Tabella II

Format tar-rappurtar

Pajjiż	CFR	Immarkar estern	Tul tal-perijodu ta' ġestjoni	Żona għas-sajd	Kondizzjoni speċjali applikabbli għall-irkaptu notifikat				Jiem eliġibbli bl-użu ta' l-irkaptu notifikat				Jiem imqatta' bl-irkaptu notifikat				Trasferment ta' jiem
					Nº1	Nº2	Nº3	...	Nº1	Nº2	Nº3	...	Nº1	Nº2	Nº3	...	
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(6)	(6)	(6)	(7)	(7)	(7)	(7)	(8)	(8)	(8)	(8)	(9)

▼B

Tabella III

Format tad-data

Isem il-kaxxa (field)	Numru massimu ta' karattri/numri	Allinjament (*) L(eft)/R(ight)	Definizzjoni u Kummenti
(1) Pajjiż	3	n/r	Stat Membru (Kodiċi Alfa-3 ISO) li fih il-bastiment huwa rreġistrat għas-sajd skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002. Fil-każ tal-bastiment donatur, dejjem huwa l-pajjiż li qed jirrapporta.
(2) CFR	12	n/r	(Numru ta' Reġistrazzjoni tal-Flotta tal-Komunità). Numru uniku ta' identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd. Stat Membru (Kodiċi Alfa-3 ISO) u serje ta' identifikazzjoni (9 karattri). Meta serje għandha inqas minn 9 karattri, żerijiet addizzjonali għandhom jiddaħħlu fin-naħa tax-xellug.
(3) Immarkar estern	14	L	Skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1381/87.
(4) Tul tal-perijodu ta' ġestjoni	2	L	Tul tal-perijodu ta' ġestjoni mkejjel f'xhur.
(5) Żona għas-sajd	1	L	Informazzjoni mhux rilevanti għall-Anness IIB.
(6) Kondizzjoni speċjali applikabbli għall-irkaptu notifikat	2	L	Indikazzjoni ta' liema, jekk hemm, mill-kondizzjonijiiet speċjali a-b imsemmija fil-punt 7.2 ta' l-Anness IIB hija applikabbli.
(7) Jiem eliġibbli skond l-użu ta' l-irkaptu notifikat	3	L	L-għadd ta' jiem li għalihom il-bastiment huwa eliġibbli taħt dan l-Anness IIB għall-għaża ta' rkaptu u t-tul tal-perijodu ta' ġestjoni nnotifikat.
(8) Jiem imqatta' bl-irkaptu notifikat	3	L	L-għadd ta' jiem il-bastiment attwalment qatta' preżenti fiż-żona, juża rkaptu simili ta' l-irkaptu notifikat tul il-perijodu ta' ġestjoni notifikat skond l-Anness IIB
(9) Trasferiment ta' jiem	4	L	Għal jiem trasferiti indika "– għadd ta' jiem trasferiti" u għal jiem irċevuti indika "+ għadd ta' jiem trasferiti"

(*) informazzjon rilevanti għat-trasmissjoni tad-data bil-format ta' tul fiss.

▼B

ANNESS IIC

SFORZ TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI FIL-KUNTEST TA' RKUPRU TA' STOKKIJIET FIL-PUNENT TAL-KANAL FIŻ-ŻONA VIIe TA' L-ICES

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

1. **Kamp ta' applikazzjoni**

1.1 Il-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness għandhom japplikaw għal bastimenti tal-Komunità ta' tul kumplessiv ta' 10 metri jew aktar, li jġorru abbord xi rkaptu definit fil-punt 3, u preżenti fiż-żona VIIe. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, referenza għas-sena 2008 tfisser il-perijodu mill-1 ta' Frar 2008 sal-31 ta' Jannar 2009.

1.2 Bastimenti li jistadu bi xbieki statiċi b'qies il-malji 120 mm jew aktar u b'rekords ta' anqas minn 300 kg ta' piż ħaj ta' lingwata skond il-ġurnal ta' abbord tal-KE fl-2004 għandhom ikun eżentati mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness bil-kondizzjoni li:

(a) tali bastimenti jaqbdu anqas minn 300kg f'piż ħaj ta' lingwata matul il-perijodu ta' ġestjoni 2008, u

(b) tali bastimenti m'għandhom jittrasbordaw l-ebda ħut fuq il-baħar lejn bastiment ieħor, u

(ċ) kull Stat Membru kkonċernat jagħmel rapport lill-Kummissjoni sal-31 ta' Lulju 2008, u l-31 ta' Jannar 2009, dwar dawn ir-rekords tal-bastimenti għal-lingwata fl-2004 u qabdiet ta' lingwata fl-2008.

Meta xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet ma jitħarsux, il-bastiment ikkonċernat b'effett immedjat m'għandux jibqa' eżentat mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

2. **Definizzjoni ta' jum preżenti fiż-żona**

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, jum ta' preżenza f'żona għandha tfisser kwalunkwe perijodu kontinwu ta' 24 siegħa (jew parti minnu) li matulu bastiment ikun preżenti fiż-żona VIIe u barra mill-port. Il-ħin li minnu jitkejjel il-perijodu kontinwu huwa kif jidhirlu xieraq l-Istat Membru li l-bastiment kkonċernat ikun qed itajjar il-bandiera tiegħu.

3. **Irkaptu tas-sajd**

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, il-gruppi segwenti ta' rkaptu tas-sajd għandhom japplikaw:

(a) Xbieki tat-tkarkir bit-travu b'qies il-malji 80 mm jew akbar;

(b) Xbieki fissi inklużi għeżula, pariti u għeżula tat-tħabbil b'qies il-malji anqas minn 220 mm.

IMPLIMENTAZZJONI TAL-LIMITI TA' L-ISFORZ TAS-SAJD

4. **Bastimenti kkonċernati b'limiti ta' sforz tas-sajd**

4.1. Il-bastimenti kollha li jużaw tipi ta' rkaptu identifikati fil-punt 3 u jistadu fiż-żoni definiti fil-punt 1 għandu jkollhom permess tas-sajd speċjali maħruġ f'konformità ma' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1627/94.

4.2. Stat Membru m'għandux jippermetti sajd b'irkaptu ta' kategorija ta' l-irkaptu tas-sajd definita fil-punt 3 fiż-żona minn xi bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu li m'għandux rekords ta' tali attività ta' sajd għas-snin 2002, 2003, 2004, 2005, 2006 jew 2007 f'dik iż-żona, sakemm ma jiżgurax li kapaċità ekwivalenti, imkejla f'kilowatts, ma titħallhiex għas-sajd fiż-żona rregolata.

4.3. Madankollu, bastiment b'rekord ta' użu ta' rkaptu ta' kategorija ta' rkaptu tas-sajd definit fil-punt 3 jista' jiġi awtorizzat li juża rkaptu tas-sajd differenti, sakemm l-għadd ta' jiem allokati lil dan l-irkaptu ta' l-aħħar ikun ikbar jew daqs l-għadd ta' jiem allokati lill-irkaptu ta' l-ewwel.

4.4. Bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru li ma jkollu ebda kwota fiż-żona definita fil-punt 1, m'għandux jitħalla jistad f'dik iż-żona

▼B

b'irkaptu tal-kategorija ta' l-irkaptu tas-sajd definita fil-punt 3, sakemm il-bastiment jingħata kwota wara trasferiment kif permess skond l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, u ►C1 jiġi allokat jiem fuq il-baħar skond il-punti 11 jew 12 ta' dan l-Anness. ◄

5. **Limiti għall-attività**

Kull Stat Membru għandu jiżgura li, waqt li jkunu jġorru abbord kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' l-irkaptu tas-sajd imsemmi fil-punt 3, il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu u li huma rreġistrati fil-Komunità għandhom ikunu preżenti fiż-żona għal mhux aktar mill-għadd ta' jiem stabbilit fil-punt 7.

6. **Eċċezzjonijiet**

Stat Membru m'għandux jaqta' mill-jiem allokati lil kwalunkwe bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu skond dan l-Anness sew jiem li fihom il-bastiment kien preżenti fiż-żona imma ma setax jistad minħabba li kien qed jassisti bastiment ieħor f'emerġenza kif ukoll kwalunkwe jiem preżenti fiż-żona li fihom setax jistad minħabba li kien qed jittrasporta persuna mweġġa' li kienet teħtieġ għajnuna medika b'emerġenza. L-Istat Membru għandu jipprovdi ġustifikazzjoni lill-Kummissjoni fi żmien xahar dwar kull deċiżjoni meħuda fuq din il-bażi flimkien ma' evidenza dwar l-emerġenza mill-awtoritajiet kompetenti.

GĦADD TA' JIEM TA' PREŻENZA FIŻ-ŻONA ALLOKATA LILL-BASTIMENTI TAS-SAJD

7. **Numru massimu ta' jiem**

7.1. Matul il-perijodu ta' ġestjoni 2008, l-għadd massimu ta' jiem fuq il-baħar li għalihom Stat Membru jista' jawtorizza bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fiż-żona, filwaqt li jkun ġarr abbord kwalunkwe wieħed mill-irkapti tas-sajd imsemmija fil-punt 3, qed jintwera fit-Tabella I.

7.2 Matul il-perijodu ta' ġestjoni 2008, l-għadd ta' jiem fis-sena li fihom bastiment ikun preżenti fiż-żona kollha koperta b'dan l-Anness u l-Anness IIa m'għandux jaqbeż l-għadd muri fit-Tabella I ta' dan l-Anness. Madankollu l-għadd ta' jiem li fihom il-bastiment ikun preżenti fiż-żoni koperti mill-Anness IIa għandu jikkonforma ma' l-għadd massimu ffissat skond l-Anness IIa.

7.3 Matul il-perijodu ta' ġestjoni 2008, Stat Membru jista' jmexxi l-allokazzjoni ta' l-isforzi tas-sajd tiegħu skond is-sistema tal-jiem kilowatt. B'dik is-sistema jista' jawtorizza kwalunkwe bastiment ikkonċernat biex ikun preżenti fiż-żona għal għadd massimu ta' jiem li huwa differenti minn dak stipulat fit-Tabella I għal kwalunkwe wieħed mill-gruppi ta' rkaptu tas-sajd stipulat f'dik it-Tabella, bil-kondizzjoni li l-ammonti totali ta' jiem kilowatt li jikkorrispondu għal kombinazzjoni bħal din jiġu rispettati.

Għal grupp speċifiku ta' rkapti tas-sajd l-ammonti totali ta' jiem kilowatt għandu jkun it-totali ta' l-sforzi tas-sajd individwali kollha allokati lill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru kkonċernat u li jikkwalifikaw għal dak il-grupp speċifiku. Sforzi tas-sajd individwali bħal dawn għandhom jiġu kkalkulati f'jiem kilowatt permezz tal-moltiplikazzjoni tal-qawwa tal-magni ta' kull bastiment bl-għadd ta' jiem fuq il-baħar li kieku jibbenefika minnhom, skond it-Tabella I, li kieku d-dispożizzjonijiet ta' dan il-punt ma jiġux applikati

7.4 Stat Membru li jixtieq jibbenefika mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt 7.3 għandu jressaq talba lill-Kummissjoni b'rapporti fil-format elettroniku li jkun fiha, għal kull grupp ta' rkaptu tas-sajd id-dettalji tal-kalkoli abbażi ta':

— lista ta' bastimenti awtorizzati jistadu, billi jkun indikat in-Numru fir-Reġistru tal-Flotta Komunitarja (CFR) u l-qawwa tal-magni tagħhom;

— l-għadd ta' jiem fuq il-baħar li matulhom kull bastiment inizjalment kien awtorizzat jistad skond it-Tabella I u l-għadd ta' jiem fuq il-baħar li kull bastiment jibbenefika minnhom bl-applikazzjoni tal-punt 7.3.

▼B

Abbażi ta' dik id-deskrizzjoni, il-Kummissjoni tista' tawtorizza lil Stat Membru biex jibbenefika mid-dispożizzjonijiet definiti fil-punt 7.3.

8. **Perijodi ta' ġestjoni**

8.1. L-Istat Membri jistgħu jaqsmu l-jiem preżenti fiż-żona mogħtija fit-Tabella I, f'perjodi ta' ġestjoni ta' tul ta' xahar kalendarju wieħed jew aktar.

8.2. L-għadd ta' jiem li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona tul perijodu ta' ġestjoni, għandu jkun iffissat kif jidhrilhom xieraq l-Istati Membri kkonċernati.

8.3. Fi kwalunkwe perijodu partikolari ta' ġestjoni bastiment li jkun uża l-għadd ta' jiem ta' preżenza fiż-żona li għalihom huwa eliġibbli għandu jibqa' fil-port jew barra miż-żona għall-kumplament tal-perijodu ta' ġestjoni sakemm ma jkunx qed juża rkaptu li għalih ma ġiex iffissat għadd massimu ta' jiem.

9. **Allokazzjoni ta' jiem addizzjonali għall-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd**

9.1. Għadd ta' jiem addizzjonali li fihom bastiment jista' jiġi awtorizzat mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fiż-żona filwaqt li jkollu abbord kwalunkwe wieħed mill-irkapti tas-sajd imsemmija fil-punt 3 jista' jkun allokat lil Stati Membri mill-Kummissjoni abbażi tal-waqfiet permanenti mill-attivitajiet tas-sajd li seħħew mill-1 ta' Jannar 2004 jew skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999 inkella li jirriżultaw minn ċirkostanzi oħrajn motivati kif jixraq mill-Istati Membri. L-isforz magħmul fl-2003, imkejjel f'jiem kilowatt, tal-bastimenti rtirati li jużaw l-irkaptu rilevanti għandu jiġi maqsum bejn l-isforz magħmul mill-bastimenti kollha li użaw dak l-irkaptu matul l-2003.

L-għadd ta' jiem addizzjonali fil-baħar imbagħad jiġi kkalkolat permezz tal-multiplikazzjoni tal-proporzjon li tirriżulta, bl-għadd ta' jiem li kienu ġew allokati oriġinarjament skont it-Tabella I. Kwalunkwe parti ta' jum li tirriżulta minn dan il-kalkolu għandha tiġi aġġustata għall-eqreb jum sħiħ.

Dan il-punt m'għandux japplika fejn bastiment ġie mibdul skond il-punt 4.2 jew meta l-irtirar diġà intuża fi snin preċedenti biex jinkisbu jiem addizzjonali fuq il-baħar.

9.2. Stat Membru li jixtieq jibbenefika mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt 9.1 għandu jressaq talba lill-Kummissjoni b'rapporti fil-format elettroniku li jkun fiha, għal kull grupp ta' rkaptu tas-sajd id-dettalji tal-kalkoli abbażi ta':

— lista ta' bastimenti irtirati, b'indikazzjoni tan-Numru fir-Reġistru tal-Flotta Komunitarja (CFR) u l-qawwa tal-magni tagħhom;

— L-isforzi tas-sajd eżerċitati minn bastimenti bħal dawn fl-2003 ikkalkolati bħala jiem fuq il-baħar bi gruppi ta' rkaptu tas-sajd, u jekk meħtieġ kondizzjonijiet speċjali;

9.3. Abbażi ta' tali talba l-Kummissjoni tista' temenda l-għadd ta' jiem iddefinit fil-punt 7.2 għal dak l-Istat Membru skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

9.4 Matul il-perijodu ta' ġestjoni 2008, Stat Membru jista' jalloka mill-ġdid dak l-għadd addizzjonali ta' jiem fuq il-baħar lill-bastimenti kollha li jibqgħu fil-flotta u li huma kkwalifikati għall-grupp ta' rkaptu tas-sajd jew għal parti minnhom permezz ta' l-applikazzjoni, mutatis mutandis, tad-dispożizzjonijiet stipulati fil-punti 7.3 u 7.4.

9.5. Kull għadd ta' jiem li jirriżulta minn waqfien permanenti ta' attività li qabel kien allokat mill-Kummissjoni jibqa' allokat fl-2008.

10. **Allokazzjoni ta' jiem addizzjonali biex tkopri aħjar l-osservazzjoni**

10.1. Tlett ijiem addizzjonali li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona meta jkollu abbord xi kategorija ta' rkaptu tas-sajd imsemmija fil-punt 3, jistgħu jkunu allokati bejn l-1 ta' Frar 2008 u l-31 ta' Jannar 2009 lill-Istati Membri mill-Kummissjoni abbażi tal-programm imtejjeb li jkopri l-osservazzjoni bi sħab bejn ix-xjentisti u l-industrija tas-sajd. Tali programm għandu jiffoka partikolarment fuq il-livelli ta' l-iskartar u fuq l-għamla tal-qabda u jmur lil hinn mil-ħtiġiet dwar il-ġbir tad-

▼B

data kif stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1543/2000, ir-Regolament (KE) Nru 1639/2001 u r-Regolament (KE) Nru 1581/2004, għal-livelli minimi u estiżi tal-programm.

L-osservaturi għandhom ikunu indipendenti mis-sid tal-bastiment u m'għandhomx ikunu membri ta' l-ewkipaġġ tal-bastiment tas-sajd.

10.2. Stati Membri li jixtiequ jgawdu mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 10.1 għandhom jagħtu lill-Kummissjoni deskrizzjoni tal-programm imtejjeb li jkopri l-osservazzjoni, biex din tapprovah.

10.3. Abbażi ta' din id-deskrizzjoni, u wara li tikkonsulta ma' l-STECF, il-Kummissjoni tista' temenda l-għadd ta' jiem definiti fil-punt 7.1 għal dak l-Istat Membru u għall-bastimenti, iż-żona u l-irkaptu ikkonċernat fil-programm imtejjeb ta' l-osservazzjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

10.4. Jekk programm bħal dan, imressaq minn Stat Membru, ikun ġie approvat mill-Kummissjoni fl-imgħoddi, u l-Istat Membru jixtieq ikompli l-applikazzjoni tiegħu mingħajr tibdil, l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummisjoni bit-tkomplija tal-programm ta' osservazzjoni mtejba erba' ġimgħat qabel il-bidu tal-perijodu li għalih japplika l-programm.

Tabella I

L-għadd massimu ta' jiem li bastiment jista' jkun preżenti f'żona skond l-irkaptu tas-sajd

Irkaptu punt 3	Denominazzjoni Il-kategoriji ta' l-irkaptu kif definiti fil-punt 3 biss huma użati. Kanal tal-Punent	Kanal tal-Punent
3.a.	Xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' qies ≥ 80 mm	192
3.b.	Xbieki fissi b'malji ta' qies < 220 mm	192

SKAMBJU TA' L-ALLOKAZZJONIJIET TA' L-ISFORZ TAS-SAJD

11. **Trasferiment ta' jiem bejn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru**

11.1. Stat Membru jista' jippermetti, lil kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tiegħu, li jittrasferixxi jiem ta' preżenza fiż-żona li għaliha ġie awtorizzat, lil bastiment ieħor li jtajjar il-bandiera tiegħu fiż-żona, sakemm ir-riżultat tal-jiem irċevuti minn bastiment u l-qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts (jiem kilowatt) huwa daqs jew inqas mir-riżultat tal-jiem trasferiti mill-bastiment donatur u l-qawwa tal-magna ta' dak il-bastiment f'kilowatts. Il-qawwa tal-magna tal-bastimenti f'kilowatts għandha tiġi rreġistrata għal kull bastiment fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità.

11.2. L-għadd totali ta' jiem preżenti fiż-żona, immultiplikat bil-qawwa tal-magna tal-bastiment donatur f'kilowatts m'għandiex tkun aktar mill-medja tal-jiem annwali tal-bastiment donatur skond ir-rekords tiegħu fiż-żona kif ivverifikata mill-ġurnal ta' abbord tal-Komunità għas-snin 2001, 2002, 2003, 2004 u 2005, immultiplikata bil-qawwa tal-magna ta' dak il-bastiment f'kilowatts.

11.3. It-trasferiment ta' jiem kif deskritt fil-punt 11.1 għandu jitħalla biss bejn bastimenti li jaħdmu bl-istess kategorija ta' rkaptu msemmi fil-punt 3 u matul l-istess perijodu ta' ġestjoni.

11.4. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu r-rapporti dwar it-trasferimenti li jkunu saru. Format dettaljat ta' spreadsheet għat-tħejjija ta' dawn ir-rapporti disponibbli għall-Kummissjoni, jista' jiġi adottat skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

12. **Trasferiment ta' jiem bejn bastimenti tas-sajd li jtajru bandiera ta' Stati Membri differenti**

L-Istati Membri jistgħu jippermettu t-trasferiment ta' jiem ta' preżenza fiż-żona għall-istess perijodu ta' ġestjoni u fiż-żona bejn kwalunkwe bastimenti tas-sajd li jtajru l-bnadar tagħhom sakemm japplikaw l-istess

▼B

dispożizzjonijiet kif stabbiliti fil-punti 4.2, 4.4, 6 u 11. Fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jawtorizzaw tali trasferimenti, qabel ma jsiru dawn it-trasferimenti, bħala proċedura preliminari huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dettalji tat-trasferiment, inkluż l-għadd ta' jiem trasferiti, l-isforz tas-sajd, u fejn applikabbli, il-kwoti tas-sajd marbuta magħhom, kif miftiehem bejniethom.

L-UŻU TA' L-IRKAPTU TAS-SAJD

13. **Notifika ta' l-irkaptu tas-sajd**

Qabel l-ewwel jum ta' kull perijodu ta' ġestjoni l-kaptan ta' bastiment jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jinnotifika lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru tal-bandiera dwar liema tip jew tipi ta' rkaptu biħsiebu juża matul il-perijodu ta' ġestjoni li jkun imiss. Qabel tali notifika tiġi pprovduta, il-bastiment m'għandux ikun intitolat li jistad fiż-żona ddefinita fil-punt 1 bi kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' rkaptu tas-sajd imsemmija fil-punt 3.

14. **Attivitajiet mhux relatati mas-sajd**

F'kull perijodu ta' ġestjoni bastiment jista' jwettaq attivitajiet li m'humiex relatati ma' sajd, mingħajr ma dak il-ħin jinqata' mill-jiem allokati lilu taħt il-punt 7, sakemm dak il-bastiment l-ewwel jinnotifika l-Istat Membru tal-bandiera tiegħu bl-intenzjoni li jagħmel hekk, u bin-natura ta' l-attivitajiet u sakemm iċedi l-liċenzja tiegħu tas-sajd għal dan iż-żmien. Tali bastimenti m'għandhom iġorru l-ebda rkaptu tas-sajd jew ħut abbord matul dak il-perijodu.

TRANSITU

15. **Tranżitu**

Bastiment għandu jitħalla jaqsam iż-żona sakemm ma jkollux permess tas-sajd biex jopera fiż-żona jew sakemm ikun l-ewwel għarraf lill-awtoritajiet tiegħu bl-intenzjoni tiegħu li jagħmel dan. Waqt li dak il-bastiment ikun jinsab fiż-żona kull irkaptu tas-sajd abbord irid ikun marbut u stivat skond il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

MONITORAĠĠ, SPEZZJONI U MONITORAĠĠ

16. **Messaġġi dwar sforzi tas-sajd**

L-Artikoli 19b, 19c, 19d, 19e u 19k tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 għandhom japplikaw għall-bastimenti li jġorru abbord gruppi ta' rkaptu tas-sajd definit fil-punt 3 ta' dan l-Anness u joperaw fiż-żona definiti fil-punt 1 ta' dan l-Anness. Bastimenti mgħammra b'sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti skond l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 2244/2003 għandhom ikunu eskluži minn dawn il-ħtiġiet ta' avviżar stipulati fl-Artikolu 19(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2847/93.

17. **Reġistrazzjoni ta' data rilevanti**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data sussegwenti li jirċievu skond l-Artikoli 8, 10(1) u 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 2244/2003 tiġi rreġistrata f'forma li tinqara mill-kompjuter:

(a) dħul ġewwa, u ħruġ mill-port;

(b) kull dħul ġewwa, u ħruġ minn żoni marittimi li għalihom japplikaw regoli speċifiċi dwar l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi.

18. **Kontrolli ta' verifika**

L-Istati Membri għandhom jivverifikaw is-sottomissjoni tal-ġurnali ta' abbord u l-informazzjoni rilevanti mniżżla fil-ġurnal ta' abbord billi jużaw data tal-VMS. Tali verifiki għandhom ikunu rreġistrati u disponibbli għall-Kummissjoni meta jintalab.

▼B

19. **Miżuri ta' kontroll alternattivi**

L-Istati Membri jistgħu jimplimentaw miżuri ta' kontroll alternattivi biex jiżguraw konformità ma' l-obbligi msemmija fil-punt 16 ta' dan l-Anness li huma effettivi u trasparenti daqs dawn l-obbligi tar-rapportaġġ. Tali miżuri għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni qabel l-implimentazzjoni tagħhom.

20. **Notifika bil-quddiem ta' trasbord u ħatt l-art**

Il-kaptan ta' bastiment tal-Komunità jew ir-rappreżentant tiegħu li jkun jixtieq jittrasborda kwalunkwe kwantità miżmuma abbord jew li jħott f'port jew post tal-ħatt l-art f'pajjiż terz għandu jgħaddi lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-bandiera minn ta' l-inqas 24 siegħa qabel it-trasbord jew ħatt l-art f'pajjiż terz l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 19b tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

21. **Marġini ta' tolleranza fl-istima tal-kwantitajiet irrapportati fuq il-ġurnal ta' abbord**

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2807/83, il-marġini ta' tolleranza permess, fl-istima tal-kwantitajiet, f'kilogrammi miżmuma abbord il-bastimenti msemmija fil-punt 16 għandu jkun 8 % taċ-ċifra fuq il-ġurnal ta' abbord. Fejn l-ebda fattur ta' konverżjoni m'huwa stabbilit fil-leġislazzjoni Komunitarja, għandhom japplikaw il-fatturi ta' konverżjoni adottati mill-Istati Membri li l-bandiera tagħhom tittajjar mill-bastimenti.

22. **Stivar separat**

Meta jiġu stivati abbord bastiment kwantitajiet ta' lingwata ogħla minn 50 kg, għandu jkun ipprojbit li tinżamm abbord kwalunkwe kwantità ta' lingwata mħallta ma' xi speċi oħra ta' organiżmi tal-baħar fi kwalunkwe tip ta' kontenitur. Il-kaptani ta' bastimenti tal-Komunità għandhom jagħtu lill-ispetturi ta' l-Istati Membri dik l-assistenza li tippermettilhom jagħmlu l-verifiki tal-kwantitajiet iddikjarati fil-ġurnal ta' abbord u l-qabdiet ta' lingwata miżmuma abbord.

23. **Użin**

23.1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull kwantità ta' lingwata li taqbeż 300 kg maqbuda fiż-żona tintiżen bl-imwieżen tas-suq bl-irkant qabel il-bejgħ.

23.2. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jeħtieġu li kull kwantità ta' lingwata li taqbeż 300 kg maqbuda fiż-żona u maħtuta l-art għall-ewwel darba f'dak l-Istat Membru tintiżen fil-preżenza ta' kontrolluri qabel tiġi ttrasportata mill-port ta' l-ewwel ħatt l-art.

24. **It-trasport**

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, il-kwantitajiet akbar minn 50 kg ta' kull speċi fis-sajd imsemmi fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament li jiġu ttrasportati minn post għal ieħor għajr dak tal-ħatt l-art jew ta' l-importazzjoni għandhom ikunu akkumpanjati b'kopja ta' waħda mid-dikjarazzjonijiet ipprovdut għalihom fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 li japplika għall-kwantitajiet ta' dawk l-ispeċijiet ttrasportati. L-eżenzjoni pprovduta fl-Artikolu 13(4)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 m'għandhiex tapplika.

25. **Programm ta' monitoraġġ speċifiku**

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 34c(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, il-programm ta' monitoraġġ speċifiku għal xi stokkijiet f'sajd imsemmi fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament jista' jibqa' għaddej għal aktar minn sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ.

OBBLIGI TAR-RAPPORTAĠĠ

26. **Ġbir tad-data rilevanti**

L-Istati Membri, abbażi ta' l-informazzjoni użata għall-ġestjoni tal-jiem tas-sajd preżenti fiż-żona kif stipulat f'dan l-Anness, għandhom jiġbru għal kull trimestru l-informazzjoni dwar l-isforz tas-sajd totali magħmul

▼B

fiż-żona għal irkaptu rmunkat u rkaptu statiku, u l-isforz magħmul minn bastimenti li jużaw tipi differenti ta' rkaptu fiż-żona rilevanti għal dan l-Anness.

27. **Komunikazzjoni tad-data rilevanti**

27.1. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-Kummissjoni spreadsheet bid-data msemmija fil-punt 26 fil-format speċifikat fit-Tabelli II u III billi jibagħtuha fl-indirizz tal-posta elettronika xieraq, li għandu jiġi kkomunikat lill-Istati Membri mill-Kummissjoni.

27.2. Format ġdid ta' spreadsheet bl-għan li tagħmel id-data msemmija fil-punt 26 disponibbli għall-Kummissjoni, jista' jiġi adottat skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

Tabella II

Format tar-rappurtar

Pajjiż	CFR	Immarkar estern	Tul tal-perijodu ta' ġestjoni	Żona għas-sajd	Irkaptu notifikat				Kondizzjoni speċjali applikabbli għall-irkaptu notifikat				Jiem eliġibbli skond l-użu ta' l-irkaptu notifikat				Jiem imqatta' bl-irkaptu notifikat				Trasferment ta' jiem
					Nº1	Nº2	Nº3	...	Nº1	Nº2	Nº3	...	Nº1	Nº2	Nº3	...	Nº1	Nº2	Nº3	...	
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(6)	(6)	(6)	(7)	(7)	(7)	(7)	(8)	(8)	(8)	(8)	(9)	(9)	(9)	(9)	(10)

Tabella III

Format tad-data

Isem il-kaxxa (field)	Numru massimu ta' karattri/numri	Allinjament (*) L(eft)/R(ight)	Definizzjoni u Kummenti
(1) Pajjiż	3	n/r	Stat Membru (Kodiċi Alfa-3 ISO) li fih il-bastiment huwa rreġistrat għas-sajd skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002. Fil-każ tal-bastiment donatur, dejjem huwa l-pajjiż li qed jirrapporta.
(2) CFR	12	n/r	(Numru ta' Reġistrazzjoni tal-Flotta tal-Komunità). Numru uniku ta' identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd. Stat Membru (Kodiċi Alfa-3 ISO) u serje ta' identifikazzjoni (9 karattri). Meta serje għandha inqas minn 9 karattri, żerijiet addizzjonali għandhom jiddaħħlu fin-naħa tax-xellug.
(3) Immarkar estern	14	L	Skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1381/87.
(4) Tul tal-perijodu ta' ġestjoni	2	L	Tul tal-perijodu ta' ġestjoni mkejjel f'xhur.
(5) Żona għas-sajd	1	L	Informazzjoni mhux rilevanti għall-Anness IIC.
(6) Irkaptu notifikat	5	L	L-indikazzjoni tal-kategorija ta' l-irkaptu notifikata skond il-punt 3 ta' l-Anness IIC (a jew b).

▼B

Isem il-kaxxa (field)	Numru massimu ta' karattri/numri	Allinjament (*) L(eft)/R(ight)	Definizzjoni u Kummenti
(7) Kondizzjoni speċjali applikabbli għall-irkaptu notifikat	2	L	Informazzjoni mhux rilevanti għall-Anness IIC.
(8) Jiem eliġibbli skond l-użu ta' l-irkaptu notifikat	3	L	L-għadd ta' jiem li għalihom il-bastiment huwa eliġibbli taħt dan l-Anness għall-għażla ta' kategoriji ta' l-irkaptu u t-tul tal-perijodu ta' ġestjoni nnotifikat.
(9) Jiem imqatta' bl-irkaptu notifikat	3	L	L-għadd ta' jiem il-bastiment attwalment qatta' preżenti fiż-żona, juża rkaptu li jikkorrispondi għal kategorija ta' l-irkaptu notifikata tul il-perijodu ta' ġestjoni notifikat skond l-Anness IIC
(10) Trasferiment ta' jiem	4	L	Għal jiem trasferiti indika "– għadd ta' jiem trasferiti" u għal jiem irċevuti indika "+ għadd ta' jiem trasferiti"

(*) informazzjon rilevanti għat-trasmissjoni tad-data bil-format ta' tul fiss.

▼B

ANNESS IID

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD U SFORZI TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD GĦAĊ-ĊIĊĊIRELL FIŻ-ŻONI ICES IIIa U IV U Ż-ŻONA ICES IIa FL-ILMIJIET TAL-KE

1. Il-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness għandhom japplikaw għal bastimenti tal-Komunità li jistadu fiż-żoni ICES IIIa u IV u fiż-żona ICES IIa fl-ilmijiet tal-KE bi xbieki tat-tkarkir tal-par, tartarun jew irkaptu simili rmunkat, b'qies il-malji iżgħar minn 16 mm.

2. Il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness għandhom japplikaw għal bastimenti ta' pajjiż terz awtorizzati li jistadu għaċ-ċiċċirell fl-ibħra tal-KE taż-żona IV ta' l-ICES jekk mhux speċifikat mod ieħor, jew bħala konsegwenza ta' konsultazzjonijiet bejn il-Komunità u n-Norveġja kif imniżżel fil-punt 7.3, tar-Reġistru Miftiehem tal-konklużjonijiet bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja fis-26 ta' Novembru 2007.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Anness jum preżenti fiż-żona għandu jkun:

   (a) il-perijodu ta' 24 siegħa bejn 00:00 ta' jum kalendarju u 24:00 ta' l-istess jum kalendarju jew xi parti minn tali perijodu inkella;

   (b) kwalunkwe perijodu kontinwu ta' 24 siegħa kif irreġistrat fil-ġurnal ta' abbord tal-Komunità bejn id-data u l-ħin tat-tluq u d-data u l-ħin tal-wasla jew xi parti minn tali perijodu.

4. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jżomm bażi tad-data li fiha l-informazzjoni li ġejja għaż-żoni ICES IIIa u IV u għal kull bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu jew irreġistrat fil-Komunità li kien jistad bi xbieki tas-sajd tal-qiegħ, tartaruni jew irkaptu simili rmunkat, bil-qies tal-malji inqas minn 16 mm:

   (a) l-isem u n-numru ta' reġistrazzjoni intern tal-bastiment;

   (b) il-qawwa tal-magna installata tal-bastiment f'kilowatts imkejla skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2930/86;

   (c) l-għadd ta' jiem preżenti fiż-żona meta kien qed jistad bi xbieki tat-tkarkir demersali, tartaruni jew irkaptu simili rmunkat b'malji ta' daqs ta' anqas minn 16 mm.

   (d) il-jiem kilowatt bħala r-riżultat ta' l-għadd ta' jiem ta' preżenza u l-qawwa tal-magna installata f'kilowatts.

5. Is-sajd esploratorju marbut ma' abbundanza ta' ċiċċirell għandu jibda mhux aktar kmieni mill-1 ta' April 2008 u jispiċċa mhux aktar tard mis-6 ta' Mejju 2008.

   Il-limitu massimu totali ta' sforz tas-sajd permess fis-sajd esploratorju mabrut ma' abbundanza ta' ċiċċirell fl-2008 għandu jkun determinat abbażi ta' l-isforz tas-sajd totali użat mill-bastimenti Komunitarji tas-sajd fl-2007 stabbilit skond il-punt 4 u għandu jkun diviż fost l-Istati Membri skond l-allokazzjonijiet tal-kwota f'dan it-TAC.

   Għall-kwota mhux allokata ta' dan it-TAC, l-isforz tas-sajd permess fis-sajd esploratorju fir-rigward ta' l-abbundanza taċ-ċiċċirell fl-2008 għandu jkun distribwit lill-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom għandhom reġistru ta' attività tas-sajd fis-snin 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 f'dik iż-żona. Dan ikun jikkorrispondi għas-sehem ta' l-isforz ta-sajd ta' 96 % għall-Isvezja u sehem ta' 4 % għall-Ġermanja.

6. It-TAC u l-kwoti għaċ-ċiċċirell fiż-żoni IIIa u IV ta' l-ICES u fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni IIa ta' l-ICES kif stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu riveduti mill-Kummissjoni kmieni kemm jista' jkun, abbażi tal-pariri ta' l-ICES u l-STECF dwar id-daqs tal-klassi tas-sena 2007 taċ-ċiċċirell tal-Baħar tat-Tramuntana, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji li ġejjin kif ukoll elementi rilevanti oħra misjuba fil-parir xjentifiku:

   It-TAC għall-ilmijiet tal-KE taż-żoni ICES IIa u IV għandu jkun stabbilit skond il-formula sussegwenti:

$$TAC_{2008} = -138 + 3{,}77 \times N_1 \times Wobs/Wm$$

   N1 hija l-istima f'ħin reali tal-grupp ta' età 1 f'biljuni li ġejja mis-sajd esploratorju fl-2008; it-TAC huwa espress f'1,000 ta' tunnellati; Wobs huwa l-piż medju osservat tal-grupp ta' età 1 waqt is-sajd esploratorju; u Wm (4,75 g) huwa l-piż medju għat-terminu fit-tul, tal-grupp ta' età 1;

▼B

7. Jekk it-TAC ikkalkulat fil-punt 6 jeċċedi l-400 000 tunnellata, it-TAC għandu jkun stabbilit bħala 400 000 tunnellata.

8. Sajd kummerċjali bi xbieki tat-tkarkir tal-par, tartaruni jew irkaptu simili rmunkat bid-daqs tal-malji anqas minn 16 mm, għandu jkun projbit mill-1 ta' Awwissu 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008.

▼B

ANNESS III

MIŻURI TRANŻITORJI TEKNIĊI U TA' KONTROLL

Parti A

L-Atlantiku tat-Tramuntana inklużi l-Baħar tat-Tramuntana, Skagerrak u l-Kattegat

1. **Sajd għall-aringi fiż-żona ICES iia fl-ilmijiet tal-ke**

Għandu jkun ipprojbit il-ħatt l-art jew iż-żamma abbord ta' l-aringi maqbuda miż-żona IIa fl-ilmijiet tal-KE fil-perjodi mill-1 ta' Jannar sat-28 ta' Frar u mis-16 ta' Mejju sal-31 ta' Diċembru.

2. **Miżuri tekniċi ta' konservazzjoni fi Skagerrak u l-Kattegat**

Permezz ta' deroga mid-dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 850/98, id-dispożizzjonijiet fl-Appendiċi 1 għal dan l-Anness għandhom japplikaw.

3. **Sajd elettriku fiż-żoni ICES IVc u IVb**

3.1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 850/98, sajd bix-xibka tat-tkarkir bit-travu li juża kurrent ta' impuls elettriku għandu jitħalla fiż-żoni ICES IVc u IVb fin-Nofsinhar ta' linja rombu li jaqbdu magħha l-punti sussegwenti, li għandhom jitkejlu skond is-sistema tal-koordinati WGS84:

— punt mill-kosta tal-Lvant tar-Renju Unit fil-latitudni 55°N,

— imbagħad Lvant għal latitudni 55° N, lonġitudni 5° E,

— imbagħad lejn it-Tramuntana bil-latitudni 56°N,

— u fl-aħħar lejn il-Lvant ta' punt mill-kosta tal-Punent tad-Danimarka bil-latitudni 56°N

3.2. Il-miżuri li ġejjin għandhom japplikaw fl-2008:

(a) Mhux aktar minn 5 % tal-flotta tat-tkarkir bit-travu għal kull Stat Membru għandha titħalla tuża t-tkarkir bl-impuls elettriku;

(b) il-qawwa massima ta' l-elettriku f'kW għal kull xibka tat-tkarkir bit-travu m'għandhiex tkun aktar mit-tul f'metri ta' l-armar immultiplikat b'1,25;

(ċ) il-vultaġġ attwali bejn l-elettrodi m'għandux ikun aktar minn 15V;

(d) Il-bastiment għandu jkun mgħammar b'sistema ta' ġestjoni kompjuterizzata awtomatika li tirreġistra l-qawwa massima użata għal kull armar u l-vultaġġ attwali bejn l-elettrodi għal ta' lanqas l-aħħar 100 ġibda. M'għandux ikun possibli għal persuni mhux awtorizzati biex jimmodifikaw din is-sistema ta' ġestjoni kompjuterizzata awtomatika;

(e) Għandu jkun projbit l-użu ta' tickler chain waħda jew aktar quddiem iz-zappapied.

4. **Għeluq ta' żona għas-sajd taċ-ċiċċirell fiż-żona ICES IV**

4.1. Għandu jkun ipprojbit li jinħatt l-art jew jinżamm abbord sallur maqbud fiż-żona ġeografika kkonfinata mill-kosta tal-Lvant ta' l-Ingilterra u l-Iskozja, u magħluqa bit-tgħaqqid mal-linji ta' rombu tal-pożizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jitkejlu bis-sistema tal-koordinati WGS84:

— il-kosta tal-Lvant ta' l-Ingilterra fil-latitudni 55°30′N,

— il-kosta tal-Lvant ta' l-Ingilterra fil-latitudni 55°30′N, il-latitudni 55° 30′N, il-lonġitudni 1°00′W,

— il-latitudni 58°00′N, il-lonġitudni 1°00′W,

— il-latitudni 58°00′N, il-lonġitudni 2°00′W,

— il-kosta tal-Lvant ta' l-Iskozja fil-lonġitudni 2°00′W.

4.2. Sajd għal skopijiet ta' investigazzjoni xjentifika għandu jitħalla sabiex tiġi mmonitorjata l-istokk taċ-ċiċċirell f'din iż-żona u l-effett ta' l-għeluq.

▼B

5. **Il-kaxxa Rockall Haddock fiz-zona ICES VI**

Is-sajd kollu, għajr dak bil-konzijiet, għandu jiġi pprojbit fiż-żoni magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji rombu tal-pożizzjonijiet segwenti, li għandhom jitkejlu bis-sistema tal-koordinati WGS84:

Punt Nru	Latitudni	Longitudni
1	57°00′N	15°00′W
2	57°00′N	14°00′W
3	56°30′N	14°00′W
4	56°30′N	15°00′W

Madankollu, fil-parti taż-żoni definiti f'dan il-punt li tirkeb fuq iż-żona definita bħala North West Rockall fil-punt 13.1, id-deroga rigward il-konzijiet m'għandhiex tapplika.

6. **Restrizzjonijiet fuq is-sajd għall-merluzz fiż-żoni ices VI u VII**

6.1. *Żona ICES VIa.*

Sal-31 ta' Diċembru 2008, għandha tkun ipprojbita kwalunkwe attività ta' sajd fiż-żoni magħluqa bit-tgħaqqid mal-linji rombu tal-pożizzjonijiet sussegwenti, li għandhom jitkejlu skond is-sistema tal-koordinati WGS84:

59°05′N, 06°45′W

59°30′N, 06°00′W

59°40′N, 05°00′W

60°00′N, 04°00′W

59°30′N, 04°00′W

59°05′N, 06°45′W.

6.2. *Iż-żoni ICES VII f u g*

Mill-1 ta' Frar 2008 sal-31 ta' Marzu 2008, għandha tkun ipprojbita kwalunkwe attività ta' sajd fir-rettangoli ta' l-ICES li ġejjin: 30E4, 31E4, 32E3. Din il-projbizzjoni m'għandhiex tapplika 'l ġewwa minn 6 mili nawtiċi mil-linja bażi.

6.3. *Permezz ta' deroga mill-punti 6.1. u 6.2. għandu jkun permess sajd bl-użu ta' nases u kavetti fiż-żoni u l-perjodi speċifikati, sakemm:*

(i) ebda rkaptu tas-sajd għajr nases u kavetti ma jinġarr abbord, u

(ii) ebda ħut għajr frott tal-baħar u krustaċji ma jinżamm abbord.

6.4. *Permezz ta' deroga mill-punti 6.1 u 6.2, għandu jkun permess sajd fiż-żona msemmija f'dawk il-punti bl-użu ta' xbieki b'malji iżgħar minn 55mm, sakemm:*

(i) ebda xbieki b'malji daqs jew akbar minn 55 mm ma jinġarr abbord, u

(ii) ebda ħut għajr aringi, kavalli, sardin, sardinelli, sawrell, laċċ ikħal, stokkafixx, u arġentini ma jinżamm abbord.

7. **Miżuri ta' konservazzjoni tekniċi fil-Baħar Irlandiż**

7.1. Tul il-perijodu mill-14 ta' Frar 2008 sat-30 ta' April 2007, m'għandux ikun permess l-użu ta' kwalunk xibka demersali, tartarun jew xibka simili li tinġibed, kwalunkwe għażel, parit, xbieki tat-tħabbil jew xbieki statiċi simili jew kwalunkwe rkaptu tas-sajd bis-snanar f'dik il-parti taż-żona ICES VIIa magħluqa kif ġej:

— il-kosta tal-lvant ta' l-Irlanda u l-kosta tal-lvant ta' l-Irlanda ta' Fuq u

— il-kosta tal-lvant ta' l-Irlanda u l-kosta tal-lvant ta' l-Irlanda ta' Fuq u

— punt mill-kosta tal-Lvant tal-peniżola Ards fl-Irlanda ta' Fuq fil-54°30′N,

▼B

— 54° 30_ N, 04° 50_ W,

— 53° 15_ N, 04° 50_ W,

— punt mill-kosta tal-Lvant ta' l-Irlanda fil-53°15′N.

7.2. Permezz ta' deroga mill-punt 8.1, fiż-żona u l-perijodu msemmi fih:

(a) l-użu ta' l-għeżula tat-tkarkir demersali għandu jkun permess sakemm ma jinżamm abbord l-ebda tip ieħor ta' rkaptu tas-sajd u li tali xbieki:

(i) ikollhom malji ta' 70 mm sa 79 mm, jew 80 mm sa 99 mm, u

(ii) ikun ta' wieħed biss mil-limiti ta' qisien il-malji permessi, u

(iii) ma jinkorporaw l-ebda malji individwali, irrispettivament minn fejn tkun fix-xibka b'qies il-malji akbar minn 300 mm, u

(iv) jintużaw biss fiż-żona magħluqa bit-tgħaqid sekwenzjali, b'linji rombu, tal-koordinati ġeografiċi li ġejjin:

53° 30′ N, 05° 30′ W

53° 30′ N, 05° 20′ W

54° 20′ N, 04° 50′ W

54° 30′ N, 05° 10′ W

54° 30′ N, 05° 20′ W

54° 00′ N, 05° 50′ W

54° 00′ N, 06° 10′ W

53° 45′ N, 06° 10′ W

53° 45′ N, 05° 30′ W

53° 30′ N, 05° 30′ W;

(b) l-użu ta' l-għeżula li jisseparaw għandu jkun permess sakemm ma jinżamm abbord ebda tip ieħor ta' rkaptu tas-sajd u li tali xbiek:

(i) jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stipulati fis-subparagrafu (a)(i) sa (iv), u

(ii) jkunu ta' għamla f'konformità mad-dettalji tekniċi msemmija fl-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 254/2002 tat-12 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi miżuri applikabbli fl-2002 għall-irkupru ta' l-istokk tal-merluzz fil-Baħar Irlandiż (iż-żona ICES VIIa) ([1]) [traduzzjoni mhux uffiċjali].

Barra minn hekk, għeżula li jisseparaw jistgħu jintużaw ukoll fiż-żona magħluqa bit-tgħaqid sekwenzjali, b'linji rombu, tal-koordinati li ġejjin:

53° 45′ N, 06° 00′ W

53° 45′ N, 05° 30′ W

53° 30′ N, 05° 30′ W

53° 30′ N, 06° 00′ W

53° 45′ N, 06° 00′ W.

7.3. Il-miżuri tekniċi ta' konservazzjoni msemmija fl-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 254/2002 għandhom japplikaw.

8. **L-użu ta' l-għeżula u xbiek tat-tħabbil**

8.1. Għall-finijiet ta' dan il-punt, għeżula u xbieki tat-tħabbil ifissru rkaptu magħmul minn xibka f'biċċa waħda li jinżamm wieqaf fl-ilma. Huma jaqbdu riżorsi akkwatiċi ħajjin billi dawn jiġu gilled, jitħabblu jew jeħlu fix-xbieki.

8.2. Għall-finijiet ta' dan il-punt, parit ifisser irkaptu magħmul minn żewġt ixbieki jew aktar imdendla flimkien parallelament ma' lett wieħed u miżmuma weqfin fl-ilma.

([1]) ĠU L 41, 13.2.2002, p. 1.

▼B

8.3. Bastimenti tal-Komunità m'għandhomx jużaw għeżula, xbieki tat-tħabbil u pariti fi kwalunkwe pożizzjoni li l-fond tagħha fuq il-mappa huwa aktar minn 200 metru fiż-żoni IIIa, IVa, Vb, VIa, VIb, VII b, c, j, k, u XII fil-Lvant ta' 27° W.

8.4. Permezz ta' deroga mill-punt 8.3 għandu jkun permess l-użu ta' l-irkaptu li ġej:

(a) Għeżula b'qies il-malji daqs jew akbar minn 120 mm u anqas minn 150 mm, sakemm ma jintużawx f'ilmijiet ta' anqas minn 600 metru fond muri fuq il-mappa, ikunu ta' mhux aktar minn 100 malja fond, għandhom proporzjon tad-dendil ta' mhux anqas minn 0,5, u huma armati b'sufruni jew oġġetti oħra li jżommuhom fil-wiċċ. Kull rimja għandha tkun ta' massimu 5 mili nawtiċi fit-tul, u t-tul totali tar-rimjiet kollha użati f'waqt wieħed m'għandux jaqbeż il-25 km għal kull bastiment. Il-ħin massimu fl-ilma għandu jkun ta' 24 siegħa; jew

(b) Xbieki tat-tħabbil b'qies il-malji daqs jew akbar minn 250 mm, sakemm ma jintużawx f'ilmijiet ta' anqas minn 600 metru fond muri fuq il-mappa, ikunu ta' mhux aktar minn 15-il malji fond, għandhom proporzjon tad-dendil ta' mhux anqas minn 0.33, u m'humiex armati b'sufruni jew oġġetti oħra li jżommuhom fil-wiċċ. Kull rimja għandha tkun ta' massimu 10km fit-tul. It-tul totali tar-rimjiet kollha użati f'waqt wieħed m'għandux jaqbeż il-100 km għal kull bastiment. Il-ħin massimu fl-ilma għandu jkun ta' 72 siegħa.

Madankollu, din id-deroga m'għandhiex tapplika fiż-żona Regolatorja tan-NEAFC.

8.5. Wieħed biss mit-tipi ta' l-irkaptu deskritti fil-punti 8.4.a u 8.4. b għandhom jinġarru abbord il-bastiment fl-istess waqt. Biex il-bdil ta' l-irkaptu li jġarrab ħsara jew jintilef ikun possibli, il-bastimenti jistgħu jġorru abbord xbieki b'tul totali ta' 20 % aktar mit-tul massimu tar-rimjiet li jistgħu jintużaw fl-istess waqt. L-irkaptu kollu għandu jkun immarkat skond ir-Regolament (KE) Nru 356/2005 ([1]).

8.6. Il-bastimenti kollha li jużaw għeżula jew xbieki tat-tħabbil fi kwalunkwe pożizzjoni fejn il-fond skond il-mappa huwa aktar minn 200 metru fiż-żoni ta' l-ICES IIIa, IVa, Vb, VIa, VIb, VII b, c, j, k, VIII, IX, X u XII fil-Lvant ta' 27° W, għandu jkollhom permess tas-sajd speċjali għax-xbieki fissi maħruġ mill-Istat Membru tal-bandiera.

8.7. Il-kaptan ta' bastiment bil-permess tax-xibka fissa msemmi fil-punt 8.6 għandu jirreġistra fil-ġurnal ta' abbord l-ammont u t-tulijiet ta' l-irkaptu mġarr mill-bastiment qabel ma jitlaq il-port u meta jidħol lura fil-port, u għandu jqis kwalunkwe diskrepanzi bejn iż-żewġ kwantitajiet.

8.8. Is-servizzi navali jew awtoritajiet kompetenti oħra għandu jkollhom id-dritt li jneħħu mill-baħar irkaptu mitluq waħdu fiż-żoni ta' l-ICES IIIa, IVa, Vb, VIa, VIb, VII b, c, j, k, u XII fil-Lvant ta' 27° W fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-irkaptu ma jkunx immarkat kif xieraq;

(b) il-marki tal-bagi jew id-data tal-VMS tindika li s-sid ma kienx jinsab f'distanza ta' anqas minn 100 mil nawtiku mill-irkaptu għal aktar minn 120 siegħa;

(ċ) l-irkaptu jintuża f'ilmijiet b'fond, skond il-mappa, aktar minn dawk permessi;

(d) l-irkaptu huwa b'malji ta' qies illegali.

8.9. Il-kaptan ta' bastiment b'permess għas-sajd bix-xbieki fiss msemmi fil-punt 8.6 għandu jkun jirreġistra fil-ġurnal ta' abbord matul kull vjaġġ tas-sajd:

— il-qies tal-malji tax-xibka kalata,

— it-tul nominali ta' xibka waħda,

— l-għadd ta' xbieki fir-rimja,

— l-għadd totali ta' rimjiet kalati,

— il-pożizzjoni ta' kull rimja kalata,

([1]) ĠU L 56, 2.3.2005, p. 8.

▼B

— il-fond ta' kull rimja kalata,

— il-ħin fl-ilma għal kull rimja kalata,

— il-kwantità ta' rkaptu mitluf, l-aħħar pożizzjoni magħrufa tiegħu u d-data tat-telfa.

8.10. Bastimenti li jistadu bil-permess għax-xbieki fiss, kif jissemma' fil-punt 8.6 għandhom jitħallew iħottu l-art fil-portijiet magħżula mill-Istati Membri biss skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2347/2002.

8.11. Il-kwantità ta' klieb il-baħar (sharks) miżmuma abbord minn kwalunkwe bastiment li juża t-tip ta' l-irkaptu deskritt fil-punt 8.4.b, m'għandhiex tkun aktar minn 5 % piż ħaj tal-kwantità totali ta' l-organiżmi marittimi miżmuma abbord.

9. **Tnaqqis tar-rimi tal-merlangu fil-baħar tat-tramuntana**

9.1. Fil-Baħar tat-Tramuntana, l-Istati Membri għandhom iwettqu fl-2008 provi u esperimenti kif neċessarju fuq adatazzjonijiet tekniċi ta' l-irmonki, it-tartaruni Daniżi jew irkaptu simili bid-daqs tal-malja ugwali għal jew ikbar minn 80mm u inqas minn 90mm sabiex jitnaqqas ir-rimi tal-merlangu b'mill-inqas 30 %.

9.2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu r-riżultati tal-provi u ta' l-esperimenti li jinsabu fil-punt 9.1 disponibbli lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Awissu 2008.

9.3. Il-Kunsill għandu, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, jiddeċiedi dwar adattazzjonijiet tekniċi xierqa biex jitnaqqas ir-rimi tal-merlangu f'konformità ma' l-objettivi li jinsabu fil-punt 9.1.

▼M4

9a. **Tnaqqis tar-rimi tal-merluzz fil-baħar tat-Tramuntana**

1. L-Istati Membri li għandhom kwota tal-merluzz għandhom iwettqu provi matul l-2008, għall-irkaptu rmunkat sabiex jitnaqqas il-proporzjon, fl-għadd tal-qabda ta' merluzz li jintremew għal 10 % jew inqas.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu r-riżultati tal-provi previsti fil-punt 9a.1 disponibbli lill-Kummissjoni qabel il-31 ta' Diċembru 2008.

▼C1

10. **Kondizzjoni għas-sajd b'ċertu rkaptu rmunkat awtorizzat fil-Bajja ta' Biscay, fiż-zoni ICES III, IV, V, VI, VII u VIII a, b, d, e**

▼B

10.1 B'deroga mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 494/2002 tad-19 ta' Marzu 2002 li jistabbilixxi miżuri tekniċi addizzjonali għall-irkupru ta' l-istokkijiet ta' marlozz fis-subżoni ICES III, IV, V, VI u VII u ż-żoni ICES VIII a, b, d, e ([1]), għandu jkun permess li ssir attività tas-sajd bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u rkaptu simili, ħlief għal xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' 70 sa 99 mm fiż-żona definita fl-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 494/2002 jekk l-irkaptu huwa mgħammar b'tieqa tal-malji kwadri skond l-Appendiċi 3 ta' dan l-Anness.

10.2 Meta jsir is-sajd fiż-żona VIII a u b għandu jkun permess l-użu ta' grid selettiv u dak li jiġi konness miegħu quddiem il-manka u/jew pannell ta' malji kwadri b'daqs tal-malji ugwali għal jew iktar minn 60mm fil-parti ta' taħt tal-biċċa ta' estensjoni quddiem il-manka. Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikoli 4(1), 6 u 9(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 u fl-Artikolu 3(a) u (b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 494/2002 m'għandhomx japplikaw fir-rigward tas-sezzjoni ta' l-irmonk fejn dawk l-inġenji selettivi huma inseriti.

11. **Restrizzjonijiet fuq is-sajd għar-Roundnose grenadier fiż-żona IIIa ta' l-ICES**

Minkejja r-Regolament tal-Kunsill 2015/2006 li jistabbilixxi għall-2007 u l-2008, l-opportunitajiet ta' sajd għall-bastimenti tas-sajd Komunitarji għal ċerti stokkijiet tal-ħut tal-baħar fond ([2]), l-ebda sajd speċifiku għar-Roundnose grenadier m'għandu jsir fiż-żona IIIa ta' l-ICES sakemm

([1]) ĠU L 77, 20.3.2002, p. 8.
([2]) ĠU L 384, 29.12.2006, p. 28.

▼B

jintemmu l-konsultazzjonijiet bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja kmieni fl-2008.

12. **Sforz tas-sajd għal speċi tal-baħar fond**

Permezz ta' deroga mir-Regolament (KE) Nru 2347/2002, dan li ġej għandu japplika għall-2008:

12.1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-attivitajiet li jwasslu għal qabdiet u żamma abbord ta' aktar minn 10 tunnellati kull sena kalendarja ta' speċijiet tal-baħar fond u ta' ħalibatt tal-Groenlandja minn bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom u li huma rreġistrati fit-territorju tagħhom għandhom ikunu suġġetti għal permess tas-sajd tal-baħar fond.

12.2. Madankollu l-qbid u ż-żamma abbord, it-trasbord u l-ħatt l-art ta' kull kwantità komplessiva ta' speċijiet tal-baħar fond u ta' ħalibatt tal-Groenlandja li taqbeż 100 kg f'kull vjaġġ fuq il-baħar għandu jkun ipprojbit, sakemm il-bastiment rilevanti ma jkollux permess tal-baħar fond.

13. **Miżuri interim għall-ħarsien ta' ħabitats vulnerabbli tal-baħar fond**

13.1 Għandu jkun ipprojbit it-tkarkir u s-sajd b'irkaptu statiku, inklużi għeżula u konzijiet immażrati fil-qiegħ, f'żoni ddelinjati mit-tgħaqqid f'sekwenza tal-linji rombu tal-pożizzjonijiet sussegwenti, li għandhom jitkejlu skond is-sistema tal-koordinati WGS84:

Il-Hecate Seamounts:

— 52° 21.2866′ N, 31° 09.2688′ W

— 52° 20,8167′ N, 30° 51,5258′ W

— 52° 12,0777′ N, 30° 54,3824′ W

— 52° 12,4144′ N, 31° 14,8168′ W

— 52° 21.2866′ N, 31° 09.2688′ W

Il-Faraday Seamounts:

— 50° 01.7968′ N, 29° 37.8077′ W

— 49° 59,1490′ N, 29° 29,4580′ W

— 49° 52,6429′ N, 29° 30,2820′ W

— 49° 44.3831′ N, 29° 02.8711′ W

— 49° 44,4186′ N, 28° 52,4340′ W

— 49° 36,4557′ N, 28° 39,4703′ W

— 49° 29,9701′ N, 28° 45,0183′ W

— 49° 49,4197′ N, 29° 42,0923′ W

— 50° 01.7968′ N, 29° 37.8077′ W

Parti mir-Reykjanes Ridge:

— 55° 04.5327′ N, 36° 49.0135′ W

— 55° 05.4804′ N, 35° 58.9784′ W

— 54° 58,9914′ N, 34° 41,3634′ W

— 54° 41.1841′ N, 34° 00.0514′ W

— 54° 00.0′N, 34° 00.0′ W

— 53° 54,6406′ N, 34° 49,9842′ W

— 53° 58,9668′ N, 36° 39,1260′ W

— 55° 04.5327′ N, 36° 49.0135′ W

L-Altair Seamounts:

— 44° 50,4953′ N, 34° 26,9128′ W

— 44° 47,2611′ N, 33° 48,5158′ W

— 44° 31,2006′ N, 33° 50,1636′ W

▼B

— 44° 38,0481′ N, 34° 11,9715′ W

— 44° 38,9470′ N, 34° 27,6819′ W

— 44° 50,4953′ N, 34° 26,9128′ W

L-Antialtair Seamounts:

— 43° 43,1307′ N, 22° 44,1174′ W

— 43° 39,5557′ N, 22° 19,2335′ W

— 43° 31.2802′ N, 22° 08.7964′ W

— 43° 27,7335′ N, 22° 14,6192′ W

— 43° 30,9616′ N, 22° 32,0325′ W

— 43° 40,6286′ N, 22° 47,0288′ W

— 43° 43,1307′ N, 22° 44,1174′ W

▼M4

Hatton Bank:

— 59° 26′ N, 14° 30′ W

— 59° 12′ N, 15° 08′ W

— 59° 01′ N, 17° 00′ W

— 58° 50′ N, 17° 38′ W

— 58° 30′ N, 17° 52′ W

— 58° 30′ N, 18° 22′ W

— 58° 03′ N, 18° 22′ W

— 58° 03′ N, 17° 30′ W

— 57° 55′ N, 17° 30′ W

— 57° 45′ N, 19° 15′ W

— 58° 30′ N, 18° 45′ W

— 58° 47′ N, 18° 37′ W

— 59° 05′ N, 17° 32′ W

— 59° 16′ N, 17° 20′ W

— 59° 22′ N, 16° 50′ W

— 59° 21′ N, 15° 40′ W

▼B

North West Rockall:

— 57° 00′ N, 14° 53′ W

— 57° 37′ N, 14° 42′ W

— 57° 55′ N, 14° 24′ W

— 58° 15′ N, 13° 50′ W

— 57° 57′ N, 13° 09′ W

— 57° 50′ N, 13° 14′ W

— 57° 57′ N, 13° 45′ W

— 57° 49′ N, 14° 06′ W

— 57° 29′ N, 14° 19′ W

— 57° 22′ N, 14° 19′ W

— 57° 00′ N, 14° 34′ W

— 56° 56′ N, 14° 36′ W

— 56° 56′ N, 14° 51′ W

▼B

South-West Rockall (Empress of Britain Bank)

— 56° 24′ N, 15° 37′ W

— 56° 21′ N, 14° 58′ W

— 56° 04′ N, 15° 10′ W

— 55° 51′ N, 15° 37′ W

— 56° 10′ N, 15° 52′ W

Logachev Mound:

— 55°17′N, 16°10′W

— 55°33′N, 16°16′W

— 55°50′N, 15°15′W

— 55°58′N, 15°05′W

— 55°54′N, 14°55′W

— 55°45′N, 15°12′W

— 55°34′N, 15°07′W

West Rockall Mound:

— 57° 20′ N, 16° 30′ W

— 57° 05′ N, 15° 58′ W

— 56° 21′ N, 17° 17′ W

— 56° 40′ N, 17° 50′ W

13.2. Għandu jkun ipprojbit it-tkarkir u s-sajd b'irkaptu statiku, inklużi għeżula u konzijiet immażrati fil-qiegħ, f'żoni ddelinjati mit-tgħaqqid f'sekwenza tal-linji rombu tal-pożizzjonijiet sussegwenti, li għandhom jitkejlu skond is-sistema tal-koordinati WGS84:

Il-Provinċja tal-Belgica Mound:

— 51° 29,4′ N; 11° 51,6′ W

— 51° 32,4′ N; 11° 41,4′ W

— 51° 15,6′ N; 11° 33′ W

— 51° 13,8′ N; 11° 44,4′ W

Il-Provinċja tal-Hovland Mound:

— 52° 16,2′ N; 13° 12,6′ W

— 52° 24′ N; 12° 58,2′ W

— 52° 16,8′ N; 12° 54′ W

— 52° 16,8′ N; 12° 29,4′ W

— 52° 4,2′ N; 12° 29,4′ W

— 52° 4,2′ N; 12° 52,8′ W

— 52° 9′ N; 12° 56,4′ W

— 52° 9′ N; 13° 10,8′ W

North-West Porcupine Bank Żona I

— 53° 30,6′ N; 14° 32,4′ W

— 53° 35,4′ N; 14° 27,6′ W

— 53° 40,8′ N; 14° 15,6′ W

— 53° 34,2′ N; 14° 11,4′ W

— 53° 31,8′ N; 14° 14,4′ W

— 53° 24′ N; 14° 28,8′ W

▼B

North-West Porcupine Bank Żona II

— 53° 43,2′ N; 14° 10,8′ W

— 53° 51,6′ N; 13° 53,4′ W

— 53° 45,6′ N; 13° 49,8′ W

— 53° 36,6′ N; 14° 7,2′ W

South-West Porcupine Bank:

— 51° 54,6′ N; 15° 7,2′ W

— 51° 54,6′ N; 14° 55,2′ W

— 51° 42′ N; 14° 55,2′ W

— 51° 42′ N; 15° 10,2′ W

— 51° 49,2′ N; 15° 6′ W

13.3 Il-Bastimenti Pelaġiċi kollha li jistadu fiż-żoni protetti għal koralli li jinsabu fil-punt 13.2 għandhom ikunu fuq lista ta' bastimenti awtorizzati u jkunu maħruġa b'permess tas-sajd speċjali li għandu jinżamm abbord. Tali permessi għandhom jinkludu l-informazzjoni kollha meħtieġa mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94 li jippreskrivi dispożizzjonijiet ġenerali dwar permessi speċjali tas-sajd ([1]), u għandhom jiġu notifikati f'konformità mar-regoli definiti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2943/95 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94 ([2]). Il-bastimenti inklużi fil-lista awtorizzata għandhom iġorru abbord irkaptu esklussivament pelaġiku.

13.4. Il-bastimenti pelaġiċi li bi ħsiebhom jistadu f'żona protetta għal koralli li tinsab fil-punt 13.2 għandhom jagħtu notifikazzjoni minn qabel ta' erba' sigħat dwar ir-rieda tagħhom li jidħlu f'żona protetta għal koralli lill-FMC Irlandiża. Fl-istess waqt għandhom jinnotifikaw il-kwantitajiet li għandhom abbord.

13.5. Il-bastimenti pelaġiċi f'żona protetta għal koralli li tinsab fil-punt 13.2 irid ikollhom VMS operazzjonali, li jaħdem kompletament u li huwa sigur, li jikkonforma kompletament mar-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru 2244/2003 meta jkunu f'żona protetta għal koralli.

13.6. Il-bastimenti pelaġiċi li jistadu f'żona protetta għal koralli li tinsab fil-punt 13.2 għandhom jagħmlu rapporti bil-VMS kull siegħa.

13.7. Il-bastimenti pelaġiċi li jkunu temmew is-sajd f'żona protetta għal koralli li tinsab fil-punt 13.2 għandhom jinfurmaw lill-FMC Irlandiża hekk kif jitilqu ż-żona. Fl-istess waqt għandhom jinnotifikaw il-kwantitajiet li għandhom abbord.

13.8. Is-sajd għal speċijiet pelaġiċi f'żona protetta għal koralli li tinsab fil-punt 13.2 huwa ristrett għal li wieħed ikollu abbord jew jistad bi xbieki b'daqs tal-malja li jkun bejn 16-il mm u 31 mm jew 32mm sa 54 mm.

14. **Daqs Minimu għal Gandoffli Short-Necked**

B'deroga mill-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 850/98, id-daqs minimu tal-gandoffli short-necked (Ruditapes philippinarum) għandu jkun ta' 35 mm.

PARTI B

L-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant

15. **Daqs minimu għall-qarnit**

Id-daqs minimu għall-qarnit (Octopus vulgaris) fl-ilmijiet marittimi taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi li jinsab fir-reġjun tas-CECAF (FAO Fishery Committee for the Eastern Central Atlantic) għandu jkun ta' 450 g (imnaddaf). Qarnit iżgħar minn dan id-daqs minimu ta' 450 g (imnaddaf) m'għandux jinżamm abbord jew jiġi ttras-

([1]) Ġ.U. L 171; 6.7.1994, p. 7
([2]) Ġ.U. L 308; 21.12.1995, p. 15

▼B

bordat, jinħatt l-art, jiġi ttrasportat, jinħażen, jintwera jew offrut għall-bejgħ, imma għandu jintefa' lura l-baħar immedjatament.

16. **Kondizzjonijiet għal ċerti attivitajiet ta' sajd bil-kavetti fiż-żona IXa (Galicia tal-Punent)**

B'deroga mill-projbizzjoni li hemm fl-Artikolu 29b(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98, is-sajd bil-kavetti li ma jaqbadx l-awwista Norveġiża għandu jkun awtorizzat fiż-żoni ġeografiċi u matul il-perijodi li jinsabu fl-Artikolu 29b(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 850/98.

17. **Kondizzjonijiet għas-sajd għall-aringi fiż-żona VIa (Butt of Lewis)**

Id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 20(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 m'għandhomx japplikaw fl-2008.

PARTI Ċ

Il-Lvant ta' l-Oċean Paċifiku

18. **Purse seines fiż-żona Regolatorja tal- Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC)**

18.1. Is-sajd mill-bastimenti tal-purse seine għat-tonn tal-pinen sofor (Thunnus albacares), it-tonn t'għajnu kbira (Thunnus obesus) u l-palamit (Katsuwonus pelamis) għandu jkun ipprojbit jew, mill-1 ta' Awwissu sal-11 ta' Settembru 2008, jew, mill-20 ta' Novembru sal-31 ta' Diċembru 2008 fiż-żona ddefinita mil-limiti li ġejjin:

— il-linji tal-kosti tal-Paċifiku ta' l-Ameriki,

— il-longitudni 150° W,

— il-latitudni 40° N,

— il-latitudni 40° S.

18.2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-perijodu ta' għeluq magħżul qabel l-1 ta' Lulju 2008. Il-bastimenti tal-purse seine kollha ta' l-Istati Membri kkonċernati għandhom jieqfu mis-sajd bil-purse seine tul il-perijodu magħżul.

18.3. Fir-rigward tad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament is-sajjieda bil-purse seine għat-tonn fiż-Żona Regolatorja ta' l-IATTC għandhom iżommu abbord u mbagħad iħottu l-art it-tonn t'għajnu kbira, il-palamit u t-tonn tal-pinen sofor maqbud kollu, ħlief għal ħut ikkunsidrat mhux tajjeb għall-konsum tal-bniedem jew għal raġunijiet għajr dawk ta' daqs. Eċċezzjoni unika għandu jkun l-aħħar tefgħa ta' xibka ta' vjaġġ, meta jista' ma jkunx baqa' spazju biżżejjed fejn jitqiegħed it-tonn kollu maqbud f'dik it-tefgħa.

PARTI D

Il-Lvant ta' l-Oċean Paċifiku u l-Punent u ċ-Ċentru ta' l-Oċean Paċifiku

19. **Miżuri speċjali għal-Lvant, il-Punent u ċ-Ċentru ta' l- Oċean Paċifiku**

Fil-Lvant, il-Punent u ċ-Ċentru ta' l-Oċean Paċifiku, bastimenti li jistadu bil-purse seines għandhom jeħilsu fil-pront, mingħajr ma jagħmlulhom ħsara, sa fejn jista' jkun, il-fkieren kollha tal-baħar, il-klieb il-baħar, ħut bil-munqar twil, raj, lampuki u speċijiet oħra li mhux fil-mira. Is-sajjieda għandhom jitħeġġu li jiżviluppaw u jużaw tekniki u tagħmir biex jiffaċilitaw ir-rilaxx b'ħeffa u bla ħsara ta' tali annimali.

20. **Miżuri speċifiċi applikabbli għal fkieren imdawwra bix-xbieki jew imħabbla fihom**

Fil-Lvant, il-Punent u ċ-Ċentru ta' l-Oċean Paċifiku għandhom japplikaw il-miżuri speċifiċi li ġejjin:

(a) kull meta titfaċċa fekruna tal-baħar fix-xbieki, għandhom isiru l-isforzi kollha raġonevoli biex tiġi salvata l-fekruna qabel ma titħabbel fix-xbieki, inkluż, jekk meħtieġ, l-użu ta' speedboat;

▼B

(b) jekk fekruna titħabbel fix-xbiek, it-tkebbib tax-xibka għandu jieqaf hekk kif il-fekruna toħroġ mill-ilma u m'għandux jerġa' jibda qabel il-fekruna tkun inħelset u rilaxxata;

(ċ) jekk fekruna tittella' abbord bastiment, il-miżuri kollha xierqa biex jgħinu l-fekruna tirkupra għandhom jittieħdu qabel ma titreġġa' lura fl-ilma;

(d) bastimenti tas-sajd tat-tonn għandhom ikunu pprojbiti milli jarmu xkejjer tal-melħ jew xi tip ieħor ta' skart tal-plastik il-baħar;

(e) ir-rilaxx, meta jkun prattikabbli, ta' fkieren tal-baħar imħabbla f'irkaptu biex jinġema' l-ħut (FADs) u rkaptu tas-sajd ieħor huwa mħeġġeġ;

(f) l-irkupru ta' FADs li ma jkunux qed jintużaw fis-sajd huwa wkoll imħeġġeġ.

PARTI E

Il-Grigal ta' l-Atlantiku

21. **Miżuri speċjali għas-sajd tar-redfish f'ilmijiet internazzjonali fiż-żoni I u II ta' l-ICES**

Il-miżuri li ġejjin għandhom japplikaw għas-sajd għar-redfish (Sebastes mentella) fl-ilmijiet internazzjonali fiż-żoni I u II ta' l-ICES:

(a) Sajd direzzjonat għar-redfish huwa permess biss fil-perijodu 1 ta' Settembru sal-15 ta' Novembru 2008 minn bastimenti li preċedentement kienu użati fis-sajd għar-redfish fiż-Żona Regolatorja tan-NEAFC;

(b) Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar id-data li fiha s-Segretarju tan-NEAFC ikun innotifika lill-Partijiet Kontraenti tan-NEAFC li t-TAC ikun ġie eżawrit. Minn din id-data l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu s-sajd dirett għar-redfish minn bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom;

(ċ) B'deroga mill-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2791/1999 tas-16 ta' Diċembru 1999 li li jippreskrivi ċerti miżuri ta' kontroll applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-KOoperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fil-Grigal ta' l-Atlantiku [1] l-kaptani tal-bastimetni tas-sajd involuti fis-sajd għandhom jirrapportaw il-qabdiet tagħhom fuq bażi ta' kuljum;

(d) Barra mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2791/1999, awtorizzazzjoni biex wieħed jistad għar-redfish għandha tkun valida biss jekk ir-rapporti jkunu trasmessi minn bastimenti skond l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 2791/1999 u jiġu mgħoddija lis-Segretarju tan-NEAFC skond l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 2791/1999.

(e) Il-bastimenti għandhom jillimitaw il-qabdiet inċidentali tagħhom tar-redfish f'sajdiet oħrajn għal massimu ta' 1 % tal-qabda totali miżmuma abbord.

(f) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni xjentifika tinġabar minn osservaturi xjentifiċi abbord il-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom. Bħala minimu l-informazzjoni miġbura għandha tinkludi data kompożitorja dwar is-sess, l-età u t-tul rappreżentattivi skond il-fond. Din l-informazzjoni għandha tiġi rapportata lill-ICES.

[1] ĠU L 337, 30.12.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) nru 770/2004 (ĠU L 123, 27.4.2004, p. 4).

▼B

Appendiċi 1 għall-Anness III

IRKAPTU IMKAXKAR: Skagerrak u l-Kattegat

Limiti ta' qisien tal-malji, speċijiet mistada direttament u perċentwali ta' qbid meħtieġa applikabbli għall-użu ta' limiti ta' qisien tal-malji singoli

Speċijiet	Il medda ta' daqsijiet tal-malji tax-xbieki (mm)							
	<16	16-31		32-69		35-69	70-89 (5)	≥90
	Perċentwali minima ta' speċi indikati							
	50 % (6)	50 % (6)	20 % (6)	50 % (6)	20 % (6)	20 % (7)	30 % (8)	l-ebda obbligu
Sallura *(Ammodytidae)* (3)	x	x	x	x	x	x	x	x
Sallura *(Ammodytidae)* (4)		x		x	x	x	x	x
Norway pout *(Trisopterus esmarkii)*		x		x	x	x	x	x
Stokkafixx *(Micromesistius poutassou)*		x		x	x	x	x	x
Sawt kbir *(Trachinus draco)* (1)		x		x	x	x	x	x
Molluski (għajr *Sepia*) (1)		x		x	x	x	x	x
Imsell *(Belone belone)* (1)		x		x	x	x	x	x
Gallina griża *(Eutrigla gurnardus)* (1)		x		x	x	x	x	x
Arġentina *(Argentina spp.)*				x	x	x	x	x
Laċċa kaħla *(Sprattus sprattus)*		x			x			x
Sallura *(Anguilla, anguilla)*			x	x	x	x	x	x
Gambli komuni/gambli tal-Baltiku (*Crangon* spp., *Palaemon adspersus*) (2)			x	x	x	x	x	x
Kavalli *(Scomber spp.)*			x				x	x
Sawrell *(Trachurus spp.)*			x				x	x
Aringi *(Clupea harengus)*			x				x	x
Gambli tat-Tramuntana *(Pandalus borealis)*						x	x	x
Gambli komuni/gambli tal-Baltiku (*Crangon* spp., *Palaemon adspersus*) (1)					x		x	x
Merlangu *(Merlangius merlangus)*							x	x
Awwista tan-Norveġja *(Nephrops norvegicus)*							x	x
L-organiżmi tal-baħar l-oħra kollha								x

(1) Erba' mili 'l ġewwa mil-linji bażi biss.
(2) Minn erba' mili 'l barra mil-linji bażi biss.
(3) Mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Ottubru fi Skagerrak u mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Lulju fil-Kattegat.
(4) Mill-1 ta' Novembru sa l-aħħar jum ta' Frar fi Skagerrak u mill-1 ta' Awwissu sa l-aħħar jum ta' Frar fil-Kattegat.
(5) Fl-applikazzjoni ta' din il-medda ta' qisien ta' malji l-manka għandha tkun magħmula minn xibka kwadra bi gradilja selettiva skond l-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness.
(6) Il-qbid miżmum abbord m'għandux jikkonsisti f'aktar minn 10 % ta' kwalunkwe taħlita ta' merluzz, haddock, marlozz, barbun tat-tbajja', witch flounder, lemon sole, lingwata, barbun imperjali, partun, barbun ta' l-għajn, kavalli, lingwata lixxa, merlangu, dab, pollakkju, awwista tan-Norveġja u awwista.
(7) Il-qbid miżmum abbord m'għandux jikkonsisti f'aktar minn 50 % ta' kwalunkwe taħlita ta' merluzz, haddock, marlozz, barbun tat-tbajja', witch flounder, lemon sole, lingwata, barbun imperjali, partun, barbun ta' l-għajn, kavalli, lingwata lixxa, merlangu, dab, pollakkju, awwista tan-Norveġja u awwista.
(8) Il-qbid miżmum abbord m'għandux jikkonsisti f'aktar minn 60 % ta' kwalunkwe taħlita ta' merluzz, haddock, marlozz, barbun tat-tbajja', witch flounder, lemon sole, lingwata, barbun imperjali, partun, barbun ta' l-għajn, kavalli, lingwata lixxa, merlangu, dab, pollakkju, awwista tan-Norveġja u awwista

▼B

Appendiċi 2 għall-Anness III

Speċifikazzjonijiet għall-Gradilja selettiva għas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir ta' 70 mm

(a) Il-gradilja (selettiva) tat-tagħżil ta' l-ispeċi għandha tiġi mqiegħda fi xbiek tat-tkarkir ta' manka kwadru għal kollox b'qies ta' malji daqs jew akbar minn 70 mm u iżgħar minn 90 mm. Il-tul minimu tal-manka għandu jkun 8 m. It shall be prohibited to use any trawl having more than 100 square meshes in any circumference of the codend, excluding the joining or the selvedges.

(b) Il-gradilja għandha tkun rettangolari. Il-vireg tal-gradilja għandhom ikunu paralleli ma' l-assi weqfin tal-gradilja. L-ispazju bejn il-vireg m'għandux jaqbeż il-35 mm. Għandu jkun permess l-użu ta' ċappetta waħda jew aktar biex jiġi ffaċilitat il-ħżin tagħha fuq il-kapstan tax-xbiek.

(ċ) Il-gradilja għandha tiġi mmuntata b'mod djagonali fix-xbieki tat-tkarkir, 'il fuq u lura, kullimkien minn eżatt quddiem il-manka sat-tarf ta' ġewwa tal-parti li ma tidjieqx. Il-ġnub kollha tal-gradilja għandhom ikunu mwaħħla max-xbieki tat-tkarkir.

(d) Fil-parti ta' fuq tax-xbieki tat-tkarkir għandu jkun hemm ħruġ mhux imblukkat għall-ħut imqabbad immedjatament man-naħa ta' fuq tal-gradilja. Il-fetħa tal-ħruġ għall-ħut għandu jkollha l-istess wisa' fuq il-ġenb ta' wara daqs il-wisa' tal-gradilja u għandha tinqata' għal tarf fid-direzzjoni ta' ġewwa tul il-vireg tax-xibka miż-żewġ naħat tal-gradilja.

(e) Għandu jkun permess it-twaħħil ta' għamla ta' lenbut li jidderieġi l-ħut lejn qiegħ ix-xbieki tat-tkarkir u l-gradilja. Il-qies minimu tal-malji tal-lenbut għandu jkun 70 mm. Il-fetħa vertikali minima tal-lenbut ta' gwida lejn il-gradilja għandha tkun 15 cm. Il-wisa' tal-lenbut ta' gwida lejn il-gradilja għandha tkun il-wisa' tal-gradilja.



Illustrazzjoni skematika ta' xbieki tat-tkarkir li jissepara l-ħut skond l-ispeċi u d-daqs. Il-ħut li jidħol jiġi dirett lejn il-qiegħ tax-xbieki tat-tkarkir u l-gradilja permezz ta' għamla ta' lenbut li jiddereġih. Ħut akbar imbagħad jiġi dirett 'il barra mix-xbieki tat-tkarkir mill-gradilja filwaqt li ħut iżgħar u l-awwist tan-Norveġja jgħaddu mill-gradilja u jidħlu fil-manka. Il-manka kollha b'malji kwadra tgħin il-ħarba ta' ħut żgħir u awwist tan-Norveġja żgħir wisq.

▼B

Appendiċi 3 għall-Anness III

▼C1

Kondizzjoni għal sajd b'ċerti rkapti tat-tkarkir awtorizzati fil-Bajja ta' Biscay, fiż-żoni III, IV, V, VI, VII u VIII a, b, d, e ta' l-ICES

▼B

(a) Speċifikazzjonijiet tat-tieqa ta' fuq b'malji kwadri

Speċifikazzjonijiet ta' tieqa b'malji kwadra ta' 100mm, imkejla bħala ftuħ 'il ġewwa fil-parti l-warranija li tidjieq tax-xbiek tat-tkarkir, f'tartarun Daniż jew irkaptu simili b'qies il-malji daqs jew akbar minn 70mm u iżgħar minn 100mm.

It-tieqa għandha tkun taqsima rettangolari ta' xibka. Għandu jkun hemm tieqa waħda biss. It-tieqa m'għandha tkun imblukkata bl-ebda mod b'oġġetti miżjuda sew minn ġewwa u sew minn barra.

(b) Pożizzjoni tat-tieqa

It-tieqa għandha tiddaħħal fin-nofs tal-parti ta' fuq tat-taqsima li tidjieq ta' wara tax-xbiek quddiem it-taqsima li ma tidjieqx magħmula mill-parti ta' l-estensjoni u l-manka.

It-tieqa tispiċċa mhux aktar minn 12-il malja mir-ringiela ta' malji mmaljati bl-idejn bejn il-biċċa estensjoni u l-parti warranija li tidjieq tax-xbiek tat-tkarkir.

(ċ) Daqs tat-tieqa

It-tul u l-wisa' tat-tieqa għandhom ikunu minn ta' l-inqas 2 m u minn ta' l-inqas 1 m rispettivament.

(d) Xbieki tat-tieqa

Il-malji għandu jkollhom ftuħ minimu tal-malja ta' 100 mm. Il-malji ser ikunu malji kwadri, jiġifieri l-erba' naħat tal-malji tat-tieqa għandhom ikunu maqtugħin għall-vireg kollha.

Ix-xibka għandha tkun immontata b'mod li l-vireg ikunu paralleli u perpendikulari għall-assi longitudinali tal-manka.

Ix-xibka għandha tkun ta' ħjut singoli. Il-ħxuna tal-ħjut m'għandhiex tkun aktar minn 4 mm.

(e) It-tqegħid tat-tieqa fil-malji tax-xibka forma ta' djamant

Għandu jkun permess li titwaħħal ħăxja ma' l-erba' ġnub tat-tieqa. Id-djametru ta' din il-ħăxja m'għandux ikun aktar minn 12 mm.

It-tul stirat tat-tieqa għandu jkun daqs it-tul stirat tal-malji djamant imwaħħla man-naħa longitudinali tat-tieqa.

L-għadd ta' malji djamant fix-xibka ta' fuq imwaħħla ma' l-iżgħar naħa tat-tieqa (jiġifieri, il-ġenb twil metru li huwa perpendikolari għall-assi longitudinali tal-manka) għandu ta' lanqas l-għadd ta' malji djamant sħiħ imwaħħla mal-ġenb longitudinali tat-tieqa diviżi b'0,7.

▼B

(f) Oħrajn

It-tqegħid tat-tieqa fix-xbiek tat-tkarkir huwa illustrat hawn taħt



▼B

ANNESS IV

PARTI I

Limitazzjonijiet kwantitattivi tal-liċenzji u permessi tas-sajd għal bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jistadu f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi

Żona ta' sajd	Sajd għal	Numru ta' liċenzji	Allokazzjoni ta' liċenzji bejn l-Istati Membri	Numru massimu ta' bastimenti preżenti f'kull ħin
Ilmijiet tan-Norveġja u ż-żona tas-sajd madwar Jan-Mayen	Aringi, fit-Tramuntana ta' 62°00′N	93	DK: 32, DE: 6, FR: 1, IRL: 9, NL: 11, SW: 12, UK: 21, PL: 1	69
	Speċijiet li jgħixu fil-qiegħ tal-baħar, fit-Tramuntana ta' 62°00′N	80	FR 18, PT: 9, DE: 16, ES: 20, UK: 14, IRL: 1	50
	Kavalli, fin-Nofsinhar ta' 62°00′ N, sajd bit-tartaruni	11	DE: 1 ([1]), DK: 26 ([1]), FR: 2 ([1]), NL: 1 ([1])	mhux rilevanti
	Kavalli, fin-Nofsinhar ta' 62°00′ N, sajd bix-xbieki tat-tkarkir	19		mhux rilevanti
	Kavalli, fit-Tramuntana ta' 62°00′ N, sajd bit-tartaruni	11 ([2])	DK: 11	mhux rilevanti
	Speċijiet industrijali, fin-Nofsinhar ta' 62°00′N	480	DK: 450, UK:	150
Ilmijiet tal-Gżejjer Faroe	Is-sajd kollu bit-tkarkir b'bastimenti ta' mhux aktar minn 180 pied fiż-żona bejn 12 u 21 mil mil-linja ta' bażi tal-Gżejjer Faroe	26	BE: 0, DE: 4, FR: 4, UK: 18	13
	Sajd maħsub għall-merluzz u l-bakkaljaw b'malji ta' minimu 135 mm, ristrett għaż-żona fin-Nofsinhar ta' 62°28′N u Lvant ta' 6°30′W	8 ([3])		4
	Tkarkir 'il barra minn distanza ta' 21 mil mil-linji bażi tal-Gżejjer Faroe. Fil-perjodi bejn l-1 ta' Marzu sal-31 ta' Mejju u l-1 ta' Ottubru u l-31 ta' Diċembru, dawn il-bastimenti jistgħu joperaw fiż-żona bejn 61°20′N u 62°00′ N u bejn 12 u 21 mil mil-linji ta' bażi.	70	BE: 0, DE: 10, FR: 40, UK: 20	26
	Sajd bit-tkarkir għal-linarda b'malji b'qies minimu ta' 100 mm fiż-żona fin-Nofsinhar ta' 61°30′N u l-Punent ta' 9°00′W u fiż-żona bejn 7°00′W u 9°00′W fin-Nofsinhar ta' 60°30′N u fiż-żona fil-Lbiċ ta' linja bejn 60°30′N, 7°00′W u 60° 00′N, 6°00′W	70	DE: 8 ([4]), FR: 12 ([4]), UK: 0 ([4])	20 ([5])
	Sajd bit-tkarkir maħsub għall-pollakkju (saithe) b'malji ta' qies minimu ta' 120 mm u bil-possibilità li jintużaw ċineg fit-tond madwar ix-xkora tax-xibka.	70		22 ([5])
	Sajd għall-istokkafixx. In-numru totali ta' liċenzji jista' jiżdied b'erba' bastimenti sabiex jiffurmaw	36	DE: 3, DK: 19, FR: 2, UK: 5, NL: 5	20

▼B

Żona ta' sajd	Sajd għal	Numru ta' liċenzji	Allokazzjoni ta' liċenzji bejn l-Istati Membri	Numru massimu ta' bastimenti preżenti f'kull ħin
	pari, jekk l-awtoritajiet tal-Gżejjer Faroe jintroduċi regoli speċjali dwar l-aċċess għal żona li tissejjaħ "iż-żona ewlenija tas-sajd għall-istokkafixx"			
	Sajd bix-xlief	10	UK: 10	6
	Sajd għall-kavalli	12	DK: 12	12
	Sajd għall-aringi fit-tramuntana ta' 61°N	21	DE: 1, DK: 7, FR: 0, UK: 5, IRL: 2, NL: 3, SW: 3	21

([1]) Din l-allokazzjoni hija valida għas-sajd bil-purse seines u bix-xbieki tat-tkarkir.
([2]) Biex tintagħżel mill-11-il liċenzja għas-sajd bil-purse seine għal kavalli fin-Nofsinhar ta' 62°00′N.
([3]) Wara r-Rekords Maqbula fl-1999, iċ-ċifri għal sajd dirett għall-merluzz u l-haddock huma inklużi fiċ-ċifri tas-"Sajd kollu bix-xbieki tat-tkarkir minn bastimenti ta' mhux aktar minn 180 pied fiż-żona bejn 12 u 21 mil mil-linji-bażi tal-Gżejjer Faeroe".
([4]) Dawn iċ-ċifri jirreferu għall-għadd massimu ta' bastimenti preżenti f'kull ħin
([5]) Dawn iċ-ċifri huma inklużi fiċ-ċifri għal "Sajd bit-tkarkir aktar minn 21 mil 'il barra mil-linji ta' bażi tal-Gżejjer Faroe"

▼B

PARTI II

Limitazzjonijiet kwantitattivi tal-liċenzji u permessi tas-sajd għal bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet Komunitarji

L-Istat tal-bandiera	Sajd għal	Numru ta' liċenzji	Għadd massimu ta' bastimenti preżenti fl-istess waqt
In-Norveġja	Aringi, fit-Tramuntana ta' 62°00′N	20	20
Il-Gżejjer Faeroe	għall-Kavalli, VIa (fit-Tramuntana ta' 56°30′N), VIIe, f,h, is-sawrell, IV, VIa (Tramuntana ta' 56°30′N), VIIe, f,h; l-aringi, VIa (Tramuntana ta' 56°30′N) l-aringi, VIa (tramuntana ta' 56° 30′N)	14	14
	Għall-aringi fit-tramuntana ta' 62°00′N	21	21
	Għall-aringi, IIIa	4	4
	Sajd industrijali għan-Norway Pout u laċċa kaħla, IV, VIa (fit-tramuntana ta' 56°30′ N): ċiċċirell, IV (inkluż qabdiet inċidentali li ma jistgħux jiġu evitati ta' stokkafixx)	15	15
	Għall-lipp u t-tusk	20	10
	Għall-istokkafixx, II, VIa (fit-tramuntana ta' 56° 30′N), VIb, VII (fil-punent ta' 12°00′W)	20	20
	Linarda	16	16
Il-Veneżwela	Snappers ([1]) (Ilmijiet tal-Gujana Franċiża)	41	pm
	Għal kelb il-baħar (Ilmijiet tal-Gujana Franċiża)	4	pm

([1]) Għandhom jiġu mistada biss b'konzijiet jew nases (snappers) jew konzijiet jew xbieki li għandhom malji minimi ta' 100mm, f' fond ta' aktar minn 30m (klieb il-baħar). Biex jinħarġu dawn il-liċenzji, trid tingieb prova li jeżisti kuntratt validu bejn is-sid tal-bastiment li japplika għal-liċenzja u intrapriża ta' l-ipproċessar mid-Diviżjoni Franċiża tal-Gujana, u li jkun jinkludi obbligu li jħott l-art għall-inqas 75 % tal-qbid kollu ta' snapper, jew 50 % tal-qbid ta' klieb il-baħar mill-bastiment ikkonċernat f'dak it-territorju, biex ikun jista'jkun ipproċessat fl-impjant ta' dik l-intrapriża.
Il-kuntratt imsemmi hawn fuq għandu jkun approvat mill-awtoritajiet Franċiżi, biex b'hekk ikun żgurat li huwa konsistenti kemm mal-kapaċità attwali tal-kumpanija ta' proċessar kontraenti kif ukoll ma' l-għanijiet għall-iżvilupp ta' l-ekonomija tal-Gujana. Kopja tal-kuntratt approvat kif xieraq għandha tinhemeż ma' l-applikazzjoni għal-liċenzja.
Fejn l-approvazzjoni msemmija tiġi rifjutata, l-awtoritajiet Franċiżi għandhom jinnotifikaw dan ir-rifjut u jagħtu r-raġunijiet lill-parti terza kkonċernata u lill-Kummissjoni.

▼B

PARTI III

Dikjarazzjoni skond l-Artikolu 25(2)

DIKJARAZZJONI TA' ĦATT L-ART ([1])

Isem il-bastiment:		Numru ta' reġistrazzjoni:	
Isem il-kaptan:		Isem l-aġent:	
Firma tal-Kaptan:			
Vjaġġ magħmul minn		ghall-	

Port tal-ħatt l-art:	

Il-kwantità ta' gambli maħtuta l-art (f'piż ħaj)			
Gambli "Bla ras ":	kg		
or (x 1,6) =	kg (gambli bir-ras)		
Gambli "Bir-ras ":	kg		
Thunnidae:	kg	Snapper (*Lutjanidae*):	kg
Klieb il-baħar:	kg	Ohrajn:	kg

([1]) Kopja tinżamm mill-kaptan, kopja tinżamm mill-uffiċjal tal-kontroll, u kopja għandha tintbagħat lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

▼B

ANNESS V

PARTI I

Informazzjoni li għandha titniżżel fil-ġurnal ta' abbord

Matul is-sajd li jsir fiż-żona ta' 200 mil nawtiku mix-xtut ta' l-Istati Membri tal-Komunità li hija koperta mir-regoli tas-sajd tal-Komunità, id-dettalji li ġejjin għandhom jitniżżlu fil-ġurnal ta' abbord immedjatament wara li jsiru dawn li ġejjin:

Wara kull refgħa:

1.1. il-kwantità (f'kilogrammi ta' piż ħaj) ta' kull speċi maqbuda;

1.2. id-data u l-ħin tar-refgħa;

1.3. il-pożizzjoni ġeografika li fiha jkunu saru l-qabdiet;

1.4. il-metodu ta' sajd użat.

Wara kull trasbord lejn jew minn bastiment ieħor:

2.1. l-indikazzjoni "irċevuti minn" u "ittrasferiti lil";

2.2. il-kwantità (f'kilogrammi ta' piż ħaj) ta' kull speċi ttrasbordata;

2.3. l-isem, l-ittri u n-numri esterni ta' l-identifikazzjoni tal-bastiment li lejh jew minnu jkun sar it-trasbord;

2.4. it-trasbord ta' merluzz m'huwiex permess.

Wara kull ħatt l-art f'port tal-Komunità:

3.1. isem il-port;

3.2. il-kwantità (f'kilogrammi ta' piż ħaj) ta' kull speċi li tinħatt l-art.

Wara kull trażmissjoni ta' informazzjoni lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej:

4.1. id-data u l-ħin tat-trażmissjoni;

4.2. tip ta' messaġġ: "qabda mad-dħul", "qabda mal-ħruġ", "qabda", "trasbord";

4.3. fil-każ ta' trażmissjoni bir-radju: isem l-istazzjon tar-radju.

▼B

PARTI II

Log-book model

FICHE DE PÊCHE **LOG SHEET**

Nom du navire / Vessel name _____ Nation _____

N° d'immatriculation / Official No _____ N° de licence ZEE / Fishing licence No _____

Nom du capitaine / Captain's name _____ Nbre équipage / No in crew _____

Départ de / Depart from _____ Date _____

Débarquement à / Landed at _____ Date _____



Mois/Month Jour/Day	Zone n°	Sonde Depth	Jour ou nuit Day or night (D or N)	Nombre de fois où les engins ont été mis à l'eau/Number of times gear is shot	Total heures de pêche Hours fished	Queues de crevette «Head-off» shrimp (kg)	Crevettes entières «Head-on» shrimp (kg)	Crevettes conservées à bord Shrimps retained on board		Vivaneaux Snapper	Requins Shark	Thonidés Tuna
								Penaeus: subtilis brasiliensis	Xyphopenaeus Kroyeri			
			D									
			N					

▼B

ANNESS VI

KONTENUT U MODALITAJIET TA' TRANSMISSJONI TA' INFORMAZZJONI LILL-KUMMISSJONI

1. **L-informazzjoni li għandha tiġi trasmessa lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropea u l-iskeda għat-trasmissjoni tagħha hija kif ġej:**

1.1. Kull darba li bastiment jibda vjaġġ ta' sajd ([1]) f'ilmijiet tal-Komunità huwa għandu jibgħat messaġġ "qabda mad-dħul" li fih jispeċifika dan li ġej

SR	m ([2])	(= bidu tar-reġistrazzjoni)
AD	m	XEU (= lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej)
SQ	m	(in-numru tas-serje tal-messaġġ fis-sena kurrenti)
TM	m	COE (= "qabda mad-dħul")
RC	m	(il-call sign internazzjonali tar-radju)
TN	o ([3])	(in-numru tas-serje tal-vjaġġ tas-sajd f'dik is sena)
NA	(o)	(isem il-bastiment)
IR	m	(l-istat tal-bandiera bħala kodiċi ISO-3 tal-pajjiż, u fejn japplika segwit bin-numru ta' referenza uniku, jekk hemm, kif applikat mill-istat tal-bandiera)
XR	m	(l-ittri esterni ta' identifikazzjoni; in-numru tal-ġenb tal-bastiment)
LT ([4])	o ([5])	(il-latitudini tal-pożizzjoni tal-bastiment fil-ħin tat-trasmissjoni)
LG ([4])	o ([5])	(il-lonġitudni tal-pożizzjoni tal-bastiment fil-ħin tat-trasmissjoni)
LI	(o)	(kalkolu tal-latitudni tal-pożizzjoni fejn il-kaptan biħsiebu jibda jistad, ippreżentata fi gradi jew f'deċimali)
LN	(o)	(il-pożizzjoni lonġitudinali stmata fejn il-kaptan biħsiebu jibda jistad, ippreżentata fi gradi jew f'deċimali)
RA	m	(iż-żona rilevanti ta' l-ICES)
OB	m	(il-kwantità skond l-ispeċi abbord, fl-istiva, f'pari kif meħtieġ: Kodiċi FAO + piż ħaj f'kilogrammi, aġġustata lejn l-eqreb 100 kilogramm)
DA	m	(id-data tat-trażmissjoni fil-format sena-xahar-jum, ssssxxjj)
TI	m	(il-ħin tat-trażmissjoni fil-format siegħa-minuti, ssmm)
MA	m	(isem il-kaptan tal-bastiment)
ER	m	(=tmiem ir-reġistrazzjoni)

1.2. Kull darba li bastiment itemm vjaġġ ta' sajd ([6]) f'ilmijiet tal-Komunità huwa għandu jibgħat messaġġ "qabda mal-ħruġ" li fih jispeċifika dan li ġej:

SR	m	(= bidu tar-reġistrazzjoni)

([1]) Vjaġġ ta' sajd ifisser vjaġġ li jibda meta l-bastiment li biħsiebu jistad jidħol fiż-żona ta' 200 mil nawtiku mix-xtut ta' l-Istati Membri tal-Komunità li hija koperta mir-regoli tas-sajd tal-Komunità u jispiċċa meta l-bastiment iħalli dik iż-żona.

([2]) m = mandatorju

([3]) o = optional (mhux obbligatorju)

([4]) LT, LG: iridu jingħataw bħala figura deċimali, 3 figuri wara l-punt deċimali;

([5]) Mhux obbligatorju jekk bastiment huwa suġġett għal sistema ta' sorveljanza bis-satellita.

([6]) Vjaġġ ta' sajd ifisser vjaġġ li jibda meta l-bastiment li biħsiebu jistad jidħol fiż-żona ta' 200 mil nawtiku mix-xtut ta' l-Istati Membri tal-Komunità li hija koperta mir-regoli tas-sajd tal-Komunità u jispiċċa meta l-bastiment iħalli dik iż-żona.

▼B

AD	m	XEU (= lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej)
SQ	m	(in-numru tas-serje tal-messaġġ għal dak il-bastiment fis-sena kurrenti)
TM	m	COX (= “qabda mal-ħruġ”)
RC	m	(il-call sign internazzjonali tar-radju)
TN	(o)	(in-numru tas-serje tal-vjaġġ tas-sajd f’dik is sena)
NA	(o)	(isem il-bastiment)
IR	m	(l-istat tal-bandiera bħala kodiċi ISO-3 tal-pajjiż, u fejn japplika segwit bin-numru ta’ referenza uniku, jekk hemm, kif applikat mill-istat tal-bandiera)
XR	m	(l-ittri esterni ta’ identifikazzjoni; in-numru tal-ġenb tal-bastiment)
LT ([1])	o ([2])	(il-latitudini tal-pożizzjoni tal-bastiment fil-ħin tat-trasmissjoni)
LG ([1])	o ([2])	(il-lonġitudni tal-pożizzjoni tal-bastiment fil-ħin tat-trasmissjoni)
RA	m	(iż-żona ta’ l-ICES rilevanti minn fejn ittieħdu l-qabdiet)
CA	m	(il-kwantità tal-qabdiet skond l-ispeċi mill-aħħar rapport ’il hawn f’pari kif meħtieġ,: Kodiċi FAO + piż ħaj f’kilogrammi, aġġustat lejn l-eqreb 100 kilogramma)
OB	(o)	(il-kwantità skond l-ispeċi abbord, fl-istiva, f’pari kif meħtieġ: Kodiċi FAO + piż ħaj f’kilogrammi, aġġustata lejn l-eqreb 100 kilogramm)
DF	(o)	(il-jiem mistada mill-aħħar rapport ’il hawn)
DA	m	(id-data tat-trażmissjoni fil-format sena-xahar-jum, ssssxxjj)
TI	m	(il-ħin tat-trażmissjoni fil-format sieġħa-minuti, ssmm)
MA	m	(isem il-kaptan tal-bastiment)
ER	m	(=tmiem ir-reġistrazzjoni)

1.3. F’intervalli ta’ tlett ijiem, li jibdew fit-tielet jum wara li l-bastiment jidħol għall-ewwel darba fiż-żoni msemmija f’1.1 meta jkun qed jistad għall-aringi u l-kavalli, u f’intervalli ta’ ġimgħa, li jibdew fis-seba’ jum wara li l-bastiment jidħol għall-ewwel darba fiż-żoni msemmija f’1.1 meta jkun qed jistad għal speċijiet oħra minbarra aringi u kavalli, il-messaġġ “rapport tal-qabda” għandu jintbagħat, b’dawn id-dettalji:

SR	m	(= bidu tar-reġistrazzjoni)
AD	m	XEU (= lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej)
SQ	m	(in-numru tas-serje tal-messaġġ għal dak il-bastiment fis-sena kurrenti)
TM	m	CAT (= “rapport tal-qabda”)
RC	m	(il-call sign internazzjonali tar-radju)
TN	(o)	(in-numru tas-serje tal-vjaġġ tas-sajd f’dik is sena)

([1]) LT, LG: iridu jingħataw bħala figura deċimali, 3 figuri wara l-punt deċimali;
([2]) Mhux obbligatorju jekk bastiment huwa suġġett għal sistema ta’ sorveljanza bis-satellita.

▼B

NA	(o)	(isem il-bastiment)
IR	m	(l-istat tal-bandiera bħala kodiċi ISO-3 tal-pajjiż, u fejn japplika segwit bin-numru ta' referenza uniku, jekk hemm, kif applikat mill-istat tal-bandiera)
XR	m	(l-ittri esterni ta' identifikazzjoni; in-numru tal-ġenb tal-bastiment)
LT ([1])	o ([2])	(il-latitudini tal-pożizzjoni tal-bastiment fil-ħin tat-trasmissjoni)
LG ([1])	o ([2])	(il-lonġitudni tal-pożizzjoni tal-bastiment fil-ħin tat-trasmissjoni)
RA	m	(iż-żona ta' l-ICES rilevanti minn fejn ittieħdu l-qabdiet)
CA	m	(il-kwantità tal-qabdiet skond l-ispeċi mill-aħħar rapport 'il hawn f'pari kif meħtieġ,: Kodiċi FAO + piż ħaj f'kilogrammi, aġġustat lejn l-eqreb 100 kilogramma)
OB	(o)	(il-kwantità abbord skond l-ispeċi, fl-istiva, f'pari kif meħtieġ,: Kodiċi FAO + piż ħaj f'kilogrammi, aġġustata lejn l-eqreb 100 kilogramm)
DF	(o)	(il-jiem mistada mill-aħħar rapport 'il hawn)
DA	m	(id-data tat-trażmissjoni fil-format sena-xahar-jum, ssssxxjj)
TI	m	(il-ħin tat-trażmissjoni fil-format siegħa-minuti, ssmm)
MA	m	(isem il-kaptan tal-bastiment)
ER	m	(=tmiem ir-reġistrazzjoni)

1.4. Kull meta jkun maħsub li jsir trasbord bejn il-messaġġ "qabda mad-dħul" u l-messaġġ "qabda mal-ħruġ" u apparti mill-messaġġi "rapport tal-qabda" messaġġ addizzjonali "trasbord" għandu jintbagħat għall-inqas 24 siegħa bil-quddiem u jispeċifika:

SR	m	(= bidu tar-reġistrazzjoni)
AD	m	XEU (= lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej)
SQ	m	(in-numru tas-serje tal-messaġġ għal dak il-bastiment fis-sena kurrenti)
TM	m	TRA (= "trasbord")
RC	m	(il-call sign internazzjonali tar-radju)
TN	(o)	(in-numru tas-serje tal-vjaġġ tas-sajd f'dik is sena)
NA	(o)	(isem il-bastiment)
IR	m	(l-istat tal-bandiera bħala kodiċi ISO-3 tal-pajjiż, u fejn japplika segwit bin-numru ta' referenza uniku, jekk hemm, kif applikat mill-istat tal-bandiera)
XR	m	(l-ittri esterni ta' identifikazzjoni; in-numru tal-ġenb tal-bastiment)
KG	m	(il-kwantità skond l-ispeċi mgħobbija jew maħtuta f'pari kif meħtieġ,: Kodiċi FAO + piż ħaj f'kilogrammi, aġġustat lejn l-eqreb 100 kilogramma)
